MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

## ONOR. IMHALLEF -- AGENT PRESIDENT

## JOSEPH R. MICALLEF

## ONOR. IMHALLEF

## TONIO MALLIA

## ONOR. IMHALLEF

## NOEL CUSCHIERI

Seduta ta' l-20 ta' Mejju, 2015

Appell Civili Numru. 16/2014/1

**L-Imhallef Carmelo sive Lino Farrugia Sacco**

**v.**

**L-Onorevoli Prim Ministru, l-Avukat Generali,**

**1.** Dawn huma appell principali maghmul mir-rikorrent, appell incidentali maghmul mill-intimat l-Avukat Generali, u appell incidentali maghmul mill-Kummissjoni ghall-Amministrazzjoni tal-Gustizzja [‘il-Kummissjoni’], minn sentenza moghtija fil-5 ta’ Gunju 2014 mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili, fil-kompetenza kostituzzjonali taghha li permezz taghha dik il-Qorti, wara li cahdet l-eccezzjonijiet preliminari sollevati mill-Avukat Generali u mill-Kummissjoni, cahdet it-talbiet tar-rikorrent billi ma sabitx li kien hemm vjolazzjoni tal-Artikolu 6[1] tal-Ewwel Skeda tal-Konvenzjoni Ewropeja ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali [“il-Konvenzjoni”] u tal-Artikolu 39[2] u [3] tal-Kostituzzjoni ta’ Malta [“il-Kostituzzjoni”], kif ukoll tal-Artikolu 11 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 42 tal-Kostituzzjoni.

**2.** Ir-rikorrent qed jappella wkoll mid-digriet interlokutorju moghti fis-17 ta’ April 2014 li permezz tieghu l-imsemmija Qorti cahdet it-talba tieghu ghaz-zieda fit-talbiet tieghu maghmula fir-rikors promotur, salv ghat-talba markata bl-ittra [x] li permezz taghha l-istess Qorti giet mitluba tiddikjara li l-paragrafu 9 tal-Kodici tal-Etika jikser l-Artikolu 42 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 11 tal-Konvenzjoni. Qed jappella wkoll mid-digriet moghti fit-2 ta’ Mejju 2014 li

permezz tieghu l-ewwel Qorti cahdet talba tieghu ghal permess li jappella mill-imsemmi digriet interlokutorju tas-17 ta' April 2014.

**Is-Sentenza Appellata**

**3.** Peress li din tikkontjeni l-fatti kif kontenuti fir-rikors promotur, it-talbiet tar-rikorrent u r-risposti guramentati tal-intimati, kif ukoll kwadru tal-fatti li taw lok ghall-vertenza odjerna, u l-konsiderazzjonijiet dettaljati li wasslu lill-ewwel Qorti ghad-decizjoni taghha, huwa opportun li s-sentenza appellata tigi riprodotta fl-intier taghha:

> "Rat ir-rikors tal-Imhallef Dr. Carmelo *sive* Lino Farrugia Sacco datata 21 ta' Frar 2014 fejn espona: -
>
> > "1. Illi fuq mera allegazzjoni ta' certi gurnalisti barranin riprodotta fil-gurnal Ingliz "The Times", l-esponenti gie intortament implikat f'bejgh klandestin ta' biljetti tal-loghob Olimpiku f'Sochi. B'konsegwenza ta' din l-ahbar sija l-allura Prim Ministru Dottor Lawrence Gonzi, u sija l-allura Vici-Kap tal-Partit Nazzjonalista Dottor Simon Busuttil, prezentement Kap tal-Oppozizzjoni, spontanjament u minghajr ebda skrutinju serju tal-veridicita' tal-allegazzjoni, pubblikament u ripetutament talbu r-rizenja minn gudikant tal-esponenti;
> >
> > "2. Illi jrid jinghad li l-precitata allegazzjoni giet ingrandita fiz-zmien tal-Kampanja Elettorali minn certa media lokali, in partikolari dik tal-Partit Nazzjonalista, 'The Times' u TVM, u mzewqa bi propoganda politika feroci, u dan avolja, kif il-fatti sussegwentement iddemostraw, dawk l-istess gurnalisti barranin ma kienu xejn affidabbli, tant li nstabu hatja ta' libell u 'malicious falsehood' fil-kaz deciz mill-England and Wales High Court (Queen's Bank Division) in re: **"Peter Cruddas vs. Jonathan Calvert, Heide Blake and the Times Newspaper Ltd"** (2013), EWHC

2298 (AB) (31st July 2013); Cruddas kien it-Tezorier tal-Partit Konservattiv Ingliz. Irrizulta li l-filmat li gabu fuq il-Website tal-Gazzetta dwar ir-rikorrent kien imbaghbas.

“3. Illi fuq l-istregwa ta' dik il-montatura l-allura Prim Ministru, l-Onorevoli Dottor Lawrence Gonzi ghadda biex fil-15 ta' Dicembru 2012 ipprezenta Mozzjoni lill-iSpeaker tal-Kamra tad-Deputati konsistenti mhux biss minn akkuza bazata fuq l-imsemmija allegazzjoni izda wkoll konnessa mal-fatt illi l-esponenti naqas li jottempera ruhu mad-decizjoni moghtija fis-sena 2007 mill-Kummissjoni ghall-Amministrazzjoni tal-Gustizzja, liema kienet iccensurat lill-esponenti bi ksur tal-Kodici ta' l-Etika talli naqas li jirrizenja minn President tal-Kumitat Olimpiku Malti;

“4. Illi fis-6 ta’ Jannar 2014 dik il-Kummissjoni baghtet ir-rapport taghha lill-iSpeaker fejn, *oltre* li rravvisat illi l-akkuza bazata fuq l-imsemmija allegazzjoni gurnalistika ma gietx ipprovata, iddikjarat li l-esponenti kien responsabbli ghall-ksur tal-Kodici ta' l-Etika;

“5. Illi permezz ta' 'Ruling' moghti mill-iSpeaker fis-seduta Parlamentari 113 tat-28 ta' Jannar 2014 gie hemm dikjarat illi l-Mozzjoni pprezentata mill-Onorevoli Dottor Gonzi "illum hi wahda mejta", u ghaldaqstant l-attwali Onorevoli Prim Ministru ghadda biex fl-istess jum intavola Mozzjoni gdida li giet mill-iSpeaker mibghuta lill-Kummissjoni ghall-Amministrazzjoni tal-Gustizzja *a tenur* tal-Kap 369 (9) sabiex hemm l-istess Mozzjoni tigi investigata kif jixraq u jinghata gudizzju dwarha. Kien b’dan in mira li l-iSpeaker kien kiteb li Mozzjoni gdida tkun tirrikjedi li l-procedura kontemplata mil-ligi terga' tigi mill-gdid segwita.

“6. Illi jigi rilevat illi fit-termini tal-ligi, il-procedura kienet tezigi li mhux biss l-akkuzi jkunu cari izda, fuq kollox, li l-istess jigu trasmessi lill-esponenti u li dan jinghata opportunita`, ragonevoli li jipprezenta dikjarazzjoni bil-miktub fiz-zmien li jista' jigi specifikat mill-Kummissjoni (art. 9 (3) tal-Kap. 369);

“7. Illi, *ciononostante*, fit-3 ta' Frar 2014 il-Kummissjoni ghall-Amministrazzjoni tal-Gustizzja, komposta mill-istess membri li kienu taw id-decizjoni tas-6 ta’ Jannar 2014, u minghajr ma aderiet ruhha mal-ligi

applikabbli, kitbet lill-iSpeaker tal-Kamra tad-Deputati fejn gharrfitu li kienet il-fehma taghha li ma ghandha xejn x'izzid mad-decizjoni antecedenti taghha tas-6 ta' Jannar 2014;

“8. Illi fl-4 ta’ Frar 2014 l-iSpeaker, *tramite* l-iSkrivan tal-Kamra, baghat jinforma b'ittra lill-Kummissjoni illi skont ir-'Ruling’ tieghu l-Mozzjoni originali mressqa minn Dottor Gonzi kienet dikjarata mejta u li issa l-Kummissjoni kellha quddiemha Mozzjoni gdida li suppost kellha ssegwi l-perkors taghha ghall-indirizz iehor mill-Kummissjoni skont il-precetti tal-ligi. Jirrizulta li ghal din l-ittri l-Eccellenza Tieghu l-President ta' Malta, Chairman tal-Kummissjoni, (li, incidentalment, *stante* l-astensjoni tieghu, ma kienx personalment parti fil-proceduri li wasslu ghad-decizjoni tas-6 ta' Jannar 2014) inkariga lis-Segretarja tal-Kummissjoni twiegeb illi r-rapport li kienet ghamlet il-Kummissjoni in bazi ghad-decizjoni msemmija ghadu jghodd b'mod definittiv u rez applikabbli ghall-Mozzjoni l-gdida; Qieghda tigi annessa kopja tar-Ruling ta' Mr Speaker tat-28 ta' Jannar 2014 (Dok B).

“9. Illi mill-premess huwa bosta evidenti illi atteggjament adottat mill-Kummissjoni jinfrangi l-ligijiet statutorji u jikkostitwixxi pregudizzju serjissimu lill-interessi tal-esponenti, tant ghaliex huwa mhux biss qatt ma gie nnotifikat mill-Kummissjoni b’ebda akkuzi formulati fuq il-Mozzjoni l-gdida tat-28 ta' Jannar 2014 u ma giet kondotta ebda investigazzjoni, b'dispett versu r-"Ruling" u d-direzzjoni ta' l-iSpeaker, izda, fondamentalment, ghaliex l-istess esponenti ma nghatax l-opportunita' ta' smigh xieraq u tas-sottomissjonijiet tad-deduzzjonijiet difensjonali tieghu, bi ksur flagranti tad-drittijiet inderogabbli tieghu. Agguntivament, l-ghemil tal-Kummissjoni, kif ikkonstatat mill-fatti, kien jirrazenta agir prepotenti u perikoluz, in kwantu l-istess Kummissjoni, bl-istess kompozizzjoni, u bis-sodalizju ta' fehma gja espressa minnha, ma setghetx hi stess tirravviva u tirrendi operattiva u vinkolanti l-istess decizjoni taghha fuq il-Mozzjoni precedenti tal-15 ta' Dicembru 2012, hekk dikjarata "mejta". Hija ben nota l-aforisma illi *"quod nullum est, nullum producit effectum";*

“10. Illi, jkollu jinghad, illi l-esponenti ma kien xejn sorpriz bl-agir antogonista tal-Kummissjoni fil-konfront tieghu, u li, minkejja kollox, issoktat tippersisti b'kull mod, skont gudizzju preformat u trattament ta' 'bias' lampanti' sija fil-kors tal-proceduri quddiemha (fejn inibitu milli jressaq xhieda li xtaq jipproduci u ma akkordatlux zmien adegwat ghad-difizi tieghu), kemm in segwitu ghad-decizjoni taghha biex b'hekk

tostakola lill-esponenti minn dak li huwa ghandu jedd ghalih skont il-ligi. Jizdied li, ghalkemm l-esponenti f’erba' okkazzjonijiet (seduti tat-18 ta' Marzu 2013, 9 ta' Mejju 2013, 17 ta' Gunju 2013 u 30 ta' Settembru 2013) kien attira l-attenzjoni tal-Kummissjoni ghall-fatt li, galadarba l-Parlament kien xolt u l-movent tal-Mozzjoni kien ukoll spicca minn membru Parlamentari, il-mozzjoni ma kien baqaghlha l-ebda legittimita', l-istess Kummissjoni, bi prepotenza, xorta wahda baqghet issegwi l-perkors imfassal minnha.

“11. Illi l-istadju li fih waslet din il-vicenda huwa alkwantu manifest illi, *una volta* d-decizjoni tal-Kummissjoni tat-5 ta' Jannar 2014 giet dikjarata nulla u ineffettiva ghall-fatt tal-annullabbilta' tal-Mozzjoni tal-15 ta' Dicembru 2012, gew u ghadhom qeghdin jigu lezi l-principji fundamentali ta’ gustizzja naturali tal-esponenti. Dan ukoll ghar-raguni illi galadarba ma giex segwit il-process okkorrenti, kif fuq inghad, u, galadarba wkoll id-decizjoni tal-Kummissjoni hi markatament nulla' ghal motiv gja' espress, issa l-Parlament Malti gie ridott ghall-prosekutur, gurija u gudikant, u tali sitwazzjoni ta’ *“judex in causa propria”* mhix zgur accettabbli fi Stat ta’ Dritt. *“Multa magis”,* imbaghad, meta kienu diversi d-Deputati Parlamentari li esprimew pubblikament l-opinjoni avversa taghhom kontra l-esponenti. Sahansitra, l-Kap tal-Oppozizzjoni l-Onor Dr. Simon Busuttil kien kiteb fi *tweet "The Government has retuned a judge's impeachment into a farce. Justice is the loser, and the judge gets off the hook scott-free"* (Dok A);

“12. Illi l-esponenti ma jistax ma jqisx l-element altament politicizzat tal-vicenda li sawret il-kaz tieghu u li impronta ruhu gmielu fuq id-decizjonijiet mehuda fir-rigward tieghu bi vjolazzjoni ta' dik it-tutela minima, izda fundamentali, li kull cittadin ghandu jispetta fil-harsien ta' drittijietu.

“13. Illi fis-seduta tal-House Business Committee tal-Parlament tad-19 ta' Frar 2014 ghalkemm ir-rikorrent kien ghadu mhux notifikat bil-mozzjoni tat-28 ta' Jannar 2014, ghalkemm ma saritx l-investigazzjoni tal-Kummissjoni ghall-Amministrazzjoni tal-Gustizzja li suppost issir, ghalkemm ma gewx segwiti l-Kostituzzjoni u l-Kap 369, ghalkemm ma gewx segwitu l-ordnijiet ta' l-iSpeaker, xorta wahda gie deciz li l-House Business Committee tibda tiddiskuti l-*way forward* inkluz l-procedura ghas-smigh ta' din il-mozzjoni bi *draft* moghti fi zmien jumejn, u li l-mozzjoni li lanqas biss notifikata lir-rikorrent tidhol fil-ktieb tal-mozzjonijiet u jigu diskussi l-proceduri kontra r-rikorrent. Dan kollu huwa irregolari u bi ksur tal-principju ta' zmien xieraq li wara li ma sar xejn ghal hames snin u

nofs, issa jridu li jsiru diskussjonijiet millum ghall-ghada. Dan kollu huwa kontra l-principji tad-drittijiet fundamentali u jiksru d-dettami tal-European Court of Human Rights.

“Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet kollha suesposti, l-esponenti jitlob bir-rispett li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:-

“(i) Tiddikjara u tiddeciedi li fil-konfront tieghu fuq il-fatti premessi kien hemm vjolazzjoni ta' l-artikolu 6 (1) tal-Ewwel Skeda tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali u tal-artikolu 39 (2) u (3) tal-Kostituzzjoni;

“(ii) Tiddikjara u tiddeciedi illi l-provvedimenti tal-Kostituzzjoni enuncjati fl-artikoli 97 (il-bazi tal-mozzjoni) u 101A, u l-artikoli 8 u 9 tal-Kap 369 iridu jigu segwiti skrupolozament fil-kaz tar-rikorrent, u applikati u rispettati mill-Kummissjoni ghall-Amministrazzjoni tal-Gustizzja;

“(iii) Tiddikjara u tiddeciedi illi d-decizjoni tal-Kummissjoni ghall-Amministrazzjoni tal-Gustizzja, konfluwita fir-rapport tal-istess Kummissjoni tas-6 ta' Jannar 2014 lill-iSpeaker tal-Kamra tad-Deputati, hija nulla u bla ebda effett legali, anke ghaliex ma setghetx isservi ta' fondament ghall-Mozzjoni tal-Prim Ministru intavolata fit-28 ta' Jannar 2014;

“(iv) Tiddikjara li l-Kummissjoni ghall-Amministrazzjoni tal-Gustizzja ghandha l-obbligu li ssegwi l-obbligi Kostituzzjonali, legali u r-*Ruling* moghtija minnu fis-Seduta Parlamentari 113 tat-28 ta’ Jannar 2014 u d-direttivi tal-iSpeaker u tinnotifika lir-rikorrent bil-mozzjoni u zzomm investigazzjoni gdida, tisma' x-xhieda u sottomissjonijiet tar-rikorrent, u thejji rapport gdid fuq il-mozzjoni tat-28 ta' Jannar 2014 u ssegwi l-principji dwar id-dritt ghal smigh xieraq u imparzjali u tal-principju tal-*audi alteram partem*;

“(v) Taghti dawk l-ordnijiet, tohrog dawk l-atti u taghti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tizgura t-twettiq tad-drittijiet fundamentali tal-esponenti skont kif hekk iggarantiti taht il-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni

surreferita u takkorda lill-esponenti r-rimedju effettiv li lilha jidhrilha gusti u xierqa skont il-haqq u c-cirkostanzi kollha tal-kaz;

“(vi) Taghtih kumpens ghall-vjolazzjonijiet kommessi mill-intimati, jew min minnhom, fil-konfront tieghu, u konsegwentement, tikkundanna lis-sokkombenti jhallsu lill-esponenti tali kumpens.

“Bl-ispejjez tal-prezenti procedura u dawk tal-Protest Gudizzjarju tas-17 ta’ Frar 2014 kontra l-intimati, minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

“Rat li dan ir-rikors gie appuntat ghas-smigh ghas-seduta tal-5 ta’ Marzu 2014.

**“Rat ir-risposta tal-Avukat Generali datata 3 ta’ Marzu 2014 a fol 30 tal-process fejn espona:-**

“1. Illi, kif inhu redatt ir-rikors promotur ma hemm l-ebda talba diretta in konfront tal-esponenti tant hu hekk li minn qari akkurat tal-istess rikors promotur jidher li dak li r-rikorrent qed jallega huwa in konfront biss tal-Kummissarju ghall-Amministrazzjoni tal-Gustizzja u forsi b’ tigdid tal-argument tal-Mozzjoni tal-Onor. Prim Ministru. Illi jidher mill-istess rikors promotur li kemm il-Kumimssjoni ghall-Amministrazzjoni tal-Gustizzja u kemm l-Onor. Prim Ministru huma indikati bhala intimati fil-kawza.

“Illi in *oltre,* l-esponenti huwa wkoll wiehed mill-membri *ex officio* tal-Kummissjoni ghall-Amministrazzjoni tal-Gustizzja li hija organu Kostituzzjonali tal-Istat u dan skont dak li jipprovdi l-Artikolu 101A(1)(b) tal-Kostituzzjoni.

*“In vista* ta’ dan, peress li ma saret ebda referenza jew talba diretta in konfront tal-esponenti u ebda spjegazzjoni tar-raguni illi ghaliha huwa ddahhal bhala intimat f’ dawn il-proceduri, huwa impossibbli u jkun azzardat ghall-esponenti li f’dan l-istadju jassumi hu ghal liema raguni gie mharrek u jirrispondi ghar-rikors promotur skont dik l-assunzjoni.

"Illi ghalhekk l-esponent qieghed f' dan l-istadju jirriserva l-pozizzjoni tieghu sabiex wara li r-rikorrent jindika b' mod car x' qieghed jattribwixxi lill-esponenti ghal dak li jirrigwarda dak li gie premess u mitlub fir-rikors promotur u r-raguni li wasslet lir-rikorrent biex jintimah f' dawn il-proceduri indipendentement mill-intimati l-ohra, jaghmel risposta aktar dettaljata f' terminu opportun kif tista' tikkoncedi din l-Onorabbli Qorti; Salv eccezzjonijiet ulterjuri u bl-ispejjez.

**"Rat ir-risposta tal-Kummissjoni ghall-Amministrazzjoni tal-Gustizzja ("il-Kummissjoni") datata 3 ta' Marzu 2014 a fol 33 tal-process fejn espona:**

**"<u>Id-difiza</u>**

"1. Preliminarjament, in-nuqqas ta' gurisdizzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti fir-rigward tal-Kummissjoni billi skont l-**artikolu 101A (14)** tal-Kostituzzjoni ta' Malta ("il-Kostituzzjoni") kwistjoni jekk il-Kummissjoni tkunx qdiet validament xi funzjoni moghtija lilha bi jew skont il-Kostituzzjoni ma ghandhiex tigi ezaminata minn ebda qorti.

"2. Minghajr pregudizzju, u preliminarjament ukoll, fir-rigward tat-tieni, t-tielet u r-raba' talba, in-nuqqas ta' kompetenza ta' din l-Onorabbli Qorti billi, fil-gurisdizzjoni kostituzzjonali taghha, din l-Onorabbli Qorti ghandha s-setgha biss tiddetermina jekk ikunx hemm ksur ta' xi wahda mid-dispozizzjonijiet tat-artikolu 33 sa 45 tal-Kostituzzjoni jew ta' xi dritt protett permezz tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali ("il-Konvenzjoni").

"3. Minghajr pregudizzju ukoll, fir-rigward ta' l-ewwel talba, l-artikolu 6(1) tal-Ewwel Skeda tal-Konvenzjoni u ta' l-artikolu 39(2) u (3) tal-Kostituzzjoni ma japplikawx ghal din il-kwistjoni ghal dawn ir-ragunijiet, jew liema minnhom:

> "a. Fl-ewwel lok, il-Kummissjoni ma ddecidietx dwar xi dritt jew obbligu civili tar-rikorrent (u lanqas iddeterminat xi akkuza kriminali kontra r-rikorrent);

“b. Fit-tieni lok, il-Kummissjoni ma kinetx qed taqdi xi funzjonita' awtorita' gudizzjarja (li fih tiddetermina litigazzjoni civili jew process kriminali) peress li fil-qadi tal-funzjonijiet taghha hi ma kellhiex is-setgha li tasal, u fil-fatt ma waslitx, ghal decizjoni dwar it-tnehhija *o meno* tar-rikorrent mill-kariga tieghu bhala Mhallef. Il-Kummissjoni kienet biss qed taqdi l-funzjonijiet investigattivi u preliminari taghha moghtija lilha skont il-Kostituzzjoni u l-Kap 369. Kull determinazzjoni, dwar it-tnehhija ta' gudikant mill-kariga gudizzjarja tieghu hija espressament eskluza mill-funzjonijiet tal-Kummissjoni u espressament fdata mill-Kostituzzjoni lill-Parlament.

“4. Minghajr pregudizzju, u fil-mertu, il-Kummissjoni mxiet skont ma titlob il-Kostituzzjoni u skont ma jitlob il-Kap 369; u b'ebda mod ma kisret id-drittijiet fundamentali tieghu kif protetti mill-Kostituzzjoni u mill-Kap 319. Bl-ispejjez u b'rizerva ghal kull eccezzjoni ohra opportuna skont il-ligi.

“5. Bl-ispejjez u b’ rizerva ghal kull eccezzjoni ohra opportuna skont il-ligi.

**“<u>Il-fatti</u>**

“6. Permezz ta' mozzjoni li ggib id-data tal-15 ta' Dicembru 2012, l-allura Prim Ministru kien ippropona li l-Kamra tad-Deputati titlob lill-President tar-Repubblika biex inehhi lill-Imhallef Dottor Lino Farrugia Sacco mill-kariga tieghu ta' Mhallef tal-Qrati Superjuri, u dan skont il-Kostituzzjoni. Kopja ta' din il-mozzjoni (flimkien mad-dikjarazzjoni relattiva) hi annessa.

“7. Skont kif jitlob l-art 9(1) tal-Kap 369, il-mozzjoni giet riferita lill-Kummissjoni.

“8. Il-mozzjoni flimkien mad-dikjarazzjoni gew ukoll notifikati lill-iMhallef Farrugia Sacco, kif jinghad fl-art 9(3) tal-Kap 369 li, skont kif jinghad ukoll fl-istess artikolu, inghata zmien ragonevoli biex jipprezenta dikjarazzjoni bil-miktub.

“9. Il-Kummissjoni ghaddiet biex, skont l-art 9(4) tal-Kap 369, taghmel l-investigazzjoni necessarja u, fis-6 ta' Jannar 2014, ghamlet ir-rapport mitlub mill-istess artikolu lill-iSpeaker.

“10. F'din l-investigazzjoni l-Imhallef Farrugia Sacco kien dejjem imsejjah biex ikun prezenti, inghata d-dritt li jipprezenta dawk ix-xhieda li tqiesu relevanti u seta’ jigi assistit mill-avukati tieghu, dan kollu kif jitlob l-art 9(7) tal-Kap 369. Fil-fatt l-Imhallef kien prezenti tul l-investigazzjoni, ipprezenta xhieda u kien assistit.

“11. Fit-28 ta' Jannar 2014 l-iSpeaker ddecieda li l-mozzjoni pprezentata mill-allura Prim Ministru fil-15 ta' Dicembru 2012:-

““…*Ilum hija wahda mejta … Naturalment il-Kamra tista' bi qbil tirravviva l-mozzjoni imma tali procedura tkun ekwivalenti ghall-introduzzjoni ta' mozzjoni gdida u tkun tirrikjedi li l-procedura kontemplata mil-ligi terga’ tigi mill-gdid segwita.*

*“Ghalhekk il-pozizzjoni tas-sedja hija li trid tigi introdotta mozzjoni gdida li timxi taht l-istess provvediment tal-artikolu 97 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta.”*

“12. Mhux minnu, kif jghid ir-rikorrent f’paragrafu 11 tar-rikors promutur, li “*d-decizjoni tal-Kummissjoni tas-6 ta' Jannar 2014 giet dikjarata nulla u ineffettiva*”. Lanqas ma hu minnu, kif jinghad fl-istess paragrafu, li l-mozzjoni tal-15 ta’ Dicembru 2012 kienet 'annullabbli'.

“13. Dakinhar stess tar-*ruling*, cioe` fit-28 ta' Jannar 2014, il-Prim Ministru attwali pprezenta mozzjoni (flimkien mad-dikjarazzjoni mehtiega) li, fil-partijiet rilevanti, tghid hekk:

*““...l-allura Prim Ministru Dr Lawrence Gonzi kien ipprezenta l-mozzjoni [surriferita]*;

“...*skont ruling... mill-Onor. Speaker l-imsemmija mozzjoni ddekadiet*...

“...*l-Gvern jemmen li dan il-process m'ghandux jintemm hawn*;

“...*ghaldaqstant jien qieghed nirreferi ghall-istess mozzjoni u qed nipproponi din il-mozzjoni pprezentata minni llum biex naghti fakulta` lill-Kamra biex tipproponi indirizz lill-President*....

*“Ghaldaqstant ghall-finijiet ta' din il-mozzjoni u biex il-process jitkompla, din il-Kamra titolbok, Sur President, li tnehhi lill-imsemmi Mhallef Dottor Lino Farrugia Sacco mill-kariga*.”

“14. Fid-29 ta' Jannar 2014, Onor Dr Anglu Farrugia, Speaker irrefera l-mozzjoni imsemmija fl-ahhar paragrafu lill-Kummissjoni:

““...*sabiex issir l-investigazzjoni necessarja u sabiex il-Kummissjoni taghmel ir-rapport taghha skont kif previst fis-subartikolu (4) tal-artikolu 9 tal-imsemmi Kap. 369.” (***DOK CAJ3** anness mar-Risposta tal-Kummissjoni).

“15. Il-Kummissjoni kkunsidrat l-ittra tal-Onor Dr Farrugia u rrispondiet hekk:

*““Il-Kummissjoni, wara li ezaminat id-dokumenti annessi mal-ittra tieghek, hija tal-fehma li a tenur tal-Artikolu 9(5) tal-Kapitolu 369, ma ghandha xejn x'izzid mar-rapport taghha tas-6 ta' Jannar 2014.” (***DOK CAJ4*** datat it-3 ta' Frar 2014 anness mar-Risposta tal-Kummissjoni.)*

“16. Sabiex tigi korrettement intiza l-konkluzjoni tal-Kummissjoni r-riljevi segwenti huma determinanti:

“a. Il-mozzjoni tal-attwali Prim Ministru tirreferi ghall-mozzjoni tal-15 ta' Dicembru 2012 u, in effett, tirrendiha parti minnha, tant li l-akkuzi kontra l-Imhallef Farrugia Sacco baqghu dawk fil-mozzjoni originali. Minn dik il-mozzjoni ma zdied xejn u ma tnaqqas xejn. Kien car mill-mozzjoni gdida li din kellha ssir mhux ghaliex kien hemm xi nuqqas fil-procedura ghat-tnehhija tal-iMhallef Farrugia Sacco, jew inkella ghaliex kien hemm xi rizultanzi godda, imma ghal ragunijiet estraneji ghall-proceduri kontra l-Imhallef Farrugia Sacco nnifishom: ragunijiet marbuta mal-effetti ta'

legislatura gdida fuq mozzjonijiet pendenti, u mar-rizenja tal-Dr Gonzi minn deputat;

"b. L-akkuzi kollha kienu gja gew ezaminati b'mod ezawrjenti fi process li fih gew applikati l-proceduri kollha li jitlob il-Kap 369;

"c. Il-process kien wiehed preliminari u investigattiv; u certament mhux determinattiv; u

"d. Ghalhekk, skont il-Kap 369, ma kienx hemm htiega, wisq inqas lok, li ssir investigazzjoni gdida fuq l-istess fatti u l-istess akkuzi.

"17. Fl-4 ta' Frar 2014, l-iSkrivan tal-Kamra kiteb lill-Kummissjoni u qal hekk:

*""Nahseb li inti ffraintendejt l-ittra tal-iSpeaker Farrugia lill-Kummissjoni u l-portata... [tar-] Ruling [li] illum huwa materja definittiva u seta' biss jigi mpunjat fil-Kamra*.

*"Ir-Ruling moghti mill-iSpeaker ifisser li l-mozzjoni [ta' Dr Gonzi]... kienet mietet definittivament. Il-mozzjoni prezenti hija mozzjoni gdida ghal indirizz iehor u allura hija distakkata u separata mill-mozzjoni precedenti.*

*"Ghalhekk jenhtieg li l-Kummissjoni thejji rapport gdid fuq din il-mozzjoni*."

"18. Il-Kummissjoni, permezz tas-Segretarju, irrispondiet hekk:

*""Il-Kummissjoni innotat il-kontenut tal-imsemmija ittra u hi tal-fehma illi r-rapport tal-Kummissjoni... datat 6 ta' Jannar 2014, skont kif previst fis-subartikolu (4) tal-Kapitolu 369, ghadu jghodd u applikabbli ghall-mozzjoni gdida."*

**"Rat ir-risposta tal-Onorevoli Prim Ministru datata t-3 ta' Marzu 2014 a fol.48 tal-process fejn espona:**

“Illi huwa evidenti mir-rikors promotur illi l-lanjanzi avvanzati mir-rikorrenti kif ukoll it-talbiet minnu dedotti jikkoncernaw l-agir u l-procedura adottata mill-intimata Kummissjoni ghall-Amministrazzjoni tal-Gustizzja in segwitu tal-Mozzjoni tat-28 ta’ Jannar 2014.

“Illi ghalhekk l-esponenti ma ghandux xi jwiegeb ghat-talbiet dedotti mir-rikorrenti u jirrimetti ruhu ghall-gudizzju ta’ din l-Onorabbli Qorti.

**“Rat ir-risposta ulterjuri ta’ l-Avukat Generali datata 6 ta’ Marzu 2014 a fol 53 tal-process fejn espona:**

“Illi fl-udjenza inizjali tal-5 ta’ Marzu 2014 ir-rikorrenti, fuq talba ghal kjarifika tal-esponent, iddikjara li huwa kien harrek lill-esponent f’din il-kawza illi r-rikorrent iddeskriva li hi l-kwalita` tieghu ta’ rapprezentant residwu tal-Gvern.

“Illi b’dan l-esponent jifhem illi huwa prezenti f’din il-kawza bhala difensur tal-legalita` u ghalhekk qieghed jaghmel is-segwenti riljevi fir-rigward tal-prestensjonijiet imressqa fir-rikors promotur:

**“1. Fl-ewwel lok mil-lat processwali:**

“Illi l-azzjoni odjerna fiha tliet tipi ta’ lanjanza u talbiet u cioe`:

“(1) lanjanza ta’ ksur ta’ drittijiet fondamentali,

“(2) lanjanza ta’ ksur ta’ dispozizzjonijiet kostituzzjonali li ma humiex dwar drittijiet fondamentali, kif ukoll

“(3) lanjanzi ta’ ksur ta’ ligi ordinarja bhal ma huma l-Att dwar il-Kummissjoni ghall-Amministrazzjoni tal-Gustizzja u in partikulari l-Artikoli 8 u 9 tieghu.

"Fil-fatt minn ezami akkurat tar-rikors promotur jirrizulta wkoll li t-talbiet dwar drittijiet fundamentali huma effettivament assorbiti mit-talbiet l-ohra u ghalhekk huma fis-sustanza talbiet ta' natura ordinarja avvanzati wkoll bhala talbiet dwar ksur ta' drittijiet fondamentali. Dan jixhdu l-fatt l-azzjoni kollha hija bazata fuq l-allegat nuqqas tal-Kummissjoni ghall-Amministrazzjoni tal-Gustizzja li thares id-dispozizzjonijiet tal-Artikoli 97 u 101A tal-Kostituzzjoni u tal-Artikoli 8 u 9 Att dwar il-Kummissjoni ghall-Amministrazzjoni tal-Gustizzja (Kap 369). Jirrizulta ghalhekk illi kieku dik il-Kummissjoni addottat l-interpretazzjoni tal-Artikolu 101A tal-Kostituzzjoni moqri flimkien mal-Artikoli 8 u 9 tal-Att dwar il-Kummissjoni ghall-Amministrazzjoni tal-Gustizzja avvanzata mir-rikorrent l-istess rikorrent ma kien ikollu l-ebda lanjanzi dwar ksur ta' drittijiet fondamentali.

**"2.** Illi l-premess igib bhala konsegwenza s-segwenti:

"i. In-nuqqas ta' gurisdizzjoni ta' din il-Qorti fis-Sede Kostituzzjonali taghha milli tiehu konjizzioni tal-azzjoni odjerna *stante* li dak li qed jigi allegat huwa sostanzjalment il-ksur tal-ligi ordinarja u ta' dispozizzjonijiet tal-Kostituzzjoni li ma humiex fil-Kapitolu IV jew fil-Konvenzjoni Ewropea;

"u

"ii. L-insostenibbilta' tal-azzjoni in kwantu bazata fuq lanjanzi ta' ksur ta' drittijiet fondamentali meta hemm in-nuqqas t' ezawriment tar-rimedju ordinarju.

"3. Illi in kwantu bazata fuq allegat ksur tal-Artikolu 6 (1) tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni, l-azzjoni odjerna timmanifesta karenza ta' bazi legali in kwantu tirreferi unikament ghal proceduri quddiem il-Kummissjoni ghall-Amministrazzjoni tal-Gustizzja li huma prettament ta' natura preliminari, istruttorja u nvestigattiva u li ma jwasslu ghal ebda tnehhija mill-kariga u ghal ebda determinazzioni ta' drittijiet civili jew ta' akkuzi kriminali kif fil-fatt jixhed l-Artikolu 9(6) tal-Kap 369.

"4. Illi fil-mertu l-azzjoni tipprezenta ruhha wkoll bhala mankanti ghar-ragunijiet segwenti:

"i. Dwar it-talba numru (i) fir-rikors promotur, *in vista* tal-identicita' tal-mertu tal-mozzjonijiet parlamentari tal-15 ta' Dicembru 2012 u tat-28 ta' Jannar 2014, ma jista' jissussisti ebda ksur tad-drittijiet fondamentali tar-rikorrent *a tenur* tal-Artikolu 6 (1) tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta mill-fatt illi r-rikorrent ma instemax darbtejn fuq l-istess meritu. Kontra dan is-smigh dopju fil-fatt josta l-principju processwali *ne bis in idem* illi ghad li eradikat fil-garanziji tad-dritt penali huwa wkoll applikabbli fil-kamp civili biex jigi evitat l-idduplikar inutili ta' proceduri li fih inniffsu huwa Ieziv tad-dritt ghas-smigh xieraq;

"Dwar it-talba numru (ii) fir-rikors promotur, in kwantu din hija diretta biss biex tottjeni dikjarazzjoni illi l-Artikoli 97 u 101A tal-Kostituzzjoni u l-Artikoli 8 u 9 tal-Kap 369 tal-Ligijiet ta' Malta "*iridu jigi segwiti skrupolozament fil-kaz tar-rikorrent, u applikati u rispettati mill-Kummissjoni ghall-Amministrazzjoni tal-Gustizzja*", hija nsostenibbli ghax hija ambivalenti dwar xi tfisser fil-konkret u hija ghalhekk nieqsa mill-utilita' u minn finalita' specifika.

"iii. Dwar it-talba numru (iii) fir-rikors promotur, ma hemm xejn Ii jista' legalment iwassal ghall-konkluzjoni li l-process istruttorju li sar mill-Kummissjoni ghall-Amministrazzjoni tal-Gustizzia huwa null *stante* li l-indagini u r-rapport tal-Kummissjoni saru skont dak li jipprovdi l-Kap 369 fuq talba tal-iSpeaker maghmula skont il-Kostituzzjoni u skont il-ligi. Illi ghalhekk il-kwistjoni legali u processwali dwar jekk ir-rapport tal-Kummissjoni setax jigi diskuss fil-Kamra abbazi tal-mozzjoni parlamentari tal-15 ta' Dicembru 2012 hija kwistjoni distinta minn dik tan-nullita' *o meno* tal-istess rapport. L-improcedibbilta' tal-mozzjoni ghalhekk ma ggibx bhala konsegwenza n-nullita` *ex tunc* tar-rapport.

"iv. *Inoltre* in kwantu ndirettament qed jigi allegat li l-process ghat-tnehhija ta' Mhallef taht il-Kostituzzjoni ta' Malta jivvjola *per se* d-dritt fondamentali ghas-smigh xieraq, l-esponent jirrileva illi din it-talba (dejjem jekk fil-fatt qed tigi avvanzata) hija fl-ewwel lok prematura *stante* li r-rikorrent ghadu ma ssubixxa ebda tali process u certament ma tnehhiex mill-kariga. L-esponent jissottometti wkoll illi ma hemm xejn li josta li l-

ordinament kostituzzjonali ta' Stat jipprovdi ghal processi ta' *impeachment* mill-Parlament ta' ufficjali li jezercitaw awtorita' pubblika diment illi dan ikun provdut b' mod car fl-ordinament guridiku tal-Istat. Dan huwa wkoll konformi mal-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem kif jigi spjegat waqt it-tattazzjoni ta' din il-kawza.

**"Rat ir-risposta ulterjuri tal-Avukat Generali datata 23 ta' April 2014 a fol 264 tal-process fejn espona:**

"Illi permezz ta' rikors datat 11 ta' April 2014 ir-rikorrent talab li jzid diversi talbiet mar-rikors promotur.

"Illi permezz ta' digriet datat 17 t'April 2014 din l-Onorabbli Qorti laqghet it-talba limitatament ghaz-zieda tat-talba (x) kontenuta fir-rikors imsemmi b'dana li l-esponent u l-intimati l-ohra gew awtorizzati jipprezentaw risposta addizzjonali f'dan ir-rigward.

"Illi permezz tat-talba (x) ir-rikorrent qieghed jitlob lil din l-Onorabbli Qorti tiddikjara li l-paragrafu 9 tal-Kodici ta' l-Etika jikser l-Artikolu 42 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 11 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem u dan ghaliex fil-fehma tieghu dan il-paragrafu qieghed johloqlu restrizzjoni mhux gustifikata f'socjeta` demokratika tad-dritt ta' assocjazzjoni.

"Illi l-esponent jeccepixxi illi din l-allegazzjoni u t-talba hija nfondata fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet segwenti:

"Fl-ewwel lok il-paragrafu 9 tal-Kodici ta' Etika ghandu jigi ezaminat fil-kuntest tat-totalita' tal-Kodici nnifsu li l-ghan tieghu hu proprju li jistabbilixxi principji ta' etika li ghandhom jirregolaw il-komportament tal-Gudikanti f'Malta u dan mhux biss sabiex jigu riflessi l-valuri mhaddna mill-membri tal-gudikatura matul is-snin imma anke sabiex tissahhah il-fiducja tal-pubbliku fl-amministrazzjoni tal-gustizzja.

"Illi fit-tieni lok isegwi ghalhekk li *a priori* l-kariga nfisha tar-rikorrent iggib maghha diversi obbligi u restrizzjonijiet fl-agir u l-*life style* tieghu li ma jistghux

jigu ekwiparati mad-drittijiet tac-cittadin kwalunkwe anke jekk f'socjeta` demokratika.

"Illi tant hu hekk li l-Artikolu 42 tal-Kostituzzjoni wara li jestabilixxi l-principju generali tad-dritt ta' ghaqda u assoccjazzjoni pacifika f'sub-artikolu 1, jirrikonoxxi fis-sub-artikolu 2 li hemm cirkostanzi fejn dan id-dritt jista' jigi limitat. Fost ir-ragunijiet gustifikabbli fil-Kostituzzjoni hemm dik elenkata f'sub-artikolu (2) (b) u cioe` restrizzjonijiet fuq ufficjali pubblici.

"Illi m'hemm ebda dubju li r-rwol ta' gudikant huwa wiehed li jaqa' fl-isfera tad-dritt pubbliku. Kif tajjeb iddefinixxiet ir-rwol ta' gudikant il-Qorti Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem fil-kaz **Pitkevich vs Russia** deciz mill-**Qorti Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem fit-8 ta' Frar 2001**[1] **-**

> *""The Court observes that the judiciary, while not being part of ordinary civil service, is nonetheless part of typical public service. A judge has specific responsibilities in the field of administration of justice which is a sphere in which States exercise sovereign powers. Consequently, the judge participates directly in the exercise of powers conferred by public law and performs duties designed to safeguard the general interests of the State."*

"Illi ghalhekk tenut kont tal-karatteristici inerenti fir-rwol ta' gudikant, l-esponent jeccepixxi li r-restrizzjoni kontenuta f'paragrafu 9 tal-Kodici ta' Etika - u cioe` restrizzjoni sabiex fost affarijiet ohra gudikanti ma jkollhomx impjieg iehor bi profitt hlief sa fejn koncess mil-ligi; sabiex ma jezercitawx professjoni ohra; sabiex ma jaghmlux xi negozju ecc – hija perfettament kompatibbli mas-subartikolu (2) (b) tal-Artikolu 42 tal-Kostituzzjoni ghax hija ragjonevolment mehtiega f'socjeta` demokratika. Dan mhux biss sabiex tigi salvagwardjata l-integrita' tal-gudikanti imma sabiex huma wkoll jispiraw fiducja quddiem il-poplu.

"Illi ghall-istess ragunijiet ma hemm ebda lezjoni tal-Artikolu 11 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem, liema Artikolu huwa formulat b'mod analogu mal-principji msemmija fl-Artikolu 42 tal-Kostituzzjoni u li addirittura jispicca billi jghid li "*This Article shall not prevent the imposition of lawful restrictions on the exercise of these rights by members of the armed forces, of the police or of the administration of the State." In vista* tal-premessi suesposti jirrizulta illi rwol ta' gudikant jikkwalifika fil-klassi ta' membri nvoluti fl-amministrazzjoni tal-Istat, senjatament il-fergha gudizzjarja u ghalhekk anke hawn ir-rikorrent ma jista' jsib ebda sostenn ghall-allegazzjoni u l-pretensjoni tieghu. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

[1] App Nru 47936/99

**“Rat ir-risposta ulterjuri tal-Onorevoli Prim Ministru datat it-22 ta' April 2014 a fol.260 tal-process fejn espona:**
“Illi t-talba tar-rikorrenti illi l-paragrafu 9 tal-Kodici tal-Etika jikser l-artikolu 42 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 11 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez.

**“Rat ir-Risposta ulterjuri tal-Kummissjoni ghall-Amministrazzjoni tal-Gustizzja datat it-22 ta' April 2014 a fol.262 tal-process fejn esponiet:**

“Din ir-risposta qed tigi pprezentata fir-rigward tat-talba addizzjonali tal-Imhallef Farrugia Sacco liema talba taqra kif gej:

> ““Finalment tiddikajara li l-paragrafu 9 tal-Kodici tal-Etika jikser l-artikolu 42 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 11 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem.”

“Ir-risposta tal-Kummissjoni ghall-Amministrazzjoni tal-Gustizza ghal din it-talba hija s-segwenti:

“Il-paragrafu 9 tal-Kodici tal-Etika ma jikser l-ebda dritt tar-rikorrent protett taht l-artikolu 42 tal-Kostituzzjoni jew l-artikolu 11 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem, jew it-tnejn.

“Rat id-Digriet taghha tas-17 ta' April 2014 a fol 249 tal-process fejn il-Qorti:

> *““Ghaldaqstant il-Qorti qed taqta' u tiddeciedi li:*
>
> *“1) Fir-rigward tar-rikors tal-11 ta' April 2014, tichad it-talba ghaz-zieda tat-talbiet (vii), (viii) u (ix) filwaqt li tilqa' it-talba ghaz-zieda tat-talba (x) b'dan li l-intimati huma awtorizzati jressqu risposta addizzjonali fir-rigward sa mhux iktar tard mit-23 ta' April 2014.*
>
> *“2) Fir-rigward tat-talba ghall-produzzjoni tax-xhieda, qed tichad it-talba u tiddikjara inammissibbli x-xhieda tal-President Emeritus Dr. George Abela u ta' Dr. Peter Grech, kif ukoll tal-Imhallef Joseph Azzopardi ghar-ragunijiet spjegati, filwaqt li tilqa' t-talba ghall-produzzjoni tas-Sur Raymond Scicluna biex jipproduci kopji tal-ittri tal-24 ta' Jannar 2014 u tad-29 ta' Jannar 2014 mibghuta lill-Avukat Generali.”*

"Rat id-Digriet taghha tat-2 ta' Mejju 2014 a fol 431 tal-process fejn il-Qorti:

*""Fid-dawl ta' dak kollu premess, din il-Qorti, wara li rat ir-rikors, ir-risposti u semghet it-trattazzjoni tal-partijiet, din il-Qorti tqis li r-rikorrent ma rnexxielux jipprova li jkun ahjar u gust li jinghata l-permess specjali mitlub ghall-appell u ghaldaqstant* ***Taqta'*** *u* ***Tiddeciedi*** *billi:*

***"Tichad*** *it-talbiet dedotti fir-rikors tat-23 ta' April 2014."*

"Rat il-verbal tas-seduta tat-2 ta' Mejju 2014 fejn l-istadju tal-provi gie definittivament maghluq.

"Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-Kummissjoni dwar l-eccezzjonijiet preliminari minnha sollevati datata d-9 ta' Mejju 2014 a fol. 437 tal-process.

"Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-Avukat Generali dwar l-eccezzjonijiet preliminari minnu sollevati datata d-9 ta' Mejju 2014 a fol 450 tal-process.

"Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tar-rikorrent datata is-16 ta' Mejju 2014 a fol 459 tal-process.

"Rat in-noti risponsivi tal-intimati.

"Rat il-verbali tas-seduti kollha fejn fl-ahhar seduta tad-29 ta' Mejju 2014 meta ssejjah ir-rikors deher ir-rikorrent l-Onor Imhallef Lino Farrugia Sacco assistit mill-Avukati Dr David u Dr Steven Farrugia Sacco, u minn Dr Philip u Dr Alex Sciberras. Dehru wkoll Dr Kristina Rapa Manche` u Dr Henri Mizzi ghall-Kummissjoni ghall-Amministrazzjoni tal-Gustizzja, u Reno Cortis bhala rapprezentant tal-istess. Deher ukoll Dr Louis Cassar Pullicino ghall-Prim Ministru. Dehru wkoll Dr Susan Sciberras u Dr Victoria Buttigieg ghall-Avukat Generali. Dr Alex Sciberras talab li ssir it-trattazzjoni mill-intimati fuq l-eccezzjonijiet preliminari, sabiex imbghad jissoktaw ir-rikorrenti fit-trattazzjoni responsiva, kif ukoll fuq it-trattazzjoni fuq il-mertu, imbaghad jigi trattat il-mertu mill-intimati. Il-Qorti laqghet t-talba. Id-difensuri tal-intimati iddikjaraw li jistriehu

fuq in-noti rispettivi taghhom dwar l-eccezzjonijiet preliminari. Dr Alex Sciberras madanakollu talab li jitratta fuq l-istess, il-Qorti laqghet it-talba.

“Saret trattazzjoni risponsiva ta' Dr Alex Sciberras, trattazzjoni fuq il-mertu ta' Dr Philip Sciberras, trattazzjoni fuq il-mertu ta' Dr Henri Mizzi ghall-Kummissjoni ghall-Amministrazzjoni tal-Gustizzja, trattazzjoni fuq il-mertu ta' Dr Victoria Buttigieg ghall-Avukat Generali, replika ta' Dr Philip Sciberras, kontro-replika ta' Dr Henri Mizzi, replika ta' Dr Alex Sciberras, trattazzjoni ta' Dr David Farrugia Sacco, trattazzjoni ta' Dr Louis Cassar Pullicino ghall-Ufficcju tal-Prim Ministru, trattazzjoni ta' Dr Henri Mizzi, u replika ta' Dr David Farrugia Sacco.

“It-trattazzjonijiet, repliki u kontro-repliki li saru gew registrati kollha fuq is-sistema eletronika. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-5 ta' Gunju 2014 fis-1:00p.m.

“Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti, rat id-dokumenti kollha esebiti, u semghet it-trattazzjoni orali tad-difensuri tal-partijiet.

**“II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>**

“Illi permezz tar-rikors promotur tieghu, r-rikorrent qiegħed jitlob dikjarazzjoni ġudizzjarja u rimedji opportuni fis-sens li ġew leżi d-drittijiet fundamentali tiegħu għal smigħ xieraq skont **l-artikolu 39 (2) u (3) tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta’ Malta** [aktar ’il quddiem imsejħa “il-Kostituzzjoni”] u l**-artikolu 6[1] tal-Ewwel Skeda tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali** [aktar ’il quddiem imsejħa “il-Konvenzjoni”]. Ir-rikorrent jallega li l-Kummissjoni ghall-Amministrazzjoni tal-Gustizzja, (aktar 'il quddiem imsejha "Il- Kummissjoni") ma aderietx ruhha mal-ligi applikabbli, u ma tatx lir-rikorrent l-opportunita' ghas-smigh xieraq fir-rigward tat-tieni mozzjoni ghat-tnehhija tieghu mill-kariga ta' gudikant. Din it-tieni mozzjoni giet intavolata mill-Onorevoli Prim Ministru Dr. Joseph Muscat,[2] wara li l-ewwel mozzjoni, intavolata mill-allura Prim Ministru, Dr. Lawrence Gonzi[3], giet dikjarata 'mejta' permezz ta' Ruling tal-iSpeaker tal-Kamra tad-Deputati.[4] Kif jirrizulta mill-istess rikors promotur, ir-rikorrent iqis li l-

[2]Mozzjoni pprezentata fil-Kamra fit-28 ta' Jannar 2014.
[3]Mozzjoni pprezentata fil-Kamra fil-15 ta' Dicembru 2012.
[4]Ruling moghti fis-Seduta tal-Kamra tad-Deputati tat-28 ta' Jannar 2014.

procedura kienet tezigi li mhux biss l-akkuzi jkunu cari, izda, li jigu trasmessi lill-istess esponent u li dan jinghata l-opportunita' ragonevoli li jipprezenta d-difiza tieghu. Minnflok, il-Kummissjoni nformat lill-iSpeaker tal-Kamra tad-Deputati b'ittra tal-4 ta' Frar 2014 u b'ittra ohra tas-7 ta' Frar 2014 li ma kellhiex x'izzid mar-Rapport taghha lill-iSpeaker tas-6 ta' Jannar 2014 u li din id-decizjoni kienet wahda definittiva. Dan kollu bi pregudizzju ghalih u bi ksur tal-libertajiet fondamentali tieghu.

*"Inoltre* r-rikorrent qed jimpunja d-decizjoni tal-Kummissjoni mfissra fir-Rapport tas-6 ta' Jannar 2014 (aktar 'il quddiem imsejjah "**Ir-Rapport")** lill-Kamra tad-Deputati bhala nulla u minghajr ebda effett (*quod nullum est nullum producit effectum)* u jghid li dan ma jistax iservi ta' fondament ghall-Mozzjoni tal-Prim Ministru intavolata fit-28 ta' Jannar 2014. Qieghed jitlob ukoll dikjarazzjoni gudizzjarja fis-sens li l-Kummissjoni ghandha tisma' u tinvestiga l-kaz tieghu u thejji rapport mill-gdid, b'kompozizzjoni gdida skont il-principji tal-gustizzja naturali; qiegħed jitlob ukoll li l-Qorti tagħti r-rimedji opportuni, fosthom kumpens xieraq u adegwat għal-leżjoni tad-drittijiet fundamentali tiegħu, subita minnu.

"B'zieda ma' dawn it-talbiet, ir-rikorrent talab addizjonalment[5] dikjarazzjoni gudizzjarja fis-sens li l-paragrafu **9 tal-Kodici ta' l-Etika** jikser l**-Artikolu 42 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 11 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem** u dan ghaliex fil-fehma tieghu dan il-paragrafu qieghed johloqlu restrizzjoni mhux gustifikata f'socjeta` demokratika tad-dritt ta' assocjazzjoni.

"L-intimat **l-Onorevoli Prim Ministru** wiegeb ghar-rikors promotur billi irrimetta ruhu ghall-gudizzju ta' din il-Qorti filwaqt li l-intimati l-ohra opponew ghat-talbiet tar-rikorrent billi ssollevaw eccezzjonijiet procedurali kif ukoll eccezzjonijiet dwar il-mertu. Fir-rigward tal-allegat vjolazzjoni tad-dritt fondamentali ta' ghaqda u assocjazzjoni, l-intimat Onorevoli Prim Ministru wiegeb li din it-talba hija nfondata u ghandha tigi michuda.

**"L-Avukat Generali** wiegeb inizjalment li peress li ma saret ebda riferenza jew talba diretta fil-konfront tieghu fir-rikors promotur, u *stante* wkoll li huwa wiehed mill-membri *ex officio* tal-Kummissjoni, irriserva l-pozizzjoni tieghu. Din il-pozizzjoni giet sorvolata b'dak verbalizzat mid-difensur tar-rikorrent fis-seduta

[5] Talba milqugha b'digriet tas-17 ta' April 2014.

tal-5 ta' Marzu 2014 fejn gie ddikjarat li "*L-Avukat Generali gie mharrek f'dawn il-proceduri fil-vesti tieghu ta' rapprezentant residwu tal-Gvern.*"[6]

“L-Avukat Generali sussegwentement ressaq id-difiza tieghu f'risposta ulterjuri debitament awtorizzata[7] fejn eccepixxa *in sintezi*:-

“i. In-nuqqas ta' gurisdizzjoni ta' din il-Qorti fis-Sede Kostituzzjonali taghha;

“ii. In-nuqqas tar-rikorrent li jezawrixxi r-rimedji ordinarji.

“iii. Illi l-kawza odjerna hija mankanti minn bazi legali in l-proceduri quddiem il-Kummissjoni ghall-Amministrazzjoni tal-Gustizzja huma prettament ta' natura preliminari, istruttorja u nvestigattiva u ma jwasslux ghal ebda tnehhija mill-kariga u ghal ebda determinazzioni ta' drittijiet civili jew ta' akkuzi kriminali kif fil-fatt jixhed l-Artikolu 9(6) tal-Kap 369.

“iv. Fil-mertu, li ma jissussistix xi ksur tal-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni jew tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni *in vista* tal-identita' tal-mertu tal-mozzjonijiet Parlamentari tal-15 ta' Dicembru 2012 u tat-28 ta' Jannar 2014; *inoltre*, fir-rigward tat-tieni talba fir-rikors promotur, din hija ambivalenti; fir-rigward tat-tielet talba, li l-process istruttorju li sar mill-Kummissjoni kien wiehed validu u skont id-dettami tal-Kap. 369 tal-Ligijiet ta' Malta u l-kwistjoni legali u processwali jekk ir-rapport tal-Kummissjoni setax jigi diskuss fil-Kamra abbazi tal-mozzjoni parlamentari tal-15 ta' Dicembru 2012 hija kwistjoni distinta minn dik tan-nullita` *o meno* tal-istess rapport. "*L-improcedibbilta' tal-mozzjoni ghalhekk ma ggibx bhala konsegwenza n-nullita 'ex tunc' tar-rapport";* u fir-rigward tar-raba' talba fir-rikors promotur, li din hija intempestiva ghar-ragunijiet hemm spjegati.

“v. Dwar il-liberta` ta' ghaqda u assocjazzjoni, l-istess intimat oppona billi jghid li kemm l-artikolu 42 (1) tal-Kostituzzjoni kif ukoll l-artikolu 11 tal-Konvenzjoni jippermettu restrizzjonijiet, fosthom dawk applikabbli ghall-

[6] Fol. 51 tal-process.
[7] Ara Verbal tas-seduta tal-5 ta' Marzu 2014 a fol.51 tal-process u digriet moghti fis-seduta tat-18 ta' Marzu 2014 fejn giet michuda t-talba tar-rikorrent ghall-isfilz tal-istess risposta ulterjuri.

ufficjali pubblici. Jghid li dawn ir-restrizzjonijiet huma applikabbli fil-konfront ta' gudikant minhabba l-integrita' tal-kariga tieghu u l-fiducja mehtiega li tigi riposta f'gudikant mill-poplu.

“**Il-Kummissjoni,** da parti taghha, eccepiet is-segwenti:-

“i. In-nuqqas ta' gurisdizzjoni ta' din il-Qorti *a tenur* tal-artikolu 101A (14) tal-Kostituzzjoni;

“ii. In-nuqqas ta' kompetenza ta' din il-Qorti fil-gurisdizzjoni kostituzzjonali taghha biex tiddetermina u tiddeciedi dwar it-tieni, it-tielet u r-raba' talbiet attrici.

“iii. L-inapplikabbilta' tal-artikolu 6 (1) tal-Ewwel Skeda tal-Konvenzjoni u tal-artikolu 39 (2) u (3) tal-Kostituzzjoni ghar-ragunijiet spjegati fir-risposta.

“iv. Li l-Kummissjoni imxiet skont il-Ligi u ma agixxietx bi ksur tad-drittijiet fondamentali tar-rikorrent.

“v. Il-paragrafu 9 tal-Kodici ta' l-Etika ma jikser l-ebda dritt tar-rikorrent *ai termini* tal-artikolu 42 tal-Kostituzzjoni u tal-artikolu 11 tal-Konvenzjoni.

**“<u>Provi Prodotti</u>**

**“Ikkonsidrat** li mhuwiex ikkontestat mill-partijiet li l-Kummissjoni ghaddiet ghad-decizjoni taghha dwar il-Mozzjoni pprezentata fit-28 ta' Jannar 2014 minghajr ma nnotifikat din il-Mozzjoni lir-rikorrent,[8] u minghajr ma tatu l-opportunita' li jaghmel is-sottomissjonijiet, iressaq ix-xhieda tieghu u jipprezenta d-difiza tieghu dwar din l-istess Mozzjoni.

[8] Ara xhieda ta' Dr. Deborah Farrugia, Segretarja tal-Kummissjoni, quddiem din il-Qorti fis-seduta tat-18 ta' Marzu 2014 a fol.147 *a tergo.*

“**Ikkonsidrat** *inoltre* li mhuwiex ikkontestat li l-ittri datati rispettivament it-3 u s-7 ta' Frar 2014, gew mibghuta mill-Kummissjoni kif komposta mill-istess membri li kienu investigaw l-ewwel Mozzjoni, liema process gie konkluz permezz tar-rapport tas-6 ta' Jannar 2014. Fis-seduta tal-11 ta' April 2014 gie verbalizzat mid-difensur tal-Kummissjoni quddiem din il-Qorti li "*d-decizjonijiet tal-Kummissjoni huma z-zewg ittri li diga` huma in atti u li ma hemmx rapport gdid.*"[9]

“**<u>Sintezi tal-Fatti tal-kaz b'riferenza ghad-Dokumenti Esebiti</u>**

“Fil-**15 ta' Dicembru 2012,** Dr. Lawrence Gonzi, allura l-Prim Ministru ta' Malta, u membru tal-Kamra tad-Deputati, ressaq mozzjoni lill-iSpeaker tal-Kamra ghall-ghemil ta’ indirizz lill-President ta' Malta ghat-tnehhija tar-rikorrent, l-On. Imhallef Lino Farrugia Sacco mill-kariga tieghu ta' Imhallef tal-Qrati Superjuri u dan *ai termini* tal-artikolu 97(2) tal-Kostituzzjoni (**DOK CAJ1**)[10]. Il-mozzjoni hija ppernjata fuq il-fatt li l-istess Imhallef injora d-direzzjoni moghtija mill-Kummissjoni billi baqa' jokkupa l-kariga ta' President tal-Kumitat Olimpiku Malti (KOM) in vjolazzjoni kontinwa tal-Kodici tal-Etika ghall-Gudikanti. Il-mozzjoni taghmel riferenza ghall-ittra li kienet intbaghtet lill-Imhallef mill-Kummissjoni fis-7 ta' Awwissu 2007 fejn gibditlu l-attenzjoni skont l-Artikolu 101A(11)(f) tal-Kostituzzjoni li l-agir tieghu bhala President tal-KOM kien "*jolqot il-fiducja li ghandu minhabba l-kariga tieghu u li hu kien qed jonqos li jimxi skont il-Kodici ta' l-Etika ghall-Gudikanti*." *Inoltre* l-mozzjoni tghid li" *recentement b'decizjoni tas-26 ta' Novembru 2012 il-Kummissjoni tal-Etika tal-Kumitat Olimpiku Internazzjonali ccensurat agir tal-istess Imhallef; u dan kollu naqqas mill-gieh u r-rispett dovut lill-Gudikatura Maltija sabiex din tista' twettaq il-funzjoni taghha bhala pilastru fondamentali tad-demokrazija fil-pajjiz."*

“Fis-6 ta' Jannar 2014, il-Kummissjoni baghtet ir-Rapport taghha lill-On. Speaker tal-Kamra (**DOK CAJ17**)[11] Huwa utili li din il-Qorti tirriproduci l-konkluzjoni tal-Kummissjoni milhuqa f'dan ir-rapport fejn sabet li:-

> *““anke in vista li l-imsemmija zewg gurnalisti[12] ma xehdux, taccetta l-verzjoni tal-Imhallef Farrugia Sacco li l-video imsemmi kien editjat b'mod skorrett.*

[9] Fol.197 tal-process.
[10] Il-mozzjoni u Dikjarazzjoni huma esebiti a fol.39 sa 41 tal-process.
[11] Esebit a fol. 93 sa 98 tal-process.
[12] Heide Blake u James Calvert

*“Ma jirrizultax li l-Imhallef Farrugia Sacco kien effettivament involut fin-negozju illecitu ta' biljetti. Biss l-allegazzjonijiet u l-proceduri konnessi fuq imsemmija, u l-pubblicita' li giet moghtija lilhom kienu rizultat dirett tal-inottemperanza tieghu mad-direttiva moghtija minn din il-Kummissjoni bl-ittra tas-7 ta' Awwissu 2007. Dan kollu jnaqqas mill-gieh u r-rispett li l-Gudikatura ghandha tispira, u jimmina l-fiducja tal-pubbliku fl-operat taghha, u jmur kontra l-Kodici ta' l-Etika ghall-Gudikanti.*

*“Ghal dawn ir-ragunijiet il-Kummissjoni ssib 'prima facie' li l-imgieba hazina tal-Imhallef Farrugia Sacco allegata fil-mozzjoni hija pruvata.”*

“Ir-rapport tal-Kummissjoni gie redatt wara diversi seduti mizmuma, fejn kien prezenti l-Imhallef Farrugia Sacco, assistit mid-difensuri tieghu, u fejn instemghu numru ta' xhieda nkluz l-istess Imhallef Farrugia Sacco (f'iktar minn seduta wahda)[13] u fejn ir-rikorrent inghata l-opportunita' li jaghmel is-sottomissjonijiet tieghu. (Verbali **DOK CAJ7-16**)[14].

“Fil-mori, l-allura Prim Ministru Dr. Lawrence Gonzi ma regax ikkontesta l-Elezzjoni Generali ta' Marzu 2013 b'konsegwenza li ma baqax membru tal-Kamra tad-Deputati. Ir-rikorrent, *tramite* d-difensuri tieghu, issollevaw punt procedurali minhabba dan il-fatt, kemm quddiem il-Kummissjoni, kif ukoll permezz ta' korrispondenza mibghuta lill-iSpeaker tal-Kamra (ara verbali tas-seduti mizmuma mill-Kummissjoni u dokumenti esebiti minn Ray Scicluna u mir-rikorrent).

“Fit-**28 ta' Jannar 2014** inghata Ruling mill-On. Speaker tal-Kamra tad-Deputati (Fol. 168-181 tal-process) "*dwar jekk din il-mozzjoni li kienet giet ipprezentata fil-legislatura precedenti tistax tigi diskussa matul il-legislatura prezenti wara l-elezzjoni generali ta' Marzu 2013."* Fir-Ruling gie deciz hekk:

*““Ghalhekk is-Sedja qieghda tiddeciedi li din il-mozzjoni llum hija wahda mejta...Naturalment il-Kamra tista' bi qbil tirriavviva l-mozzjoni imma tali procedura tkun ekwivalenti ghall-introduzzjoni ta' mozzjoni gdida u tkun tirrikjedi li l-procedura kontemplata mil-ligi terga' tigi mill-gdid segwita.”* (Enfasi tal-Qorti).

[13] Laqgha tal-Kummissjoni tal-14.10.2013 u tal-31 ta' Ottubru 2013
[14] Verbali esebiti a fol.59 sa 92 tal-process.

“Fl-istess jum, cioe` fit-**28 ta' Jannar 2014** il-Prim Ministru attwali, Dr. Joseph Muscat, ipprezenta Mozzjoni (**DOK CAJ2** a fol.42) li l-Qorti qed testrapola s-segwenti siltiet rilevanti:-

*““...l-allura Prim Ministru Dr Lawrence Gonzi kien ipprezenta l-mozzjoni illi riferenza ghaliha ssir fl-ittra tas-sitta ta' Jannar elfejn u erbatax tal-Kummissjoni ghall-Amministrazzjoni tal-Gustizzja illi kopja taghha hija hawn annessa bhala* ***"DOK A"****.....;*

“*...skont ruling... mill-Onor. Speaker l-imsemmija mozzjoni ddekadiet meta xolja l-Parlament mat-tmiem tal-legizlatura li ghaddiet;*

“*...Illi l-Gvern jemmen li dan il-process m'ghandux jintemm hawn*;

“*...ghaldaqstant jien qieghed nirreferi ghall-istess mozzjoni u qed nipproponi din il-mozzjoni pprezentata minni llum biex naghti fakulta` lill-Kamra biex tipproponi indirizz lill-President skont kif jipprovdu l-Kostituzzjoni fl-artikolu 97(2) taghha u l-Att dwar il-Kummissjoni ghall-Amministrazzjoni tal-Gustizzja (Kap.369).*

*“Ghalhekk ghall-finijiet ta' din il-mozzjoni u biex il-process jitkompla, din il-Kamra titolbok, Sur President, li tnehhi lill-imsemmi Mhallef Dottor Lino Farrugia Sacco mill-kariga tieghu ta' Imhallef tal-Qrati Superjuri kif mahsub fil-provvedimenti imsemmi tal-Kostituzzjoni ta' Malta*.”

“Fir-rigward ta' din il-mozzjoni, **Ray Scicluna**, l-iSkrivan tal-Kamra tad-Deputati, fix-xhieda tieghu moghtija fis-seduta tat-18 ta' Marzu 2014 quddiem din il-Qorti kkonferma li kien hemm annessi mal-mozzjoni kopja ta’ l-ittra tas-6 ta’ Jannar 2014 ta’ Dr. Deborah Farrugia, u tar-rapport anness mieghu illi kopja tinsab fil-process dokument “**CAJ 17**".

**“Fid-29 ta' Jannar 2014**, l-On. Speaker irrefera ufficjalment din il-mozzjoni imsemmija lill-Kummissjoni (**DOK CAJ3** a fol.43)

""...*sabiex issir l-investigazzjoni necessarja u sabiex il-Kummissjoni taghmel ir-rapport taghha skont kif previst fis-subartikolu (4) tal-artikolu 9 tal-imsemmi Kap. 369."*

"B'ittra datata t-**3 ta' Frar 2014, (DOK CAJ4** a fol 45) il-Kummissjoni rrispondiet hekk:

""Il-*Kummissjoni, wara li ezaminat id-dokumenti annessi mal-ittra tieghek, hija tal-fehma li a tenur tal-Artikolu 9(5) tal-Kapitolu 369, ma ghandha xejn x'izzid mar-rapport taghha tas-6 ta' Jannar 2014*."

"Sussegwentement b'ittra datata l-**4 ta' Frar 2014** (DOK CAJ5 a fol.46) l-Ufficcju tal-iSpeaker wiegeb lill-Kummissjoni hekk:

*""Nahseb li inti ffraintendejt l-ittra tal-Ispeaker Farrugia lill-Kummissjoni u l-portata tad-decizjoni moghtija minnu...liema Ruling illum huwa materja definittiva u seta' biss jigi impunjat fil-Kamra.*

*"Ir-Ruling moghti mill-Ispeaker ifisser li l-mozzjoni ghall-indirizz lill-President ghat-tnehhija tal-Imhallef Farrugia Sacco mill-kariga tieghu kienet mietet definittivament. Il-mozzjoni prezenti hija mozzjoni gdida ghal indirizz iehor u allura hija distakkata u separata mill-mozzjoni precedenti.*

*"Ghalhekk jenhtieg li l-Kummissjoni thejji rapport gdid fuq din il-mozzjoni."*

"Fis-**7 ta' Frar 2014** (**DOK CAJ6** a fol. 47) il-Kummissjoni wiegbet hekk:

*""Il-Kummissjoni innotat il-kontenut tal-imsemmija ittra u hi tal-fehma illi r-rapport tal-Kummissjoni ghall-Amministrazzjoni tal-Gustizzja ghat-tnehhija tal-Imhallef Carmelo Farrugia Sacco mill-kariga tieghu ta' Imhallef datat 6 ta' Jannar 2014, skont kif previst fis-sub-artikolu 9(4) tal-Kap.369 ghadu jghodd u applikabbli ghall-mozzjoni gdida.*

*"Din hija d-decizjoni definittiva tal-Kummissjoni ghall-Amministrazzjoni tal-Gustizzja."*

"Huwa utili wkoll li l-Qorti tirreferi ghad-decizjoni tal-Kummissjoni li kienet giet ikkomunikata lir-rikorrent b'ittra tas**-7 ta' Awwissu 2007** li serviet bhala bazi tal-mozzjoni tal-allura Prim Ministru Gonzi. Mir-Rapport jirrizulta mhux ikkontestat li l-Kummissjoni qalet hekk:

*""qieghda formalment tigbidlek l-attenzjoni skont l-Artikolu 101A(11)(f) tal-Kostituzzjoni li l-agir tieghek jolqot il-fiducja li ghandek minhabba l-kariga tieghek u li inti qed tonqos li timxi skont il-Kodici ta' Etika ghall-Gudikanti."*[15]

"Mill-istess Rapport, ukoll mhux kontradett, jirrizulta li b'ittra tal-**14 ta' Dicembru 2004** il-Kummissjoni nformat lir-rikorrent li hija kienet se tezamina jekk, fid-dawl tal-Kodici tal-Etika ghall-Gudikanti l-kariga ta' President tal-Kumitat Olimpiku Malti (KOM*) "..... kenitx kompatibbli mal-kariga tieghu ta' mhallef.*" Wara li saru proceduri opportuni, b'ittra tal-**20 ta' Frar 2006**, il-Kummissjoni nformat lir-rikorrent li l-kariga tieghu ta' President tal-KOM kienet tista' tikkomprometti jew tippregudika l-pozizzjoni, id-doveri jew il-funzjoni tieghu ta' gudikant (**regola 9(d) tal-Kodici tal-Etika**) u talbitu jirregolarizza l-pozizzjoni tieghu. Sussegwentement fit-**18 ta' Lulju 2006** ir-rikorrent rega' intalab li jirregola l-pozizzjoni tieghu izda l-Kummissjoni tghid li baqghet ma rcevietx risposta u regghet ikkomunikat mieghu fit-**30 ta' Ottubru 2014** fejn stednitu jattendi ghal-laqgha tal-Kummissjoni. F'din il-laqgha mizmuma fl-**20 ta' Novembru 2006** ir-rikorrent informa lill-Kummissjoni li kienu ser isiru xi emendi fl-Istatut tal-KOM li jindirizzaw il-kwistjonijiet identifikati mill-Kummissjoni u ghalhekk il-Kummissjoni issospendiet l-ezami taghha. Izda meta dawn l-ammendi gew ikkomunikati lill-Kummissjoni, din sabet, kif jirrizulta mill-ittra taghha tat**-22 ta' Mejju 2007,** li dawk l-emendi "*ma kienu jbiddlu xejn fis-sustanza minn dawn l-affarijiet li minhabba fihom il-kariga ta' President tal-KOM kienet tista' tikkomprometti jew tippregudika l-pozizzjoni tieghu bhala guduikant .. fid-dawl tar-regola 9(d) tal-Kodici tal-Etika ghall-Gudikanti u l-Linji Gwida dwar 'Attivitajiet socjali, kulturali u ohrajn."* Billi ma kellha ebda risposta jew reazzjoni mir-rikorrent, il-Kummissjoni baghtet l-ittra tas-7 ta' Awwissu 2007 surriferita.[16]

**"Xhieda**

[15] Para 12 tar-Rapport.
[16] Para. 7-12 tar-Rapport.

“Xehed **Ray Scicluna,** l-iSkrivan tal-Kamra tad-Deputati u qal li r-Ruling tal-iSpeaker[17] "*Kien ibbazat principalment fuq il-parir legali li kellu minn ghand il-Professur Refalo."* F'dik is-seduta kkonferma wkoll li d-dokumenti annessi mal-mozzjoni tal-Prim Ministru Muscat kienu kopja ta’ l-ittra tas-6 ta’ Jannar 2014 ta’ Dr. Deborah Farrugia, u tar-rapport anness mieghu illi kopja tinsab fil-process dokument **“CAJ 17**"[18].

“Xehed **l-On. Imhallef Carmelo Farrugia Sacco**[19] u qal li gie mahtur Magistrat fin-1981 u Mhallef 1997. Dak iz-zmien ma kien hemm ebda restrizzjoni ta’ l-ebda natura fuq gudikanti *in vigore*.

“Xehed "Il-*bazi li jiena qed insostni illi ma hemmx ukoll il-'fair hearing' hija parti minnha dovuta fuq dak l-aspett - Illi gew mibdulin il-kondizzjonijiet tax-xoghol tieghi minghajr qatt ma kien hemm ebda qbil jew ebda ligi....."*.

“Qal ukoll li "*Fil-Kummissjoni, fil-proceduri ahna tlabna, ‘ahna’ bhala difiza, tlabna illi jigu prezentati min-naha taghna numru ta’ xhieda. Din it-talba giet michuda."*

“Riferibbilment ghall-ewwel mozzjoni xehed: "*Xhieda qatt ma tellajt, u dan kollu* (fir-rigward tat-tieni mozzjoni). *U ghalhekk huwa essenzjali illi ssir kull tant referenza qasira – qasira, ghal dak illi effettivament gara qabel. Imma f’ linja biss fejn jien qieghed nattakka t-tieni parti mhux l-ewwel parti. L-ewwel parti mhix qed nattakkaha. Ma ghandix interess nattakka mozzjoni li giet finalment dikjarata mejta.*"[20]

“Dwar il-Kodici tal-Etika xehed: *"Effettivament dak iz-zmien illi jiena gejt mahtur Magistrat u anke in sewgitu fin-1997 Mhallef, ma kien jezisti la Kummissjoni u lanqas il-Kodici ta’ l-Etika. Kummissjoni jista’ ikun li kienet tezisti meta sirt Mhallef, nahseb li kienet tezisti meta sirt Mhallef pero` ma kienx jezisti l-ebda kodici. Effettivament kien jirregola kollox l-artikolu 16; pero` nista’ biex nghid hekk insemmi li l-ewwel kodici li hareg kien il-Kodici ta’ l-Etika ghal Gudikanti f’*

[17] Seduta tat-18 ta' Marzu 2014
[18] Fol 162 tat-traskrizzjoni tax-xhieda ta' Ray Scicluna.
[19] Seduta tal-11 ta' April 2014.
[20] Pagna 5 tat-traskrizzjoni dattilografata tax-xhieda tar-rikorrent (fol 220).

*April 2000 (fol.318). Il-Kodici ta' l-Etika fil-fatt meta wiehed jara l-artikolu 9 isib illi l-Gudikanti ma jista' ikollhom l-ebda kariga ohra mal-gvern bi hlas hlief dawk li huma espressament permessi mil-ligi. Jigifieri ma jsemmi xejn iehor dwar dak kollu illi imsemmi fil- … biex nghid hekk fl-atikolu 9 kif inhu llum."*

*"Issa effettivament dak iz-zmien ma kien hemm l-ebda indhil whatsoever mill-Gvern fuq l-isports. Anzi, il-Gvern kien ripetutament (qed nghid "il-Gvern", diversi Ministri, il-Kap ta' l-iStat, Prim Ministru, kulhadd), kienu jkellmuni ripetutament biex anzi ngib konferenzi ta' l-iSports lejn Malta, biex ingib loghob tal-Pajjizi Zghar lejn Malta, u in fatti kienu kkonsultawni biex nipprova inqabbez ic-ciklu tal-Games tal-Pajjizi z-Zghar lejn Malta...... "*

"Riferibbilment ghall-**ittra tal-2007** xehed li dik l-ittra ma semmietx li kellu jitlaq mill-kariga tieghu. Attiratlu l-attenzjoni biss.

> *""Kull ma ghamlet attiratli l-attenzjoni.... effettivament jiena qatt ma hadt sold mill-Kumitat Olimpiku Malti. Jigifieri jekk xi haga hrigt xi affarijiet, imma mhux lanqas affarijiet kbar, jigifieri affarijiet zghar*."

"Qal ukoll li bhala karigi li kien jokkupa fil-KOM, sas-sena 1987 kien membru; 1988 *Senior Vice President*, 1996 *Chairman*, minn 1999 sa April 2013, President.

**"III <u>KONSIDERAZZJONIJIET TAL-QORTI DWAR L-ECCEZZJONIJIET PRELIMINARI SOLLEVATI</u>**

"L-intimati l-Avukat Generali u Kummissjoni ssollevaw eccezzjonijiet preliminari ghar-rikors promotur, *oltre* eccezzjonijiet fuq il-mertu. Il-Qorti ser tibda billi tindirizza l-eccezzjonijiet preliminari.

**"1. Nuqqas ta' Gurisdizzjoni ta' din il-Qorti fis-Sede Kostituzzjonali taghha.**[21]

[21] Eccezzjoni 2(1) tal-Avukat Generali u t-2 eccezzjoni tal-Kummissjoni

"L-Avukat Generali, fir-risposta ulterjuri tieghu, eccepixxa "*In-nuqqas ta' gurisdizzjoni ta' din il-Qorti fis-Sede Kostituzzjonali taghha milli tiehu konjizzjoni tal-azzjoni odjerna stante li dak li qed jigi allegat huwa sostanzjalment il-ksur tal-ligi ordinarja u ta' dispozizzjonijiet tal-Kostituzzjoni li ma humiex fil-Kapitolu IV jew fil-Konvenzjoni Ewropea".*

"Il-Kummissjoni ukoll issollevat din l-eccezzjoni izda limitatament fil-konfront tat-tieni, t-tielet u r-raba' talbiet tar-rikorrenti.

"L-intimati jissottomettu li din il-Qorti fil-vesti kostituzzjonali taghha, ghandha l-gurisdizzjoni li tiddetermina jekk tkunx giet vjolata xi wahda mid-dispozizzjonijiet tal-artikolu 33 sa 45 tal-Kostituzzjoni jew xi dritt protett permezz tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali. L-Avukat Generali jsostni li t-talbiet odjerni, in kwantu li huma essenzjalment indirizzati ghan-nuqqas allegat tal-Kummissjoni li ssegwi l-procedura stabbilita *ai termini* tal-artikoli 97 u 101A tal-Kostituzzjoni u tal-Artikoli 8 u 9 Att tal-Kap 369, jesorbitaw mill-gurisdizzjoni kostituzzjonali ta' din il-Qorti.

"Indubjament il-gurisdizzjoni ta' din il-Qorti, fis-Sede Kostituzzjonali taghha, temani **mill-artikoli 47(2) tal-Kostituzzjoni u mill-artikolu 4(2) tal-Kap.319 tal-Ligijiet ta' Malta.** Din hija gurisdizzjoni originali li tisma' u tiddeċiedi kull talba magħmula minn xi persuna li qed tfittex protezzjoni minn, u rimedju ghal, xi lezjoni, attwali jew potenzjali, tal-libertajiet u tad-drittijiet fondamentali mfissra fid-dispozizzjonijiet tal-artikoli 33 sa 45 (magħdudin) tal-Kostituzzjoni, jew ta' xi dritt protett permezz tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali li jifforma parti mil-ligi ordinarja tal-pajjiz b'effett tal-Kap.319 tal-Ligijiet ta' Malta.

"Izda din il-Qorti ma tistax tikkondividi t-tezi tal-Avukat Generali. Hawnhekk jigi senjalat li l-Kummissjoni, *impliciter,* irrikonoxxiet li l-ewwel talba tar-rikorrent wahidha li tirradika l-gurisdizzjoni fis-sede kostituzzjonali ta' din il-Qorti.

"Illi il-kwistjoni centrali li tinsab ghad-decizjoni hija l-allegat ksur tal-jedd fondamentali ghas-smigh xieraq sancit bl-artikoli citati (art.39(2)(3) Kostituzzjoni u 6(1) Konvenzjoni). Il-jedd ghas-smigh xieraq m'ghandux jitqies li jitwieled bis-sahha tad-dispozizzjonijiet ta' ligi ordinarja, imma huwa jedd fondamentali, garantit, indipendentement u *supra* l-ligi ordinarja.

"Hija l-ligi ordinarja li ssegwi d-dritt fondamentali u mhux *vice versa* tant li anke fejn il-ligi ordinarja ma tghid xejn, xorta wahda jiskatta d-dritt ghall-protezzjoni ta' dan il-jedd fondamentali ghall-individwu kkoncernat.

"Apparti dan, izda, ir-rikorrent qed jilmenta wkoll dwar ksur tal-jedd fondamentali tieghu *ai termini* tal-artikolu 42 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 11 tal-Konvenzjoni, li certament hija kwistjoni li taqa' fil-gurisdizzjoni ta' din il-Qorti fis-Sede Kostituzzjonali taghha.

"Riferibbilment ghat-tieni eccezzjoni sollevata mill-Kummissjoni, il-Qorti tikkonsidra li t-tieni, t-tielet u r-raba' talbiet dedotti fir-rikors promotur huma minsuga ma' xulxin u jistghu jitqiesu taht l-aspett tal-artikolu 13 tal-Konvenzjoni (dritt ghar-rimedju effettiv). Ghalhekk ghandhom jigu ezaminati fil-kuntest tal-osservanza *o meno* tal-jedd fondamentali ghas-smigh xieraq reklamat mir-rikorrent.

"L-istess rikorrent, fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu sostna li l-ewwel mozzjoni "*hija nulla u bla effett ghax mejta u ma setghetx isservi ta' fondament ghall-mozzjoni tal-Prim Ministru intavolata fit-28 ta' Jannar 2014, u li l-fatt li l-Kummissjoni ma mxietx ma' dak preskritt mill-Kostituzzjoni, Kap 369 u dak li ordna Mr. Speaker jivvjola d-dritt fundamentali tar-rikorrent.*"[22]

"Ikkonsidrat illi meta f'kawza jokkorru li jigu indirizzati kwistjonijiet ta' lezjonijiet ta' libertajiet fondamentali u kwistjonijiet ta' ligi ordinarja li huma konnessi, din il-Qorti ghandha tasserixxi l-gurisdizzjoni fil-*veste* kostituzzjonali taghha biex tikkonsidra l-kwistjonijiet kollha sollevati.

"Fid-dawl tal-premess, din l-eccezzjoni qed tigi michuda.

**"2. Nuqqas ta' Gurisdizzjoni ta' din il-Qorti *ai termini* tal-Art.101A(14) tal-Kostituzzjoni.[23]**

[22] Pagna 13 tan-nota ta' sottomissjonijiet Par.D (fol.471)
[23] L-ewwel eccezzjoni tal-Kummissjoni.

“Il-Kummissjoni eccepiet "*in-nuqqas ta’ gurisdizzjoni ta’ din l-Onorabbli Qorti fir-rigward tal-Kummissjoni billi skont l-***artikolu 101A (14)** *tal-Kostituzzjoni ta’ Malta."*

“Dan is-subartikolu jghid hekk:

> *““(14) Il-kwistjoni jekk il-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja tkunx qdiet validament xi funzjoni mogħtija lilha bi jew skont din il-Kostituzzjoni ma għandhiex tiġi eżaminata minn ebda qorti.*”

“Dan il-punt gie trattat b'mod ezawrjenti mill-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza fl-ismijiet "***L-Imhallef Dr. Carmelo sive Lino Farrugia Sacco vs l-On. Prim Ministru et"*** deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fis-27 ta' Jannar 2014, (aktar 'il quddiem riferuta bhala ***Farrugia Sacco v PM et.****)* u fil-kawza deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawża “***L-Onor. Imh. Anton Depasquale vs L-Onor. Prim Ministru et***”, deċiża fid-29 ta’ Jannar 1999), (Imħ. G. Caruana Demajo) - iccitat b'approvazzjoni minn din il-Qorti kif diversament presjeduta fil-kaz "***Farrugia Sacco v PM et.***"

“Fil-kaz "***Depasquale v l-Onor. Prim Ministru et."*** il-Qorti irriteniet, b'riferenza ghall-artikolu 101A(14) tal-Kostituzzjoni li:

> *““Fi stat ta’ dritt hadd ma hu fuq il-ligi, u l-kummissjoni mwaqqfa taht il-ligi biex hi wkoll thares il-ligi, tkun hielsa minn skrutinju mill-Qrati fil-kaz biss li s-setghat taghha tinqeda bihom skont il-ligi; jekk tmur lil hemm minn dawn is-setghat u tfassal principji anti kostituzzjonali, tkun kisret il-ligi u l-Qrati - l-organu fdat bid-dmir li jara li l-ligi tithares - ihassru dak li tkun ghamlet hazin.”*

“Fil-kaz fl-ismijiet "***Grace Sacco -v- On.Prim Mnistru et."***- dec. fis-17 ta' Settembru 2013, il-Qorti Kostituzzjonali kellha l-okkazzjoni li tezamina artikolu analogu fil-Kostituzzjoni (l-**artikolu 115(a)**) li- jirregola s-sindakabbilta' mill-Qrati dwar kwistjonijiet jekk il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku (PSC) tkunx qdiet validament xi funzjoni mogħtija lilha bi jew skont il-Kostituzzjoni.

“Fis-sentenza taghha l-Qorti rribadiet hekk:-

*““Gie ritenut fil-gurisprudenza nostrana li l-Artikolu 115 tal-Kostituzzjoni ma jezimix lill-Kummissjoni mill-obbligu taghha li tosserva d-dispozizzjonijiet kontenuti fil-Kapitolu IV tal-istess Kostituzzjoni, li jelenka d-drittijiet fundamentali tal-bniedem li huma applikabbli ghal kulhadd, sakemm ma jkunux espressament eskluzi fl-istess dispozizzjonijiet li kkreawhom. Ghalhekk fl-operat taghha l-Kummissjoni hi tenuta li tosserva dawn id-drittijiet fundamentali.”*

“L-istess Qorti Kostituzzjonali fil-kawza "***Perit Vincent Galea v. Chairman tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku et"***[24] irriteniet li "*meta trattatta fuq id-Drittijiet Fondamentali tal-Bniedem fejn riedet (il-Kostituzzjoni) li jkun hemm hemm eccezzjonijiet qalitu kategorikament, b’mod li din il-Qorti semplicement ma tistax taccetta li oltre dak provdut fl-istess Kostituzzjoni fil-Kapitolu IV hawn xi hadd jew xi haga li ghaliha l-istess Kap. seta’ ma sar xejn*.”

“Il-Qorti f'din l-ahhar is-sentenza estendiet l-istess ragunament ghall-libertajiet fundamentali tal-bniedem elenkati fil-Kap. 319 tal-Ligijiet ta’ Malta peress li dawn id-drittijiet u libertajiet sanciti fil-Kostituzzjoni u fil-Kap.319 jirrispekkjaw lil xulxin.

“Illi kkonsidrat li ma hemm xejn fid-dispozizzjonijiet Kostituzzjonali li jfissru il-libertajiet fondamentali tal-bniedem li jezenta lill-Kummissjoni mill-iskrutinju gudizzjarju sabiex jigi stabbilit jekk gewx imharsa minnha.

“Illi jsegwi ghalhekk li l-artikolu 101A(14) ma jehlisx il-Kummissjoni mill-iskrutinju tal-Qrati sabiex jigi zgurat li fl-operat taghha mhix qed tagixxi bi ksur tal-libertajiet fondamentali tal-Bniedem.

***'Stare decisis'***

[24] Deciza fil-21 Jannar 1985; ara wkoll Q.Kos Carmel Caccopardo v. Ministru tax-Xoghlijiet deciza 29/1/1986

"Huwa minnu li l-ordinament guridiku taghna ma jammettix il-principju ta' *stare decisis (binding precedent).* Dwar dan il-punt ir-rikorrent, fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu, issottolineja li "*il-principju illum hu li sentenza tal-Qrati Superjuri fuq punt ta' dritt ghandha per regola tigi segwita, ghalkemm ma hemmx obbligu preciz in propositu, pero' huwa wkoll stabbilit illi dan il-principju huwa car ghax diversament ikollok anarkija".* ("***Dr. Vladimir Formosa v Direttur tas-Sigurta' Socjali"***- App.Civ.4 ta' Mejju 1992).

"Din ir-riflessjoni insibuha wkoll fis-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fil-kaz "***On.Imhallef Dottor Anton Depasquale vs Avukat Generali"*** - dec. 1 ta' Gunju 2001 fejn gie ritenut li:

> *""Fl-interpretazzjoni tal-ligijiet ta' pajjizna kif fuq imfisser din il-Qorti hija mghejjuna b'decizjonijiet precedenti taghha, ghax minkejja illi fis-sistema taghna ma jezistix il-kuncett ta' 'binding precedent' huwa ovvju li pronunzjamenti precedenti ta' din il-Qorti fejn il-materja partikolari tkun giet approfondita, ma ghandhomx jigu rovexxati leggerment u minghajr raguni tant serja li jwasslu lil din il-Qorti ghal konkluzzjoni li tali interpretazzjoni hija wahda jew ingusta mal-mghodija taz-zminijiet jew wahda li nterpretat ligi partikolari b'mod inkorrett."*

"Il-Qorti, ispirata mill-principju tar-rispett ghall-htiega ta' certezza legali bhala principju bazilari tar-*rule of law*, tikkondividi dan ir-ragunament, u, fid-dawl tal-premess, din l-eccezzjoni wkoll qed tigi michuda.

"Dan ir-ragunament, fil-fehma tal-Qorti, japplika wkoll ghall-apprezzament moghti mill-Qorti Kostituzzjonali fil-kaz ***Farrugia Sacco v PM*** tar-regola stabbilita fil-kawza ***Eskelinen and others v Finland*** kif ser jirrizulta aktar 'il quddiem.

**"3. Nuqqas ta' ezawriment tar-rimedju ordinarju.[25]**

"Din l-eccezzjoni logikament issegwi l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-Avukat Generali. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu[26] huwa jghid li galadarba l-ilmenti tar-rikorrent huma sostanzjalment ta' natura ordinarja, intizi biex jattakkaw l-

[25] Eccezzjoni 2(ii) tal-Avukat Generali
[26] A fol. 450 *et.seq.*

allegat nuqqas tal-Kummissjoni biex issegwi l-procedura stabbilita fil-Kostituzzjoni u fil-Kap.369 tal-Ligijiet ta' Malta, kellhom jigu ventilati quddiem Qorti ta' gurisdizzjoni ordinarja.

"Din l-eccezzjoni qed tigi sollevata *ai termini* **tal-proviso ghall-artikoli 46(2) tal-Kostituzzjoni u 4(2) tal-Kapitolu 319.**

"Il-proviso ghall-**artikolu 46(2)** tal-Kostituzzjoni ta' Malta jgħid eżattament hekk:

> ""*Iżda l-Qorti tista' jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel, tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha skont dan is-sub-artikolu f'kull każ meta tkun sodisfatta li meżżi xierqa ta' rimedju għal ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skont xi liġi oħra.*" (l-Artikolu 4(2) tal-Kapitolu 319 jgħidu l-istess ħaġa).

"Il-Qorti gja esprimiet il-fehma taghha li t-talbiet attrici m'ghandhomx jigu ridotti ghall-semplici kwistjoni ta' ligi ordinarja. *Inoltre* minn ezami akkurat tal-*proviso* premess ma jirrizultax li l-legislatur ried li jistabbilixxi bhala principju assolut fil-ligi kostituzzjonali taghna li qabel ma persuna tadixxi lil din il-Qorti fil-gurisdizzjoni kostituzzjonali taghha ghandha dejjem u tassativament tezawrixxi r-rimedji kollha disponibbli skont il-ligi ordinarja, inkluzi dawk ir-rimedji li ma jkunux ragonevolment mistennija li jkunu effettivi u accessibbli.

"Ikkonsidrat li jinkombi fuq l-eccipjent li jipprova l-ezistenza ta' rimedji effettivi u accessibbli. L-argument sollevat mill-Avukat Generali hu fis-sens li t-talbiet tar-rikorrent huma inkorporati fit-talbiet ta' natura ordinarja. Dwar dan, ir-rikorrent irribatta li fl-ilmenti tieghu dwar in-nuqqas ta' osservazzjoni tal-proceduri quddiem il-Kummissjoni qed isostni li nksiru l-principji tal-gustizzja naturali u smigh xieraq bil-mod kif mxiet il-Kummissjoni. Jghid li "*Kieku wiehed kellu jaccetta dak li qieghed jghid l-Avukat Generali tigi li wiehed ma jistax jistitwixxi proceduri kostituzzjonali, fejn gew milquta d-drittijiet fondamentali tieghu in konnessjoni ma' dekontroll, ma' kirja, hrug ta' licenzi u promozzjoni.*"[27]

"Ikkonsidrat wkoll li l-intimat Avukat Generali ma spjegax kif ir-rikorrent seta' jirrikorri ghal rimedji ordinarji biex jissindaka l-operat tal-Kummissjoni skont il-Kap.369 - onere li jinkombi fuqu. *Inoltre* skont **l-artikolu 101A(14)** tal-

[27] fol.470 para (6)

Kostituzzjoni ta' Malta l-Kummissjoni hija ezentata mill-iskrutinju tal-operat ordinarju taghha fil-qadi tal-funzjonijiet taghha, liema konsiderazzjoni ghandu impatt fuq l-aspett ta' accessibbilta' tar-rimedju ordinarju ghar-rikorrent.

"L-eccezzjoni hawn sollevata ġiet dibattuta diversi drabi fil-Qrati tagħna. Il-Qorti Kostituzzjonali fil-kaz recenti fl-ismijiet "***Ryan Briffa v Avukat Generali***" deciz fl-14 ta' Marzu 2014, wara li kkonsidrat il-kazistika rilevanti, gabret il-principji applikabbli fil-materja. Minn din is-sentenza, dawk li jolqtu il-kaz in ezami huma:

*""1. L-eżistenza tar-rimedju l-ieħor għandha tirriżulta bħala stat ta' fatt attwali u objettiv;*

*"2. Ir-rimedju jrid ikun aċċessibbli, xieraq, effettiv u adegwat biex jindirizza l-ksur lamentat;*

*"3. Biex ir-rimedju jitqies effettiv m'hemmx għalfejn li jintwera li rrimedju se jagħti lir-rikorrent suċċess garantit, imma jkun biżżejjed li jkun wieħed li jista' jiġi segwit b'mod prattiku, effettiv u effikaċi;*

*"4. Id-diskrezzjoni li għandha l-Qorti f'dan ir-rigward trid titwettaq b'mod korrett u fl-aħjar interess tal-amministrazzjoni tal-ġustizzja sabiex min-naha waħda, il-Qrati ta' indoli kostituzzjonali ma jkunux rinfaċċjati b'kawżi li messhom jew setgħu tressqu quddiem Qrati oħrajn kompetenti jew li dwarhom messhom jew setgħu jfittxu rimedji oħrajn effettivi, u min-naħa l-oħra sabiex persuna ma tkunx imċaħħda mir-rimedji li għandha jedd tfittex taħt il-Kostituzzjoni jew taht il-Konvenzjoni;*

*"5. In-nuqqas waħdu ta' teħid ta' mezzi ordinarji mir-rikorrent mhuwiex raġuni biżżejjed biex Qorti ta' xejra kostituzzjonali tiddeċiedi li ma tużax is-setgħat tagħha li tisma' l-ilment, jekk jintwera li l-imsemmija mezzi ma kienux tajbin biex jagħtu rimedju sħiħ lir-rikorrent;*

*"6. Iżda meta jidher ċar li jeżistu meżż ordinarji disponibbli biex jikseb rimedju għall-ilment tiegħu, ir-rikorrent għandu jirrikorri għal dawk il-mezzi, qabel ma jirrikorri għar-rimedju kostituzzjonali.*[28]*"*

[28]Ara fost ohrajn sentenzi tal-On.Qorti Kostituzzjonali fil-kaz fl-ismijiet ***"Dr Mario Vella vs Joseph Bannister nomine"*** 7/3/1994; tas-16 ta' Jannar 2006 fl-ismijiet "***Olena Tretyak v. Direttur taċ-***

“Minn ezami akkurata tat-talbiet tar-rikorrent, jirrizulta li l-kawza odjerna hija wahda komplessa, li tinkorpora kwistjonijiet ta' natura ordinarja kif ukoll ta' indoli kostituzzjonali. *Inoltre* l-fatti li taw lok ghal dan il-kaz huma *sui generis* kif ser jirrizulta aktar ‘il quddiem. Ghalhekk din il-Qorti mhix konvinta li r-rimedji ordinarji jistghu joffru l-effikacja, l-accessibbilta' u c-certezza mehtiega mil-ligi tuza d-diskrezzjoni biex teskludi r-rimedju kostituzzjonali.

“Kif gie ritenut mill-Qorti Kostituzzjonali fil-kawża fl-ismijiet “***Philip Spiteri vs Sammy Meilaq”*** (deċiża fit-8 ta’ Marzu 1995 u iccitata mir-rikorrent) qalet hekk:

> *““Meta l-oġġett tal-kawża jkun ta’ natura komplessa – u jkollu kwistjonijiet li għandhom rimedju f’xi liġi oħra, u oħrajn li ma għandhomx, rimedju ħlief kostituzzjonali – allura għandha tipprevali din l-aħħar azzjoni.” F’din is-sentenza l-Qorti osservat li jkun sewwa li mal-kelma komplessa jiżdied il-kliem “jew inkella imħallta.”*

“Dan il-hsieb gie rifless minn din il-Qorti kif diversament presjeduta, fis-Sede Kostituzzjonali taghha, fis-sentenza deciza fid-29 ta’ Ottubru 1993 fl-ismijiet "**Martin Gaffarena vs Kummissarju tal-Pulizija *et"*** sabet hekk: “*Maghmula dawn l-osservazzjonijiet, il-Qorti ser tidhol fil-meritu ta’ l-eccezzjoni, u tibda biex tghid, kif persistentement minnha dikjarat u sostnut, illi, bhala regola, meta si tratta ta’ kawza ta’ din ix-xorta, il-Qorti ghandha tiddirigi ruhha lejn ir-rifjut tal-ezercizzju tas-setghat taghha taht l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta, mhux biss meta ma jistax isir mod iehor ghaliex ir-rimedju jkun essenzjalment residenti quddiem Qorti ohra, imma anke, per ezempju, meta l-indagini gudizzjarja u r-rimedju ghall-ilment ikunu sostanzjalment duplikati fiz-zewg mezzi miftuha ghal min ikun qieghed iressaq l-ilment. Meta l-aspetti ta’ l-indagini ikunu ta’ natura prevalentament kostituzzjonali, bir-rimedji propriji pedissekwi, ix-xejra ghandha tmur lejn l-ezercizzju tas-setghat li l-Kostituzzjoni ta’ Malta, fl-Artikolu 46 (2), taghti lill-Qorti Civili Prim’ Awla”*

“Din il-Qorti tikkondividi dawn il-principji u ghalhekk din l-eccezzjoni wkoll qed tigi michuda.

---

***Ċittadinanza u Expatriate Affairs***"; "***Vincent Spiteri v. Onor Prim Ministru et***," 31/8/1977; "***Mouwafak Toutoungi et. v Kummissarju tal-Pulizija et."*** 25/11/2011; u "***Stacey Spiteri et. v Direttur tar-Reġistru Pubbliku***" 27/4/2012, u sentenzi oħra hemm ċitati..

**"4. L-Inapplikabbilta' tal-artikolu 6(1) u tal-artikolu 39(2) u (3) tal-Kostituzzjoni.**[29]

**"Skont l-Artikolu 39.** (2) "*Kull qorti jew awtorita` oħra ġudikanti mwaqqfa b'liġi għad-deċiżjoni dwar l-eżistenza jew l-estensjoni ta' drittijiet jew obbligi ċivili għandha tkun indipendenti u imparzjali; u meta l-proċeduri għal deċiżjoni bħal dik huma mibdija minn xi persuna quddiem qorti jew awtorita` oħra ġudikanti bħal dik, il-każ għandu jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli.*

*"(3) Ħlief bil-ftehim tal-partijiet kollha, il-proċeduri kollha ta' kull qorti u l-proċeduri dwar id-deċiżjoni tal-eżistenza jew l-estensjoni tad-drittijiet jew obbligi ċivili ta' persuna quddiem xi awtorita` ġudikanti oħra, magħdud il-pronunzjament tad-deċiżjoni tal-qorti jew awtorita` oħra, għandhom jinżammu fil-pubbliku."*

**"L-Artikolu 6 § 1** tal-Konvenzjoni jiddisponi hekk:

> *""1. In the determination of his civil rights and obligations or of any criminal charge against him, everyone is entitled to a fair and public hearing within a reasonable time by an independent and impartial tribunal established by law...."*

"Dak li ser jinghad fir-rigward tal-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni japplika ghall-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni.

"L-intimati l-Avukat Generali u l-Kummissjoni jibdew biex jikkoncedu li l-Qorti Kostituzzjonali, fil-kaz "***Farrugia Sacco v PM et.***" deciza fis-27 ta' Jannar 2014 gja ddecidiet dan il-punt billi cahhdet eccezzjoni analoga li ssollevaw f'dawk il-proceduri. Imbaghad jizvolgu r-ragunamenti taghhom ghaliex din is-sentenza ghandha tigi skartata.

"Izda, kif gja espress minn din il-Qorti meta ikkonsidrat l-eccezzjoni sollevata dwar l-applikabbilta' *o meno* tal-Artikolu 101A(14) *ante,* din il-Qorti ssibha difficli biex tirrovexxja dak gja deciz mill-Qorti Kostituzzjonali minghajr ragunijiet gravi. Ir-rimedju stabbilit fl-ordinament guridiku taghna wara pronunzjament ta' Qorti tat-tieni istanza hija biss ir-ritrattazzjoni, u, f'kawzi ta' allegat ksur ta' libertajiet

[29] It-tielet eccezzjoni tal-Avukat Generali u t-tielet eccezzjoni tal-Kummissjoni.

fondamentali, jistghu jsiru proceduri ulterjuri anke quddiem il-Qorti Ewropea. Fl-assenza ta' appell fit-terzo grad u fejn ma hemmx r-ragunijiet li jiggustifikaw ir-ritrattazzjoni, wiehed ma jistax jattakka s-sentenza ta' Qorti Kostituzzjonali dwar l-interpretazzjoni ta' punt ta' dritt Kostituzzjonali b'mod legger ghaliex f'din il-materja, il-gudikat tal-Qorti Kostituzzjonali huwa wiehed awtorevoli li jorbot anke lill-oghla istituzzjonijiet tal-pajjiz.

“Id-difensur tal-Kummissjoni jirribatti billi jaghmel riferenza ghas-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell fil-kawzi ***"Strickland v Adams Hunter"***[30] **u** ***"Formosa v Direttur tas-Sigurta' Socjali"***[31] fejn, fl-ewwel kaz, il-Qorti qalet hekk:

> *““...it is the practice in the judicial systems of these Islands, for a lower Court, whenever it disagrees on a point of law, with the opinion recently expressed by a higher tribunal, to accept it, though not strictly bound to do so.... until such time as the advisability of a modification thereof may arise before the higher court...”*

“Izda jissottometti li din il-Qorti ghandha tistrieh fuq dak deciz mill- Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem li hija l-oghla organu gudizzjarju in materja, u mhux fuq sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali.[32] Dan l-argument fih il-mertu tieghu peress li hu minnu li l-Qorti Ewropea hija l-oghla istituzzjoni gudizzjarja fil-gerarkija tal-Qrati taghna *ai fini* ta' l-interpretazzjoni tal-Konvenzjoni u ghalhekk il-Qorti ser taghmel ezami aktar approfondita  tal-kazistika tal-Qorti Ewropea .

“Il-Qorti Kostituzzjonali, fis-sentenza "***Farrugia Sacco v Prim Ministru et."*** ghamlet rassenja tal-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea dwar l-applikabbilta' *o meno* tal-protezzjoni tal-artikolu 6(1) ghall-kazijiet fejn dan l-artikolu gie invokat membri tas-servizz pubbliku, inkluzi gudikanti. Din il-Qorti m'ghandhiex ghalfejn terga' tirrepeti l-principji hemm enunzjati, jibbasta li tghid li qed taghmel riferenza shiha ghall-apprezzament ezawrjenti li ghamlet il-Qorti Kostituzzjonali dwar dawk l-izviluppi gurisprudenzjali li sehhew wara l-ewwel pronunzjamenti fil-kaz "***Pellegrin v France"***[33] u tal-pozizzjoni attwali tal-Qorti Ewropea stabbilita fil-kawza fl-ismijiet "***Vilho Eskelinen and others v Finland"***[34]**.**

---

[30] Dec.fil 15.10.1939

[31] Dec. fl-4.5.1992

[32] Page 2 tan-nota ta' sottomissjonijiet tat-23 ta' Mejju 2013

[33] ECHR, Grand Chamber, 8/12/1999, #59

[34] "***Vilho Eskelinen and Others v. Finland***" *[GC], no. 63235/00, § 62, ECHR 2007-IV).*

“B'din l-ahhar decizjoni, il-Qorti Ewropea stabbiliet zewg rekwiziti bhala l-kejl sabiex wiehed jasal ghall-konkluzjoni jekk vertenza bejn l-Istat u persuna fis-servizz civili jolqot *"civil rights and obligations"* skont l-artikolu 6(1) u cioe`:-

*““First, the State in its national law must have expressly excluded access to the courts for the post or category of staff in question. Secondly, the exclusion must be justified on objective grounds in the State’s interest.”*

“Ghalhekk il-fatt biss li l-applikant ikun qieghed f’settur jew dipartiment li jippartecipa fl-ezercizzju tas-setgha vestita bid-dritt pubbliku ma kienx wahdu deciziv ghall-kwistjoni tal-applikabbilta` tal-Artikolu 6(1); spetta wkoll lill-iStat li juri li l-materja in kontestazzjoni hija relatata mal-ezercizzju tas-setgha tal-iStat jew tkun tincidi fuq ir-rabta specjali ta’ fiducja u lealta`. (Ara wkoll QK "***Grace Sacco v On.Prim Ministru et.*** surriferit).

“Riferibbilment ghall-elementi mehtiega ghall-applikazzjoni tal-artikolu in kwistjoni l-intimati, in sostenn tat-tezi taghhom, issenjalaw is-segwenti elementi u jghidu li dawn ma gewx soddisfatti fil-kaz in ezami:-

*“i. L-awtorita' gudizzjarja trid tkun qed tiddetermina drittijiet u obbligi civili;*

*“ii. Trid taghti decizjoni li torbot (a binding decision).*

“Il-Qorti ser tezamina dawn l-argumenti separatament:

**“i. *L-awtorita' gudizzjarja trid tkun qed tiddetermina drittijiet u obbligi civili;***

“L-intimati jaghmlu riferenza ghall-paragrafu 62 tas-sentenza f'***Eskelinen*** fejn il-Qorti Ewropea qalet, *inter alia:-*

*""In order for the exclusion to be justified, it is not enough for the State to establish that the civil servant in question participates in the exercise of public power or that there exists, to use the words of the Court in Pellegrin, a 'special bond of trust and loyalty' between the civil servants and the State, as employer. It is also for the State to show that the subject matter of the dispute in issue <u>is related to the exercise of State power or that it has called into question this special bond</u>."* (enfasi ta' din il-Qorti.) Il-Qorti fil-kaz ***Farrugia Sacco v PM et.***, wara li ccitat dan il-paragrafu mbaghad osservat li jinkombi fuq l-istat li jiggustifika l-eskluzjoni tal-applikabbilta' tal-artikolu 6(1).

"A skans ta' ekwivoku, din ir-referenza għas-servizz ċivili qiegħda ssir ukoll minn din il-Qorti fid-dawl ta' dak deċiż mill-Qorti Ewropea fil-każ "***Pitkevich vs Russia***" (deċiża fit-8 ta' Frar 2001), fejn il-Qorti Ewropea rriteniet illi:

*""The Court observes that the judiciary, while not being part of ordinary civil service, is nonetheless part of typical public service. A judge has specific responsibilities in the field of administration of justice which is a sphere in which States exercise sovereign powers. Consequently, the judge participates directly in the exercise of powers conferred by public law and performs duties designed to safeguard the general interests of the State."* Dan japplika wkoll ghar-riflessjonijiet li ser taghmel din il-Qorti fir-rigward tad-dritt ta' assocjazzjoni u ghaqda, fejn ma taqbilx mal-interpretazzjoni li r-rikorrent jaghti lic-civil fid-dawl tas-sentenza f'*Pitkevich.*

"Fil-kaz ta' ***Farrugia Sacco v PM et.***, l-Qorti Kostituzzjonali kkonkludiet li l-**artikolu 6 (1)** ghandu japplika ghaliex *"għalkemm huwa minnu li dan l-artikolu (101A(14) jeskludi l-aċċess għall-qrati, fejn jidħol il-funzjonament tal-Kummissjoni, iżda mill-banda <u>l-oħra ma ntweriex mill-intimati li dan in-nuqqas ta' aċċess huwa 'justified on objective grounds in the State's interest'</u>. Fuq livell aktar speċifiku, jingħad li l-intimati ma wrewx kif iċ-ċahda tal-applikazzjoni tal-artikolu 6, u allura tad-dritt għal smigħ xieraq fil-konfront tar-rikorrent, bħala mħallef, <u>hija oġġettivament ġustifikata fl-interessi tal-Istat, multo magis, meta l-każ in diżamina jittratta dwar talba għat-tneħħija tar-rikorrent mill-ħatra tiegħu ta' mħallef</u> b'konsegwenzi serji, mhux biss għar-reputazzjoni u l-integrita` tiegħu, iżda anke dawk finanzjarji."* (Enfasi ta' din il-Qorti).[35]

[35] Para 34 tas-sentenza.

“L-intimati jghidu li, anzi, il-kaz odjern jiccentra proprju fuq il-"*special bond of trust and loyalty*"[36] bejn l-Istat u r-rikorrent.

“Ikkonsidrat li riferibbilment ghall-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, hemm distinzjoni "*netta u mmarkata bejn il-protezzjoni moghtija lic-cittadin taht il-Konvenzjoni u dik moghtija mill-Kostituzzjoni*" u taghmel riferenza ghas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fil-kaz "***Joseph Busuttil v Il-Prim Ministru et."*** 20/7/1994 li ghamlet analizi ta' din il-klawsola. Ghalhekk din il-lanjanza ghandha tigi ezaminata skont l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni.

“Jirrizulta minn skorta ta' sentenzi tal-Qorti Ewropea, li l-QEDB tibda biex tirrikonoxxi presunzjoni favur l-applikabbilta' tal-artikolu 6 fl-interpretazzjoni taghha (awtonoma) tat-terminu "*civil rights and obligations",* imbaghad matul iz-zmien ghaddiet biex taghti interpretazzjoni iktar liberali tal-kuncett fuq bazi kazwali ('*case by case basis').*

“Fis-sentenza taghha tat-8 ta' Frar 2011 fil-kaz **"Zalli v. Albania**"[37] il-Qorti Ewropea qalet hekk:

> *““Since the adoption of the Vilho Eskelinen judgment, the Court has found Article 6 to apply to disciplinary proceedings against judges (see G. v. Finland, no. 33173/05, §§ 31-35, 27 January 2009; and Olujić v. Croatia, no. 22330/05, §§ 34 and 44, 5 February 2009), police officers (see Vanjak v. Croatia, no. 29889/04, §§ 30-33, 14 January 2010) and bailiff officers (see Bayer v. Germany, no. 8453/04, §§ 37-39, 16 July 2009); as well as expulsion proceedings of military students from military training schools (Çatak v. Turkey, no. 26718/05, § 13, 6 October 2009) and proceedings concerning compensation for military servicemen (see Lelas v. Croatia, no. 55555/08, §§ 42-44, 20 May 2010; Kuzmina v. Russia, no. 15242/04, §§ 14-18, 2 April 2009; and Kondrashov and Others v. Russia, nos. 2068/03, 2076/03, 5224/03, 5385/03, 5414/03 and 5656/03, §§ 14-17, 8 January 2009); nonenforcement proceedings on behalf of a public prosecutor (see Privalikhin v. Russia, no. 38029/05, § 24, 12 May 2010) and non-enforcement proceedings on behalf of a former military serviceman (see Bormotov v. Russia, no. 24435/04, §§ 11-15, 31 July 2008)."*

[36] Il-kejl applikat fil-kaz *Pellegrin v France* ante.

[37] Application no. 52531/07

“Ghall-kuntrarju, izda, l-Qorti Ewropea kienet kategorikament enunzjat in-nuqqas ta' kompetenza taghha *rationae materiae, inter alia* f'kaz ghar-riappuntament ta' gudikant wara li kien irrizenja mill-pozizzjoni tieghu **("*Apay v. Turkey",*** no. 3964/05, 11 December 2007**)** kif ukoll f'kaz ta' gudikant li kien tnehha mill-pozizzjoni tieghu *stante* li kien naqqas mid-dinjita' tal-pozizzjoni tieghu **("*Özpınar v. Turkey"***, no. 20999/04, § 30, 19 October 2010). Dawn is-sentenzi huma rraportati biss fil-lingwa Franciza, li hija wkoll lingwa ufficjali tal-Qorti Ewropea, u hawn qed tirripproduci l-parti rilevanti mis-sentenza li tghid **"***Elle rappelle que la justice n’est pas un service public ordinaire dans la mesure où elle constitue l’une des expressions essentielles de la souveraineté et relève des missions régaliennes de l’Etat (voir Pitkevich c. Russie (déc.), n$^{o}$ 47936/99, 8 février 2001). De par sa nature, l’office du magistrat implique l’exercice de prérogatives inhérentes a` la souveraineté de l’Etat et se rapporte donc directement a` l’exercice de la puissance publique (mutatis mutandis, Pitkevich, précité, et Yilmazoglu c. Turquie (déc.), n$^{o}$ 36593/97, 12 juin 2003)... Il s’ensuit que le grief tiré de l’article 6 § 1 n’entre pas dans le champ de compétence ratione materiae de la Cour et doit donc être regardé comme incompatible avec les dispositions de la Convention."*

“Fil-kaz ta' ***Ozpinar,*** il-Qorti Ewropea b'applikazzjoni tal-kejl stabbilit fil-kaz ***Eskelinen*** eskludiet mill-applikabbilta' tal-artikolu 6(1) vertenza mressqa minn Magistrat proprju minhabba li l-ufficcju tieghu ta' magistrat johloq ostakolu ghall-applikabbilta' tal-istess artikolu.

“Il-ligi nazzjonali f'dawn iz-zewg kazijiet eskludiet l-access ghall-Qrati, bhal ma taghmel il-ligi taghna, kif gja rikonoxxut mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza ***Farrugia Sacco***. Inoltre s-sentenzi surriferiti kieni *post Eskelinen* u jidher li l-Qorti Ewropea iddecidiet li l-funzjoni ta' gudikant *per se* jeskludi l-kompetenza taghha.

“Il-kwistjoni tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-kuncett ta' jeddijiet u obbligazzjonijiet ta' natura civili *ai fini* tal-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni. Izda fil-fehma ta' din il-Qorti, il-konflitt apparenti bejn dawn l-ahhar sentenzi u l-gudizzju tal-Qorti Kostituzzonjali fil-kaz ***Farrugia Sacco v PM*** jista’ jigi rizolt abbazi tal-applikazzjoni tal-principju ta' sussidjarjeta'.

“Harsa lejn dak deciz mill-Qorti Ewropea fil-kazi "***Olujic v Croatia"*** u **"*Volkov v Ukraine"*** juru li l-Qorti Ewropea timxi fuq principju ta' sussidjarjeta' fl-applikazzjoni tal-artikolu 6. Ma hemm xejn intrinsikament konfliggenti bejn l-

estensjoni tal-artikolu 6 ghall-vertenzi li mhumiex purament ekonomici fejn dan hu permess fis-sistema legali tal-pajjiz.

“Fil-kaz **Olujic v Croatia,**[38] l-ligi nazzjonali ma eskludietx l-access ghall-Qrati ordinarji u l-Qorti Ewropea nnotat li "*the applicant was able to file a constitutional complaint against the decisions of the National Judicial Council and the Chamber of the Counties."* Abbazi ta' din il-konsiderazzjoni, il-Qorti applikat l-artikolu 6(1) u rriteniet li “*the scope of the Constitutional Court’s review in the prezent case, and its powers as to the impugned decisions, appear to provide the applicant with access to a court under the domestic system, in satisfaction of the Eskelinen test".*

“Fil-kaz ta' "***Oleksandr Volkov v. Ukraine*"**[39] l-Qorti Ewropea regghet kellha l-okkazzjoni li tikkonsidra u tafferma l-kejl stabbilit fil-kaz ***Eskelinen*** u sabet li fil-kaz in ezami, kien hemm access ghall-Qrati.

“Diga` gie kkonstatat li l-Qrati taghna assoggettaw l-operat tal-Kummissjoni ghad-dettami tal-Kap.IV tal-Kostituzzjoni sabiex jigi zgurat lill-individwu t-tharis tal-libertajiet fondamentali tieghu. Bhala principju, ghalhekk, l-artikolu **101A(14)** lanqas hu assolut fl-applikazzjoni tieghu minhabba l-interpretazzjoni tal-Kostituzzjoni stess moghtija mill-Qrati taghna.

“Illi l-Qorti Kostituzzjonali fil-kaz ta' ***Farrugia Sacco v PM et.*** ppronunzjat ruhha dwar il-punt in ezami u irrikonoxxiet ghar-ragunijiet kollha hemm dedotti, <u>li din il-Qorti qed taghmilhom taghha</u>, li gudikant jista' jitlob it-tharis skont l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni minhabba li l-intimati ma rnexxielhomx juru kif ic-cahda tal-applikazzjoni tal-artikolu 6 ghall-kaz ta' tnehhija ta' gudikant "*hija oġġettivament ġustifikata fl-interessi tal-Istat."*

“Ikkonsidrat li jista' jkun li l-Qorti Kostituzzjonali ta' Malta tat interpetazzjoni wiesgha ghal dan is-subartikolu tal-Konvenzjoni fid-dawl tas-sentenza moghtija fil-kaz ***Eskelinen*** u tal-kazistika tal-Qorti Ewropea. Din l-interpretazzjoni tiffavorixxi lill-individwu, mhux tirrestringi l-protezzjoni moghti lilu - pozizzjoni li fiha nnifisha mhix f'konflitt mal-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea u mal-principji

[38] Application no. 22330/05- 5/2/2009 paras 36-37
[39] Application no. 21722/11- 9/4/2013

inerenti fil-Konvenzjoni. Fid-dawl ta' din il-konsiderazzjoni, din il-Qorti mhix tal-fehma li l-pozizzjoni tal-intimati ghandha tigi akkolta.

**“ii. *Trid taghti decizjoni li torbot (a binding decision).***

“Il-Kummissjoni ssottomettiet li d-decizjoni m'ghandhiex tkun biss vinkolanti imma hemm bzonn li "*the result of proceedings must be directly decisive for the right in question.*"[40] Tissottometti li fil-kaz odjern, il-Kummissjoni sservi biss bhala filtru biex jizguraw li l-akkuzi kontra gudikant jirrizultaw imqar *prima facie* altrimenti ma jitressqux quddiem il-Parlament. Skont l-intimati, is-sejba mill-Kummissjoni li ma hemmx kaz '*prima facie'* mhuwiex deciziv u determinanti tad-dritt in kwistjoni, kontrarjament ghall-konkluzjoni milhuqa mill-Qorti Kostituzzjonali. Il-Kummissjoni pparagunat din il-funzjoni mad-diskrezzjoni tal-Avukat Generali *ai termini* tal-artikolu 91(3) tal-Kostituzzjoni fejn id-decizjoni li tistitwixxi proceduri *o meno* ma tiddeterminax il-kaz imma biss jekk il-kaz ghandu jibda jew jissokta. *Inoltre*, il-konsiderazzjoni li sejba ta' kaz *prima facie* tista’ tkun determinanti tal-kaz ma ssib l-ebda bazi legali peress li d-determinazzjoni definittiva tal-kaz issir mill-Parlament u mhux mill-Kummissjoni.

“Skont l-Avukat Generali, mill-artikolu 9 tal-Kap 369 johrog car li l-funzjoni tal-Kummissjoni hija merament investigattiva u cioe` li thejji rapport dwar il-mertu tal-mozzjoni. Hi ma tezercitax dixxiplina fuq il-gudikant imma tassigura li l-Kamra tad-Deputati ma tiehux proceduri dixxiplinarji kontra l-gudikant jekk dawn huma frivoli u/jew vessatorji. Hija l-Kamra tad-Deputati li finalment tiddelibera u tiddeciedi dwar il-mozzjoni.

“Kontra dan, ir-rikorrent jghid li fid-dawl tal-proceduri stabbiliti mill-Kostituzzjoni u mill-Kap 369, jirrizulta li l-Kummissjoni ghandha funzjoni aggudikattiva. Fejn hemm sejba ta' kaz '*prima facie',* il-mozzjoni ghandha (*shall)* tghaddi ghall-konsiderazzjoni tal-Kamra. Fejn ma hemmx kaz *prima facie,* din id-decizjoni hija deciziva in kwantu l-proceduri jieqfu hemm. *Inoltre* ma hemmx appell minn kwalsiasi decizjoni tal-Kummissjoni.

“Ikkonsidrat illi d-deskrizzjoni tal-process espletat mill-Kummissjoni bhala process ta' *filter* gie rikonoxxut fis-sentenzi ta' din il-Qorti diversament

[40] ***"Mennitto v Italy"* QEDB App. 33804/96**

presjeduta fil-kaz "***L-On.Imhallef Dr. Anton Depasquale v On.Prim Ministru et."*** gja citat.[41]

“F'kaz iehor fl-ismijiet *“**Imh.Anton Depasquale vs L-Onor.Prim Ministru et”,*** tal-4 ta’ Settembru 2000, il-Qorti Kostituzzjonali *sostniet*: *“Biż-żieda kontemplata u mqiegħda fis-seħħ bil-liġi impunjata, jista’ jingħad li l-proċess sar wieħed aktar elaborat, altrimenti l-proċess baqa’ essenzjalment wieħed.....Din il-Qorti għalhekk hi tal-fehma illi, ġaladarba l-proċeduri skattati quddiemha wara l-preżentata ta’ mozzjoni fil-Kamra tad-Deputati jistgħu jingħalqu b’mod finali jekk jinstab li ma jeżistux lanqas prima facie l-fatti li fuqhom tkun fondata l-mozzjoni, l-element ta’ determinazzjoni ta’ drittijiet huwa sodisfatt. Ikun hemm dik il-“legally binding decision” u għalhekk, il-proċedura ma tistax tiġi eżenti mill-applikabbilta` tal-garanziji provduti bl-Art. 6 tal-Konvenzjoni u l-Art. 39 tal-Kostituzzjoni."*

“Ikkonsidrat li l-awturi ***van Dijk u van Hoof***[42] jghidu hekk:

> *““This requirement means that there must be a connection between the dispute to be solved and any such (civil) right or obligation. On the other hand, this 'determination' need not form the main point or even the purpose of the proceedings. It is sufficient that the outcome of the (claimed) judicial proceedings may be 'decisive for'[43], or may 'affect'[44] or may 'relate to'[45] the determination and/or exercise of the right, or the determination and/or fulfilment of the obligation as the case may be; the effects need not be legal but may also be purely factual.”*

“Illi l-legislatur ghazel li jirregola l-proceduri ghall-investigazzjoni ta' mozzjoni ghat-tnehhija ta' gudikant, sabiex jigi stabbilit jekk din il-mozzjoni hija attendibbli fuq bazi *prima facie*. Dan il-process isib ezitu fid-decizjoni tal-Kummissjoni li torbot lill-Kamra tad-Deputati skont jekk il-konkluzjoni hija wahda favorevoli jew le ghall-gudikant. Jekk hija favorevoli, l-mozzjoni tieqaf hemm, izda fejn hemm sejba *prima facie,* il-mozzjoni ghandha tigi kkunsidrata mill-Kamra (Art 9(5) tal-Kap.369).

---

[41] Pagna 33 tas-sentenza tas-sena 1999.
[42] P.Van Dijk u G.J.H. Van Hoof "***Theory and Practice of the European Convention on Human Rights"*** (3rd.Ed.) p 397
[43] *Ringeisen, 16/7/1979, Winterwerp, 23/9/1982, Sporrong and Lonnroth, 27/10, 1987 u sentenzi ohra ccitati*
[44] *Winterwerp, 23/9/1982, Sporrong and Lonnroth, 27/10, 1987*
[45] *Skarby, 28/6/1990*

"F'dan is-sens ristrett, id-decizjoni tal-Kummissjoni, ghalkemm mhix deciziva tal-mertu tal-mozzjoni (u dwar dan l-intimati ghandhom ragun) hija determinanti fl-effetti taghha fuq l-*iter* procedurali li jrid jigi segwit ghat-tnehhija ta' gudikant.

"Il-Qorti Kostituzzjonali fil-kaz "***Farrugia Sacco v PM et"*** esprimiet ruhha hekk : "*Finalment u b'referenza għall-punt sollevat mill-Kummissjoni fit-trattazzjoni orali, il-Qorti tosserva li, għalkemm huwa minnu li l-kariga ta' mħallef hija protetta mill-Parlament, min-naħa l-oħra pero`, għandu jkun daqstant ċar li d-dritt għal smigħ xieraq għandu jingħata lill-ġudikant soġġett ta' mozzjoni bħal dik in diżamina, sa mill-bidu nett tal-proċeduri kontra tiegħu, u mhux mill-istadju fejn ikun diġa' hemm deċiżjoni sfavorevoli għalih*."

**"IV. MERTU**

**"OSSERVAZZJONIJIET PRELIMINARI TAL-QORTI**

**"Kaz *sui generis***

"Qabel xejn irid jigi ippuntwalizzat li mhuwiex il-kompitu ta' din il-Qorti, f'dawn il-proceduri li tesprimi tuhha dwar il-mertu tal-kaz imressaq quddiem il-Kummissjoni kontra r-rikorrent.

"Dwar il-mertu tal-kaz quddiemha din il-Qorti tibda biex tghid li l-*fattispecie* ta' dan il-kaz huwa wiehed *sui generis*. Dan ifisser li l-ezami taghha iridu jkunu relatati ghall-fatti konkreti u mhux fuq il-principji isolati mic-cirkostanzi partikolarissimi ta' dan il-kaz.

"Bla ebda dubbju, il-fatt ewlieni li ta lok ghal din il-kawza huwa wiehed accidentali, totalment esternat mill-proceduri segwiti mill-Kummissjoni peress li hu dovut ghall-fatt sopravenjenti tal-Elezzjoni Generali tal-2013.

"Illi kien biss il-fatt li l-allura Prim Ministru ma regax ippropona ruhu bhala kandidat parlamentari li n-necessita`, ir-riproponiment ta' mozzjoni ghat-tnehhija ta' gudikant li hija l-mertu ta' din il-kawza, u dan *ai fini* tar-regoli ta' procedura tal-istess Kamra tad-Deputati. Il-fatt li l-Kummissjoni ma segwitx il-proceduri dettati mil-ligi ordinarja *ex novo,* fil-fehma ta' din il-Qorti, fih innifsu ma jwassalx ghal ksur tal-jedd ghas-smigh xieraq fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz.

"Illi din il-kawza hija *sui generis* ghaliex il-Qorti m'ghandhiex quddiemha kaz fejn il-gudikant ikkoncernat qatt ma instema fuq il-mozzjoni kontrih, u ma thalliex iressaq is-sottomissjonijiet u d-difiza tieghu. F'tali kaz kien ikollu kull ragun ir-rikorrent. Izda l-fatti huma ghal kollox partikolari ghaliex hu kien diga instema' fuq l-istess fatti.

**"Illi effettivament, r-rikorrent qed jipproponi l-mistoqsija jekk il-jedd tieghu ghas-smigh xieraq jinnecessita' l-jedd li jinstema' darbtejn fuq l-istess fatti/akkuza. Jekk, f'termini ohra, biex ikun hemm "*fairness*" fis-smigh, il-Kummissjoni ma setghetx toqghod fuq dak li gja gie finalizzat minnha wara proceduri gja inkorsi *ai termini* tal-ligi.**

"Illi kkonsidrat ukoll li r-rikorrent f'ebda mument ma wera li hemm differenza bejn iz-zewg mozzjonijiet.

**"Konsiderazzjonijiet tal-Qorti Dwar L-Ewwel Talba - Smigh Xieraq fuq it-Tieni Mozzjoni tat 28 ta' Jannar 2014.**

"Tajjeb li jigi affermat li l-gurisdizzjoni ta' din il-Qorti, fil-*veste* kostituzzjonali taghha, li hija radikata fid-dispozizzjonijiet li jipprotegu d-drittijiet u libertajiet fondamentali tal-Bniedem il-Kostituzzjoni u fil-Konvenzjoni, tfisser li l-ezami taghha ghandha ssir fil-parametri ta' dawn id-dispozizzjonijiet.

"Illi r-rikorrent jissottometti li galadarba l-mozzjoni tat-28 ta' Jannar 2014 hija wahda gdida, il-Kummissjoni kellha ssegwi dak dettat fir-Ruling tal-iSpeaker billi tibda l-investigazzjoni *ex novo*, issegwi bl-aktar mod rigoruz il-proceduri stabbiliti fl-artikolu 97 tal-Kostituzzjoni u fil-Kap 369(9), kif ukoll tirrikostitwixxi ruhha b'membri godda, u dan kollu mhux biss b'omagg ghad-dritt ghas-smigh

xieraq, imma ukoll ghall-principji inderogabbli tal-gustizzja naturali (*audi alteram partem* u *nemo iudex in causa propriam).*

“Illi l-intimati, da parti taghhom, jishqu li l-applikazzjoni tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni tirrikjedi apprezzament, fl-ewwel lok, tal-element ta' "*fairness of the proceedings"*[46] liema kuncett ma jfissirx, u ma jiddependix minn apprezzament dwar l-applikazzjoni *o meno* tal-proceduri partikolari stabbiliti mil-ligi ordinarja, imma minn apprezzament ta' l-*iter processwali* tal-kaz partikolari "*taken as a whole."*

“Illi l-Qorti tikkondividi din it-tezi bil-*caveat* li jista' jirrizulta, skont il-kaz, li parti mill-proceduri innifhom tant ma kienux *fair* li effettwaw l-andament tal-proceduri fl-interezza taghhom.

“Inoltre l-Qorti Ewropea irriteniet li "*the notion of 'fairness' is also autonomous from the way the domestic procedure construes a breach of the relevant rules and codes (**Khan** para 34-40) with the result that a procedural defect- even a flagrant one - may not of itself result in an 'unfair trial' **(Gafgen v Germany)***[47].

**“<u>Identita' tal-Mozzjoni</u>**

“Illi minn qari tat-tieni mozzjoni, jirrizulta minghajr l-ebda ekwivoku li dan hu imsejjes fuq l-ewwel mozzjoni. Tant hu hekk li l-ewwel mozzjoni hija annessa maghha u hija parti integrali minnha.

“It-tieni mozzjoni imressqa mill-Prim Ministru attwali jghid hekk:

“...*ghaldaqstant jien qieghed nirreferi <u>ghall-istess mozzjoni</u> .....*

“Ghalkemm il-mozzjoni tat-28 ta' Jannar 2014 hija gdida, fis-sustanza ma jzid xejn mal-ewwel mozzjoni gja nvestigata mill-Kummissjoni.

---

[46] Il-kuncett ta' *fairness* huwa kuncett basilari tas-smigh xieraq.

[47] GC para 162-188

**“IL-PRINCIPJU TA' "*FAIRNESS OF THE PROCEEDINGS AS A WHOLE* "**

“Il-Kummissjoni, fin-nota taghha tat-23 ta' Mejju 2014, issottomettiet li l-lanjanza tar-rikorrent ta' ksur tal-jedd ghas-smigh xieraq hija prematura in kwantu l-proceduri kontrih ghadhom ma ntemmux. Issa li tlestiet l-investigazzjoni, il-kaz irid jinstema' quddiem l-organu kompetenti, cioe`, il-Kamra tad-Deputati

“Ikkonsidrat li l-gurisprudenza dwar smigh xieraq thares lejn il-process fl-interezza tieghu.

“Fil-**Guide to European Convention on Human Rights *(K. Reid)*** inisbu: *“The key principle governing Article 6 guarantees is fairness. The notion of a fair trial is always to ensure or contribute to ensuring the fairness of the proceedings as a whole."*

“Fir-risposta ulterjuri tieghu, l-Avukat Generali wkoll qajjem il-punt li l-proceduri quddiem il-Kummissjoni ghall-Amministrazzjoni tal-Gustizzja huma prettament ta' natura preliminari, istruttorja u nvestigattiva u ma jwasslu ghal ebda tnehhija mill-kariga. (para 3 tar-risposta).

“Illi l-proceduri li ghandha ssegwi l-Kummissjoni in konnessjoni ma' mozzjoni ghall-ghemil ta' indirizz ghat-tnehhija ta' gudikant skont l-artikolu 97 tal-Kostituzzjoni hija stabbilita b'ligi ordinarja, cioe`, fl-artikolu 9 tal-Kap 369 tal-Ligijiet ta' Malta.

“Illi sabiex jigi ezaminat jekk kienx hemm *fairness fil-proceduri" as a whole",* gie ritenut fil-kaz "***Edwards v United Kingdom"***[48]***.*** *"The Court’s task is to ascertain whether the proceedings in their entirety, including the way in which evidence was taken, were fair."* Fattur li jigi kkonsidrat huwa wkoll *"whether or not a review by a higher court can remedy a procedural defect from an earlier stage of the proceedings* (***"Rowe and Davis v United Kingdom,*** para 61-67 ***"Monnell and Morris v United Kingdom***[49]*).*

[48] App. No. 13071/87, 15 Eur. Ct. H.R. (ser. A) 417, 431 (1992).

[49] Application no. 9562/81; 9818/82 2.3.1987

"Fil-kaz **"*Monnell*"** il-Qorti Ewropea irriteniet li "*Account must be taken of the entirety of the proceedings conducted in the domestic legal order and of the role of the appellate or cassation court therein (see the Sutter judgment of 22 February 1984, Series A no. 74, p. 13, § 28, and the authorities cited there)."*[50]

"Kif jghidu l-awturi **Van Dijk u Van Hoof**[51] "*What counts is the picture which the proceedings as a whole present, although certain aspects 'per se' may already conflict with the principle of fair hearing in such a way that an opinion can be given about the fairness of the trial irrespective of the further course of the proceedings, e.g. the way in which evidence is collected during a preliminary hearing. Depending on the stage of the proceedings and its special features, the manner of application of Article 6 may differ."*

"Il-Qorti hawnhekk taghmel riferenza ghas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fil-kaz recenti fl-ismijiet *"**Darren Aquilina v On.Prim Ministru et**" (Q.K. 31.5.2013*) fejn sabet li*: "Illi hu principju assodat kemm fil-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea, kif ukoll f'dik patria, li d-determinazzjoni tal-ezistenza o meno ta' lezjoni ta' dritt ghal smigh xieraq jinnecessita` ezami tal-procedura gudizzjarja kollha kemm hi fit-totalita` taghha.*[52]

"Kif osservat il-Qorti Ewropea fil-kaz *"**Van Mechelen and Others v. The Netherlands**" 'The Court reiterates that the admissibility of evidence is primarily a matter for regulation by national law, and as a general rule it is for the national courts to assess the evidence before them. The Court's task under the Convention is not to give a ruling as to whether statements of witnesses were properly admitted as evidence, but rather to ascertain whether the proceedings as whole, including the way in which evidence was taken, were fair.'*[53]

"Fil-kaz odjern, ir-rikorrent qed jghid mhux biss li ma kellux smigh xieraq wara t-tieni mozzjoni, imma li lanqas kellu smigh. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu pprezentata fis-16 ta' Mejju 2014, ir-rikorrent, *tramite* d-difensur tieghu jghid hekk:

[50] Para 56.
[51] Op.cit. p.428-429
[52] Q. Kos. "***Victor Lanzon v. Kummissarju tal-Pulizija***" deciza 29 ta' Novembru 2004

[53] Deciz - 23 April 1997 – para.50 [sottolinear ta' din il-Qorti]

> *""(4) Fil-kaz in ezami, fuq il-mozzjoni tal-Prim Ministru Dr. Muscat, huwa accettat anki mill-kontro-partijiet, illi ma saret ebda investigazzjoni u l-Kummissjoni ma ghamlet ebda notifika ta' l-akkuzi u dikjarazzjoni, u ma akkordat ebda opportunita` lir-rikorrent li jipprezenta dikjarazzjoni u jtella' xhieda in difesa. Fi ftit kliem, ir-rikorrenti ma nghata ebda smigh, ahseb u ara kemm smigh xieraq."*[54]

"Jissokta jghid: "*L-ilmenti tar-rikorrent fuq li l-Kummissjoni ma mxietx ma' dak li jghidu l-artikoli 8 u 9 tal-Kap 369 (*kif ukoll l-artikolu 97(3) tal-Kostituzzjoni) *huma bazati li minhabba f'hekk ma sarx smigh xieraq."*[55]

"Izda ezami tal-*fattispecie* essenzjalment *sui generis* ta' dan il-kaz jwasslu ghall-konkluzjoni li r-rikorrent qieghed jippretendi li ghandu jedd li jinstema' darbtejn fuq mozzjoni li hija sostanzjalment identika ghall-ewwel wahda. Ir-rikorrent qed jippretendi li l-jedd ghal *fair hearing*, igib mieghu jedd li jinstema' darbtejn ossia jedd ta' "*rehearing"* tal-kaz tieghu, u dan billi jiehu vantagg mill-akkadut accidentali ghal kollox estraneu ghall-procedimenti quddiem il-Kummissjoni, u ghall-mertu tal-kawza tieghu - cioe`, l-Elezzjoni Generali tas-sena 2013.

"Illi infatti xejn ma nbidel fil-mozzjoni tal-Prim Ministru attwali u din il-konsiderazzjoni ma taghmilx "*assalt fuq is-saltna tad-dritt"* peress li din il-Qorti tqis li l-kaz tar-rikorrent gja gie nvestigat *ai fini* tal-artikolu 97 u tal-Kap 369 u gie akkordat smigh xieraq.

"Specjalment, dan kollu premess, kif gja gie rikonoxxut fil-kaz "***L-On. Imhallef Dr. Anton Depasquale v On.Prim Ministru et."*** gja citat.[56] Il-konkluzjoni tal-Kummissjoni "*ghandha titqies biss bhala parti mill-process u mhux il-konkluzjoni finali....dan mhux sejbien ta' htija. Il-process li taghmel il-kummissjoni huwa dak li, idealment, ghandu jaghmel il-membru li jressaq il-mozzjoni qabel ma jressaqha...izda billi l-Kummissjoni ghandha rizorsi u organizzazzjoni ahjar minn membru wiehed biex taghmel l-investigazzjonijiet u d-deliberazzjonijiet mehtiega, il-ligi kif inhi llum, ma thallix il-mozzjoni titressaq quddiem il-Kamra qabel ma l-Kummissjoni tara li mqar 'prima facie' hemm raguni ghaliha. Il-konkluzjoni tal-Kummissjoni ma tnaqqas xejn mill-awtorita' tal-gudikant xejn aktar milli, qabel ma ghaddiet din il-ligi, kien inaqqaslu mill-awtorita' tieghu l-fatt li tressqet mozzjoni ghat-tnehhija tieghu quddiem il-Kamra, jew il-fatt li dik il-mozzjoni ma ghaddietx...."*

[54] Fol 460
[55] Fol.470
[56] PA (GCD) Pagna 33 tas-sentenza tas-sena 1999

“Dan l-apprezzament, li din il-Qorti taghmel taghha pjenament, ipoggi l-funzjonijiet tal-Kummissjoni fil-perspettiva korretta taghhom fl-ambitu ta' proceduri aktar wiesgha ghat-tnehhija ta' gudikant. Il-Kummissjoni taghmel investigazzjoni preliminari ossia istruttorja, tikkomunika konkluzjoni fuq bazi "*prima' facie"* u certament ma torbotx lill-Kamra b'din il-konkluzjoni fuq il-mertu tal-kaz quddiemha. Anzi skont l-artikolu 9(6) tal-Kap 369, il-Kamra trid tkun sodisfatta li l-imġieba ħażina jew l-inkapaċita` tal-gudikant huma ppruvati. Il-Kamra tirrizolvi ruhha f'organu gudizzjarja sabiex taghmel l-investigazzjoni plenarja taghha. Ir-rikorrent f'dan l-istadju, ghandu l-jedd li jressaq quddiem il-Kamra, ix-xhieda kollha tieghu, inkluzi dawk li, skont hu, ma gewx ammessi mill-Kummissjoni, kif ukoll li jaghmel ir-rapprezentazzjonijiet u sottomissjonijiet kollha rilevanti ghall-kaz tieghu. Il-gudizzju definittiv jinghata mill-Kamra li mhix biss "*court of review"* imma organu gudizzjarja li tisma' l-kaz mill-qiegh - *ex novo.* Id-decizjoni tal-Kummissjoni ma ghandha l-ebda effett fuq il-mertu tal-kaz u ma hemm l-ebda rabta mal-apprezzamenti u decizjonijiet mehudin mill-Kummissjoni.

“Illi r-rikorrent jsostni donnu li l-Kummissjoni tinghata *carte blanche* biex taghmel li trid. Izda dan ma jreggix meta wiehed iqis li l-operat tal-Kummissjoni huwa soggett ghal stharrig gudizzjarju fid-dawl tal-Kapitolu IV u tal-Konvenzjoni, u li l-membri tal-Kummissjoni ghandhom ir-responsabbilta' li jagixxu skont il-gudizzju individwali taghhom b' lealta` lejn il-Kostituzzjoni u jinvestigaw - funzjonijiet li qdew meta investigaw l-ewwel mozzjoni identika.

“Tenut kont ta' dawn il-kostatazzjonijiet, issib li l-agir tal-Kummissjoni valutat fid-dawl tac-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz, m'ghandux impatt fuq l-element ta' '*fairness'* tal-proceduri fil-kuntest tal-*iter processwali* "*taken as a whole"* ghat-tnehhija ta' gudikant. Ma taqbilx mar-rikorrent li d-decizjoni tal-Kummissjoni jkollha impatt fuq id-drittijiet tieghu. Difatti ghadu u jibqa' jokkupa l-kariga ta' gudikant minkejja d-decizjoni *prima facie* tal-Kummissjoni, liema decizjoni tincidi biss fuq il l-*iter processwali* jekk jitkomplewx jew le l-proceduri quddiem il-Kamra. Malli jibdew quddiem il-Kamra, tiskatta smigh *ex novo* li jista' jikkapovolgi kollox, kif gja gie osservat.

“Ir-rikorrent jaghmel riferenza ghall-opinjoni ppubblikata mid-dekan tal-Fakulta' tal-Ligi Dottor Kevin Aquilina. Il-Qorti hadet konjizzjoni ta' din l-opinjoni studjata izda ma tistax tikkondividi l-fehmiet hemm espressi li ma jsemmux dan l-element tal-apprezzament tal-proceduri fl-interezza taghhom. *Inoltre* ma taqbilx li r-Ruling tal-iSpeaker irendi r-rapport null. Il-*punto di partenza* ta' din il-Qorti

hija ghalhekk ghal kollox distinta minn dak tad-Dekan ghaliex tqis li r-rapport hu wiehed validu.

**“<u>Effett tar-'Ruling' tal-iSpeaker fuq il-Validita' tar-Rapport tal-Kummissjoni</u>**

“Madanakollu l-Qorti ma tistax lanqas tinjora li l-Kap 369(9) jistabbilixxi l-proceduri li ghandhom jigu segwiti meta tigi intavolata mozzjoni bhal dik odjerna u r-rikorrent jinsisti li dawn il-proceduri kellhom jigu segwiti bl-akbar rigorozita' (ara wkoll il-parir legali tal-Professur Ian Refalo lill-iSpeaker esebit).

“Ikkonsidrat li l-ezercizzju li trid taghmel din il-Qorti necessarjament tinvolvi apprezzament dwar il-validita' *o meno* tar-rapport tal-Kummissjoni. Kif jirrizulta mir-Ruling tal-iSpeaker, l-ewwel mozzjoni giet dikjarata *mejta.* Izda dan sehh, fil-fehma tal-Qorti, ghal ragunijiet ta' interpretazzjoni tal-regolamenti, prassi u konvenzjonijiet tal-Kamra tad-Deputati.

“Illi fil-fehma tal-Qorti, id-dikjarazzjoni mill-iSpeaker li l-ewwel mozzjoni hija 'mejta' ma twassalx ghan-nullita' tar-Rapport tal-Kummissjoni kif qieghed jippretendi r-rikorrent. Kif tajjeb osserva l-Avukat Generali fir-risposta ulterjuri tieghu, "*il-kwistjoni legali u processwali dwar jekk ir-rapport tal-Kummissjoni setax jigi diskuss fil-Kamra abbazi tal-mozzjoni parlamentari tal-15 ta' Dicembru 2012 hija kwistjoni distinta minn dik tan-nullita' o meno tal-istess rapport. L-improcedibbilta' tal-mozzjoni ghalhekk ma ggibx bhala konsegwenza n-nullita` ex tunc tar-rapport.*"

“Din il-Qorti gja kkonsidrat li z-zewg mozzjonijiet huma identici. Difatti t-tieni Mozzjoni (**DOK CAJ2** a fol.42) jaghmel bhala parti integrali tieghu l-ewwel Mozzjoni u anke r-rapport tas-6 ta' Jannar 2014. Ir-Ruling tal-iSpeaker jghid li l-ewwel mozzjoni hija "*mejta"* izda b'dan mhix nulla.

“Fil-fehma tal-Qorti *Ruling* tal-iSpeaker tal-Kamra tad-Deputati ma jistax ikollu l-effett li jannulla l-azzjoni, fehma, decizjoni jew rapport mahrug minn Kummissjoni indipendenti u awtonomu li jidderiva l-awtorita' tieghu mill-oghla ligi tal-pajjiz - il-Kostituzzjoni ta' Malta (Art.101A). Is-setghet tal-Kummissjoni fir-rigward ta' referenza ta' mozzjoni ta' tnehhija ta' gudikant gew imfissra b'ligi

ordinarja (Kap 369) bl-applikazzjoni tal-artikolu 97 (3) tal-Kostituzzjoni.[57] Izda b'dan ma jfissirx li l-Kummissjoni tilfet is-setgha li tirregola l-procedura taghha stess (Art.121 tal-Kostituzzjoni). *Inoltre* skont l-artikolu 101A (7) il-membri tal-Kummissjoni *"fit-twettiq ta' dmirijiethom għandhom jaġixxu skont il-ġudizzju individwali tagħhom u ma jkunux suġġetti għad-direzzjoni jew kontroll ta' xi persuna jew awtorita` oħra".*

"Isegwi li r-rapport imhejji mill-Kummissjoni jibqa' validu u effettiv bhala rapport fuq il-fatti nvestigati. Mhuwiex null u ma jistax jigi rez null la '*ex* nunc' u wisq inqas '*ex tunc'* permezz ta' ruling mill-iSpeaker, li jorbot biss il-Kamra tad-Deputati, u certament ma jorbotx l-operat ta' Kummissjoni Kostituzzjonali. Hija biss din il-Qorti li tista' tistharreg l-operat tal-Kummissjoni jekk dan iledi l-jeddijiet fondamentali tal-bniedem.

"Stabbilit li r-rapport huwa validu, (u difatti ghandu jigi precizat ukoll li l-kelma li intuzat mill-iSpeaker b'riferenza ghall-ewwel mozzjoni hija "*mejta"* mhux "*nulla"),* isegwi li anke f'dan l-isfond, il-Kummissjoni ma kellhiex ghalfejn terga' tirriprendi investigazzjoni *ex novo* fuq mozzjoni identika, imsejsa fuq fatti identici, meta gja espletat l-inkarigu taghha *ai termini* tal-Kostituzzjoni u *ai termini* wkoll tal-Kap. 369(9).

"Ir-rikorrent jargumenta li l-Kummissjoni ma setghetx, kif komposta, lanqas tiddeciedi li l-mozzjonijiet huma identici u kellha tigi rikomposta minn membri godda. Izda l-Qorti ma taqbilx ma' din is-sottomissjoni. Anke qari semplici taz-zewg mozzjonijiet jizvela l-identicita` taghhom - *res ipsa loquitur*. Fid-dawl tal-premess l-argument li l-Kummissjoni kellha tigi rikomposta ma ghandux sahha ghaliex ma kienx hemm "*decizjoni"* gdida li kellha tittiehed fid-dawl tal-identicita` lampanti taz-zewg mozzjonijiet.

"Ir-rikorrent jghid li ad ezempju, f'kaz ta' ritrattazzjoni, il-kaz ma jergax jinstema' mill-istess gudikant. Izda l-Qorti taqbel mas-sottomissjoni tad-difensur tal-Kummissjoni li dan l-ezempju ma jreggix peress li f'dak il-kaz il-gudikant ikollu jerga' jgharbel id-decizjoni li jkun ghamel mentri fil-kaz odjern, ma kien hemm l-ebda decizjoni gdida mehtiega fuq il-mertu.

[57] (3) Il-Parlament jista' b'liġi jirregola l-proċedura għall-preżentatata ta' indirizz u għall-investigazzjoni u prova dwar l-inkapaċita` jew imġieba ħażina ta' mħallef tal-Qrati Superjuri skont id-dispozizzjonijiet tal-aħħar subartikolu qabel dan."

"Difatti harsa lejn il-korrispondenza mibghuta mill-Kummissjoni lill-iSpeaker bi twegiba ghall-ittri tieghu, jghidu hekk:

*""Il-Kummissjoni, wara li ezaminat id-dokumenti annessi mal-ittra tieghek, hija tal-fehma li, a tenur tal-artikolu 9(5)*[58] *tal-Kapitolu 369, ma ghandha xejn x'izzid mar-rapport taghha tas-6 ta' Jannar 2014."*[59] (Sottolinear tal-Qorti). B'hekk il-Kummissjoni ghamlitha cara li ma kien hemm xejn gdid u setghet toqghod fuq ir-rapport taghha mibghut biss xahar qabel.

"Din il-fehma, li l-Qorti tqis hija korretta, hija rinforzata fl-ittra tas-7 ta' Frar 2014 fejn il-Kummissjoni tghid: "*Il-Kummissjoni...hi tal-fehma li r-rapport...datat is-6 ta' Jannar 2014, skont kif previst fis-sub-artikolu (4)*[60] *tal-artikolu 9 tal-Kapitolu 369, ghadu jghodd u applikabbli ghall-mozzjoni gdida."*

"B'dawn l-ittri il-Kummissjoni gharrfet lill-iSpeaker *a tenur* tal-artikoli surriferiti li l-istadju tal-investigazzjoni maghmula minnha abbazi tas-setghat lilha moghtija bil-Ligi, gew konkluzi bir-rapport taghha, u fid-dawl tat-tieni mozzjoni, ma deherilhiex li kien hemm bzonn li l-proceduri jergghu jinfethu sabiex isiru kostatazzjonijiet godda.

"Illi l-Qorti ma taqbilx mat-tezi tar-rikorrent li l-jedd tieghu ghas-smigh xieraq, fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz, gie vvjolat bl-agir tal-Kummissjoni meta strahet fuq ir-Rapport taghha tas-6 ta' Jannar 2014 *ai fini* tat-tieni Mozzjoni tat-28 ta' Jannar 2014. Dan mhuwiex kwistjoni ta' "*rxoxtar"* jew "ravvivar" ta' mozzjoni, imma hija kwistjoni tal-effikacja ta' rapport maghmul minn Kummissjoni - entita' awtonoma.

---

[58] *9(5) Jekk ir-rapport tal-Kummissjoni jkun sab prima facie li l-imġieba ħażina jew l-inkapaċita` tkun pruvata, il-mozzjoni msemmija fl-artikolu 97(2) tal-Kostituzzjoni għandha, flimkien mar-rapport tal-Kummissjoni, tiġi kkunsidrata mill-Kamra."*

[59] Ittra tat-3 ta' Frar 2014, Dok CAJ4 a fol. 45

[60] *Art. 9(4) Il-Kummissjoni għandha tagħmel l-investigazzjoni neċessarja u tagħmel rapport fuq l-istess lill-iSpeaker. Jekk ir-rapport tal-Kummissjoni jkun jgħid li m'hemmx imġieba ħażina jew li l-imħallef jew maġistrat ma jkollu ebda inkapaċita`, ma għandha tittieħed ebda azzjoni oħra fil-Kamra dwar dak ir-rapport u ma għandhom isiru ebda proċeduri oħra dwar il-mozzjoni pendenti quddiem il-Kamra.*

“Ir-rikorrent jista', koncepibbilment, jargumenta li dan ir-rapport kien marbut mal-ewwel mozzjoni, izda dan l-argument huwa fallaci meta wiehed jikkonsidra li essenzjalment il-Kummissjoni gja investigat il-fatti tal-allegazzjoni ta' ksur bi twettiq tal-funzjonijiet kostituzzjonali taghha, u r-rapport jirrapprezenta l-konkluzjonijiet fuq dawn l-istess fatti. Ir-*ruling* tal-iSpeaker ma jbiddel xejn minn dan.

“Ir-rikorrent isemmi l-partecipazzjoni tal-President Emeritus li kien astjena fl-investigazzjoni fuq l-ewwel mozzjoni u jghid li l-President ta l-imprimatur tieghu (bl-ittra tas-7 ta' Frar 2014) fuq rapport tal-Kummissjoni meta lanqas kien membru hu stess tal-Kummissjoni dak iz-zmien. Izda anke dan l-argument ma jreggix meta wiehed jikkonsidra li l-President Emeritus kien astjena proprju ghaliex kien id-difensur tar-rikorrent quddiem il-Kummissjoni waqt il-proceduri li wasslu ghall-ittra ta' Awwissu 2007. *Inoltre*, il-Kummissjoni ma kellha xejn gdid x'tinvestiga.

**“Konsiderazzjonijiet tal-Qorti dwar is-sottomissjonijiet tar-Rikorrent fuq il-proceduri tal-Kummissjoni fuq l-ewwel mozzjoni - Proceduri *Ex Ante***

“Illi fil-kors ta' dawn il-proceduri, ir-rikorrent talab li jzid mat-talbiet tieghu[61] liema talbiet godda, kif spjega hu stess, kienu biss "*kjarifikatorji...minhabba l-bzonn li qieghed jinqala' f'dawn il-proceduri fejn anke dak li hemm miktub fil-Kostituzzjoni u fil-Kap 369 u fir-Ruling tal-iSpeaker b'mod car qieghed jigi moghti interpretazzjoni ohra minn dak miktub"*[62].

“Ir-rikorrent stess fix-xhieda tieghu *viva voce* b'riferenza ghas-sitwazzjoni *ex ante* qal: "*Xhieda qatt ma tellajt, u dan kollu* (wara t-tieni mozzjoni). *U ghalhekk huwa essenzjali illi ssir kull tant referenza qasira – qasira, ghal dak illi effettivament gara qabel. Imma f' linja biss fejn jien qieghed nattakka t-tieni parti mhux l-ewwel parti. L-ewwel parti mhix qed nattakkaha. Ma ghandix interess nattakka mozzjoni li giet finalment dikjarata mejta.*"[63] (sottolinear ta' din il-Qorti).

[61] Rikors tal-11 ta' April 2014.
[62] Ara nota (replika) tar-Rikorrent fol 271.
[63] Pagna 5 tat-traskrizzjoni dattilografata tax-xhieda tar-rikorrent.

“Ghaldaqstant din il-Qorti ddecidiet, fid-digriet taghha tas-**17 ta' April 2014** li "*Fid-dawl ta' din l-ispjegazzjoni, iz-zieda tat-tliet talbiet m’hi ser taggungi xejn mat-talbiet originali ghaliex huma inkorporati 'impliciter' fl-ezami li din il-Qorti ghandha taghmel tal-kaz fil-gudizzju finali taghha*" u dan *ai fini* tal-ewwel u r-raba’ talbiet attrici.

“Izda sussegwentement irrizulta b'mod lampanti mir-rikors intavolat mir-rikorrent *ai termini* tal-artikolu 229 tal-Kap.12 (ipprezentat fir-23 ta' April 2014) kif ukoll mit-trattazzjoni orali li saret fuq l-istess rikors, li l-iskop tar-rikorrent ma kienx li jikkjafarika, imma li jbiddel is-sustanza tal-azzjoni odjerna u jbiddel id-direzzjoni tieghu f'nofs il-kawza, billi jimpunja l-proceduri '*ex ante'*.

“Infatti fit-trattazzjoni orali tieghu, id-difensur tar-rikorrent fisser hekk:

> *““Ghaliex l-ewwel talba fir-rikors originarju jrid jinqara fid-dawl tal-premessi ta’ l-azzjoni. Ma tistax tiehdu skarn mill-premessi ta’ l-azzjoni.”*[64]

“Din il-Qorti ghalhekk iddecidiet, fit-2 ta' Mejju 2014 u fissret *inter alia* l-inkonsistenza murija mir-rikorrent billi sabet li:" *Il-kawza odjerna hija bbazata fuq premessa li r-Rapport (tas-6 ta' Jannar 2014) huwa null minhabba li l-ewwel mozzjoni giet dikjarata "mejta" u allura isegwi li d-decizjoni tal-Kummissjoni li toqghod fuq dan ir-rapport hija monka, kif ukoll li dak li segwa wara t-Tieni Mozzjoni, huwa irregolari in kwantu li jinfrangi l-Kostituzzjoni, il-Kap 369 u d-drittijiet ghall-smigh xieraq tar-rikorrent. Issa r-rikorrent qed jipprospetta li r-Rapport mhuwiex null 'ab inizio' imma qed jitlob li jigi impunjat fuq il-bazi tan-nuqqas ta' smigh xieraq minhabba li ma thalliex jipproduci x-xhieda tieghu.*"

“Dan kollu qed jigi ravvizat ghaliex fin-nota ta' sottomissjonijiet finali tieghu, kif ukoll fit-trattazzjoni finali, ir-rikorrent ressaq sottomissjonijiet anke fir-rigward tal-process *ex ante* ghar-rapport, u dan ghamlu minghajr rizervi senjatament dwar provi li kellu x'jipproduci in sostenn ta' din id-direzzjoni l-gdida.

“Din il-Qorti tista’ biss tqis li r-rikorrent ried li jdahhal l-ezami tal-procedimenti *ex ante* fil-parametri tal-ewwel talba attrici anke fejn dan imur *oltre* l-premessi fir-rikors promotur.

[64] Traskrizzjoni tat-trattazzjoni orali pagna 9.

"Illi gie ribadit mill-Qrati taghna li "*dwar talbiet 'extra petita' u 'ultra petita' l-gudizzju tal-Qrati taghna kien fis-sens li f'proceduri ta' natura kostituzzjonali - certi regoli u normi ta' natura procedurali necessarji fi-kawzi ta' natura civili jew kummercjali mhumiex dejjem applikabbli, u dan principalment fil-konkluzjoni tal-kawza, il-Qorti hija moghtija poteri rimedjali diskrezzjonalment vasti, u b'hekk m'hemmx rabta essenzjali bejn dak li huwa mitlub u dak li jista' jigi koncess u r-regola vinkolanti maghrufa bhala 'ultra petita' tal-kawzi kollha ta' natura civili jew kummercuali. Anzi l-Qorti tahseb li fil-kawzi ta' natura kostituzzjonali u f'kazijiet kongruwi, hija ghandha l-obbligu li biex taghti rimedju efficjenti, tmur' extra petita'.* Dan jghodd specjalment fil-kazijiet fejn ir-rikorrent qed jipprospetta ksur futur tad-drittijiet tieghu" (QK, ***"Il-Pulizija v Carmelo sive Charles Ellul Sullivan et"*** 24.1.1991).

"Din id-diskrezzjoni hija marbuta necessarjament mal-poter tal-Qorti f'Sede Kostituzzjonali li taghti rimedji effettivi abbazi tal-fatti premessi.

"Fid-dawl tal-premess, u billi jirrizulta li r-rikorrent effettivament qed jitlob gudizzju ta' din il-Qorti fuq il-fazi *ex ante* minghajr riserva dwar provi li ried igib , kif ukoll li l-intimati ressqu s-sottomissjonijiet taghhom fil-mertu, din il-Qorti ser tghaddi biex tikkonsidra anke dan l-istadju, sabiex jigi evitat duplicita' fi proceduri.

"Illi r-rikorrent fis-sottomissjonijiet finali jippuntwalizza s-segwenti aggravji:

"i. Li ma thalliex jressaq ix-xhieda dikjarati tieghu.

"ii. Rikuzi u astensjonijiet

"iii. Akkorciment tat-termini

"iv. Smigh bil-maghluq

"vi. Assenza ta' membri waqt is-seduti

“vii. Soprasessjoni.

**“<u>Konsiderazzjonijiet dwar Lezjoni ta' Smigh Xieraq mill-Kummissjoni fuq l-Ewwel mozzjoni.</u>**

“Minn ezami tat-talbiet addizzjonali promossi bir-rikors tal-11 ta' April 2014, jirrizulta li l-ewwel wiehed biss huwa indirizzat mir-rikorrent fil-premessi originali, cioe` fejn jghid li kellu d-dritt li jressaq fil-proceduri quddiem il-Kummissjoni x-xhieda minnu dettaljati in sostenn tal-linja difensjonali tieghu.

“Illi jrid jigi precizat li r-rikorrent ma ressaq l-ebda prova dwar min kienu dawn ix-xhieda. Jghid li l-Kummissjoni irrifjutatlu x-xhieda minghajr ma tat ragun. Izda fis-sottomissjonijiet tieghu semma' biss lill-gurnalisti barranin Heidi Blake u James Calvert.

“Il-principju tal-'*equality of arms* hija assodata fil-gurisprudenza taghna u tal-Qorti Ewropea. Ara ad es. ***“Dombo Beheer BV vs The Netherlands”****, 27 ta’ Ottubru 1993)”* u **“Onorevoli Mhallef Dottor Anton Depasquale vs Avukat Generali”** (Q.K. - 19 ta’ Settembru 2001).

“Illi fil-kaz in ezami, in-nuqqas ta' produzzjoni ta' dawn ix-xhieda, li kienu intalbu wkoll mill-Prim Ministru bhala xhieda tieghu, zgur ma poggix lir-rikorrent "*in a substantial disadvantage.*[65]" Ghall-kuntrarju l-Kummissjoni kkonkludiet "*anke in vista li l-imsemmija zewg gurnalisti ma xehdux, taccetta l-verzjoni ta' l-Imhallef Farrugia Sacco li l-video imsemmi kien editjat b'mod skorrett."*

“Difatti, gie ritenut mill-Qorti Ewropea hekk b'riferenza ghall-artikolu 6(1)(3) (d) tal-Konvenzjoni[66]:

[65] Kriterju stabbilit fil-kaz ***Dombo Beheer BV vs The Netherlands***
[66] Dan is-subartikolu jirreferi ghall-jedd tad-difiza li jipproduci x-xhieda tieghu li hu wkoll applikabbli ghall-proceduri ta' natura civili.

> *""The Court recalls that the above provision does not give the defense an absolute right to question any witnesses it wishes to call (see e.g., Eur. Court HR, Vidal v. Belgium judgment of 22 April 1992, Series A no. 235-B, p. 32, § 33). Furthermore, the admissibility of evidence is primarily a matter for regulation by national law and, as a general rule, it is for the domestic courts to assess the evidence before them. The Court's task is to determine whether the proceedings considered as a whole - including the way in which evidence was taken - were fair (see e.g., Eur. Court HR, Kostovski v. the Netherlands judgment of 20 November 1989, Series A no. 166, p. 19, § 39)." **(Krempovskij v Lithuania"**[67].)*

"Hu pacifiku *inoltre*, li r-rikorrent jibqalu l-jedd li jghajjat lil dawn il-persuni biex jaghtu x-xhieda taghhom quddiem il-Kamra tad-Deputati. B'hekk ukoll ma jistax jghid li gie vvjolat id-dritt tieghu ghall-*fairness* fil-proceduri, kif anke ser jigi trattat aktar 'il quddiem.

"Illi dwar l-akkorciment tat-termini moghtija mill-Kummissjoni u dwar r-rikuzi imsemmija, dawn kenu trattati mill-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza ***Farrugia Sacco v l-On. Prim Ministru et.*** u jikkostitwixxu *res* judicata fil-konfront tar-rikorrent. Din il-Qorti tikkonsidra li l-fatt li qed jergghu jigu sollevati mir-rikorrent hu fieragh u vessatorju.

"Dwar l-astensjonijiet, ir-rikorrent jsemmi primarjament fosthom dik ta' l-istess President tal-Kummissjoni fil-persuna tal-President tal-Qorti li, *ex confessis*, iddikjara li hu personalment, fil-kariga ta' Avukat Generali kien ippartecipa fid-deliberazzjonijiet u d-decizjoni li tat il-Kummissjoni fl-2007 (ara Seduta tat-3 ta' Jannar 2013). Il-Qorti tikkonsidra li dan il-punt ma jistax jitqajjem f'dan l-istadju peress li r-rikorrent missu talab li jirrikuza lill-On. Prim' Imhallef u lill-Avukat Generali quddiem il-Kummissjoni - haga li ma ghamlux fl-ebda stadju.

**"<u>Smigh bil-maghluq</u>**

"Ir-rikorrent isostni li l-artikolu **9(7) tal-Kap.369** hu vjolattiv tal-artikolu **39(3)** tal-Kostituzzjoni u tal-artikolu gja ccitat 6(1) tal-Konvenzjoni u jaghmel riferenza ghall-paragrafu 70 mis-sentenza tal-Qorti Ewropea fil-kaz ***"Olujic v Croatia"***[68]**:**

---

[67] Application no. 37193/97 -20.4.1999
[68] Application no. 22330/05 - 5 ta' Frar 2009

*““1. The Court recalls that Article 6 § 1 of the Convention provides that, in the determination of civil rights and obligations, “everyone is entitled to a fair and public hearing”. The public character of proceedings protects litigants against the administration of justice in secret with no public scrutiny; it is also one of the means whereby confidence in the courts can be maintained. By rendering the administration of justice visible, publicity contributes to the achievement of the aim of Article 6 § 1, a fair hearing, the guarantee of which is one of the foundations of a democratic society (see Sutter v. Switzerland, 22 February 1984, § 26, Series A no. 74 )."*

“Izda l-Qorti Ewropea stess irrikonoxxiet li dan il-kwezit huwa kwalifikat:

*““2. Article 6 § 1 does not, however, prohibit courts from deciding, in the light of the special features of the case submitted to them, to derogate from this principle: in accordance with the actual wording of this provision”........"holding proceedings, whether wholly or partly, in camera, must be strictly required by the circumstances of the case (see, Diennet v. France, 6 September 1995, § 34, Series A no. 325-A, and Martinie v. France [GC], no. 58675/00, § 40, ECHR 2006-...)".*

“Dan hu konformi mal-**artikolu 39(4)** tal-Kostituzzjoni ta' Malta li tippermetti eccezzjonijiet ghal din ir-regola. Il-Qorti taghmel riferenza partikolari ghall-artikolu 39(4)(c) li tippermetti eccezzjoni:

*““(ċ) safejn il-qorti jew awtorita` oħra -*

*“(i) tista’ tqis meħtieġ jew espedjenti f’ċirkostanzi li fihom il-pubbliċita` tista’ tippreġudika l-interessi tal-ġustizzja; jew*

*“(ii) jista’ jkollha setgħa jew tkun meħtieġa b’liġi li tagħmel hekk fl-interess tad-difiża, sigurta` pubblika, ordni pubbliku, moralita` jew deċenza pubblika, il-ġid ta’ persuni taħt l-eta` ta’ tmintax-il sena jew il-protezzjoni tal-ħajja privata ta’ persuni li jkollhom x’jaqsmu mal-proċeduri."*

“Illi l-artikolu 9(7) tal-Kap 369 jkompli billi jiggarantixxi lill-gudikant li qed jigi investigat id-dritt li jkun prezenti matul il-process kollu.

“Ir-rikorrent ma jindirizzax dawn ir-restrizzjonijiet.

“Illi lanqas ma jsemmi li fil-kaz ta' Olujic, il-Qorti kellha quddiemha l-proceduri fl-interezza taghhom li wasslu ghat-tnehhija definittiva tal-gudikant. Wahda mill-

konsiderazzjonijiet tal-Qorti, wara li nnotat li l-applikant stess kien talab li l-kaz tieghu jinstema' fil-pubbliku (fatt li ma jirrizultax fil-kaz odjern) kienet li:-

> *""3. Lastly, the Court notes that the public's lack of access to the proceedings before the NJC was not rectified either in the proceedings before the Parliament's Chamber of Counties or before the Constitutional Court, since these bodies did not hold public hearings either."*

"Fil-kaz ta' Malta, imbaghad, ir-rapport tal-Kummissjoni jigi rez pubbliku meta jintbaghat lill-iSpeaker u l-proceduri li jinzammu quddiem il-Parlament isiru fil-pubbliku. Huwa minnu li l-mozzjoni tinghata pubblicita' imma b'hekk ma jfissirx li l-proceduri li jsewgu quddiem il-Kummissjoni ghandhom ukoll jinghataw pubblicita'. Hawnhekk il-ligi sabet bilanc bejn id-dritt tal-gudikant li jkun prezenti waqt il-proceduri, u l-interessi tal-iStat li jhares id-dinjita' tal-gudikant partikolari u tal-gudikatura.

"Din il-Qorti ghalhekk ma taqbilx li r-rikorrent irnexxielu jipprova li l-artikolu 9(7) jivvjola d-dritt minnu vantat.

**"<u>Soprasessjoni</u>**

"Ir-rikorrent jirrileva li talab lill-Kummissjoni sabiex tissoprassjedi sakemm l-iSpeaker jaghti d-direzzjoni tieghu dwar il-validita' tal-ewwel mozzjoni, u li din il-materja tqanqlet minnu f'ben erba' seduti quddiem il-Kummissjoni.

"Dan jirrizulta li hu minnu. Essenzjalment jispetta lill-Kummissjoni li tirregola l-procedura taghha u s-soprasessjoni mhix ir-regola imma l-eccezzjoni anke fil-Qrati taghna li jiddeterminaw il-vertenza quddiemhom b'mod definittiv.

"Illi wkoll ic-cahda ta' talba ta' soprasessjoni fiha nnifisha ma tiksirx id-dritt ghas-smigh xieraq purke` l-partijiet jinghataw l-opportunita' li jaghmlu s-sottomissjonijiet taghhom dwar din it-talba.

"Fil-kaz in ezami, hekk sar u l-Kummissjoni tat ir-ragunijiet taghha li mhumiex il-kompitu ta' din il-Qorti li tidhol fihom. Dawn ir-ragunijiet gew ikkomunikati lill-

partijiet *seduta stante* u r-rikorrent sahansitra inghata l-opportunita' li jaghmel l-abbokkament tieghu fil-mori.*"*[69]

"**<u>Assenza ta' membri</u>**

"Din ukoll hija materja li tirrigwarda l-procedura interna tal-Kummissjoni u minn qari tal-verbali tal-laqghat, il-Qorti ma ssibx li l-assenza okkazjonali jew tardivita' ta' xi membru seta' iwassal ghal xi irregolarita' tant gravi fil-proceduri li sahansitra jimpingi fuq il-*fairness* tal-proceduri fl-interezza taghhom. Jigi nnotat li l-verbali u xhieda huma traskritti u accessibbli ghall-membri kollha tal-Kummissjoni li huma prezunti (u ebda prova ma tressqet ghall-kontrarju) li ser jaqdu d-doveri taghhom kif trid il-Kostituzzjoni.

"Illi r-rikorrent jittenta jghid li n-nuqqasijiet ravvizati minnu fl-assjem taghhom juru li "*l-mira tal-Kummissjoni ma kenitx it-tutela tas-smigh xieraq"* u li l-poter diskrezzjonali tal-Kummissjoni "*non puo' tradursi in arbitrio."* Izda fid-dawl ta' dak kollu premess, din il-Qorti ssib li r-rikorrent ma rnexxilux jipprova li l-proceduri inkorsi quddiem il-Kummissjoni *ex ante* ivvjolaw il-jedd tas-smigh xieraq fil-parametri tal-punti minnu sollevati fis-sottomissjonijiet finali tieghu.

"Il-Qorti issa ser tghaddi biex tikkonsidra t-talbiet rimanenti mressqa fir-rikors promotur.

"**<u>IT-TIENI, IT-TIELET U R-RABA' TALBIET ATTRICI</u>**

"Dawn it-talbiet jimmiraw lejn l-applikazzjoni tal-proceduri stabbiliti mill-Kostituzzjoni u mill-Kap 369 *ex novo* ghall-kaz tar-rikorrent. Fid-dawl tar-ragunijiet premessi fejn din il-Qorti sabet li mhux il-kaz li l-proceduri kellhom jergghu jinstemghu mill-gdid,  din il-Qorti ser tghaddi biex tichad dawn it-talbiet bhala infondati fil-fatt u fid-dritt.

"**<u>Artikolu 42 tal-Kostituzzjoni u Artikolu 11 tal-Konvenzjoni.</u>**

[69] Minuti tal-laghqat tat-18 ta Marzu u tad-9 ta Mejju 2013.

"Ir-rikorrent jilmenta li l-paragrafu **9 tal-Kodici ta' l-Etika ghall-Gudikanti** jikser l-**Artikolu 42 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 11 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem** u dan ghaliex fil-fehma tieghu dan il-paragrafu qieghed johloqlu restrizzjoni mhux gustifikata f'socjeta` demokratika tad-dritt ta' assocjazzjoni. Jigi senjalat li r-rikorrent indirizza l-lanjanza tieghu ghas-subinciz 9(d) tal-Kodici.

"Ir-rikorrent jaghmel riferenza ghall-Art. **16 tal-Kap.12** tal-Ligijiet ta' Malta u jghid li huwa dan l-artikolu li ghandu japplika u cioe: "*L-imħallfin u l-maġistrati ma jistgħux ikkollhom ebda professjoni, negozju jew kummerċ, jew ebda kariga oħra bi ħlas ta' ebda xorta, lanqas temporanja, minbarra kariga ġudizzjarja f'Qorti jew tribunal internazzjonali jew f'korp ta' gudikatura internazzjonali, jew il-kariga ta' eżaminatur fl-Universita` ta' Malta."*

"Permezz tal-artikolu **101A (11)** tal-Kostituzzjoni, insibu li:-

*""(11) Il-funzjonijiet tal-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja huma:*

*"...(d) li tifformula kodiċi jew kodiċijiet ta' etika li jirregolaw l-imġieba tal-membri tal-ġudikatura;"*

"Harsa lejn ir-regolamenti rilevanti tal-Kodici ta' l-Etika ghall-Gudikanti (aktar 'il quddiem imsejha "*Il-Kodici")* u Linji Gwida[70] imfasslin mill-Kummissjoni jirrizulta fis-segwenti:

""8. *il-Gudikanti ghandhom kull dritt li jamministraw hwejjighom bl-ahjar mod possibbli ghalihom. Madanakollu, m'ghandhom jezercitaw ebda attivita' li min-natura taghha hija inkompatibbli ma' l-ufficcju taghhom. "*

*"9 (d) Il-Gudikanti ma jista' jkollhom ebda kariga jew pozizzjoni, anke jekk temporanjament jew volontarja jew onorarja, u anqas jistghu jwettqu xi attivita', li fil-fehma tal-Kummissjoni ghall-Amministrazzjoni tal-Gustizzja tista' tikkomprometti jew tippregudika l-pozizzjoni taghhom, jew id-doveri jew il-funzjonijiet taghhom."*

[70] Fol.293 *et.seq.* tal-process.

“Skont r-regolament **29**: *“Il-Prim Imhallef ghandu jirrakkomanda ghall-approvazzjoni tal-Kummissjoni ghall-Amministrazzjoni tal-Gustizzja linji gwida ghall-Gudikanti bl-iskop li jiccara kif ir-regoli f'din il-Kodici, jew xi whud minnhom, jistghu japplikaw ghall-kazijiet konkreti, u sabiex tigi assigurata, sa fejn hu possibbli, uniformita' fl-implimentazzjoni tal-istess regoli."*

“Skont il-Linji Gwida[71] annessi mal-Kodici taht l-intestatura "***Attivitajiet socjali, kulturali u ohrajn"*** insibu dettaljat li, bhala regola, Mhallef jista' jiehu sehem f'attivitajiet *inter alia* kulturali, sportivi, jew socjali u rikreattivi "*kemm-il darba dawn l-attivitajiet ma jnaqqsux mid-dinjita' tal-kariga gudizzjarja jew inkella jfixxkluh fl-ezercizzju tad-dmirijiet gudizzjarji, u ghal dan il-ghan Imhallef jista' jkun membru ta' assocjazzjoni....sportiva. Ghajr ghal karigi onorarji (i.e.mhux ezekuttivi) Imhallef m'ghandux ikollu karigi f'assocjazzjoni, la f'Malta u lanqas barra minn Malta, li direttament jew indirettament tehtieg gbir ta' fondi minn terzi li ma jkunux membri ta' dik l-assocjazzjoni, jew li tehtieg li jkun hemm talbiet ta' 'sponsorship'...jew assocjazzjoni li tircievi fondi mill-Gvern..."*

**“<u>Dispozizzjonijiet Applikabbli tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni.</u>**

> ***““Kost. ta' Malta: Art. 42.*** *(1) Ħlief bil-kunsens tiegħu stess......ħadd ma għandu jiġi mfixkel fit-tgawdija tal-liberta` tiegħu ta' għaqda u assoċjazzjoni paċifika, jiġifieri, id-dritt tiegħu li jingħaqad paċifikament u liberament u jassoċja ma' persuni oħra u b'mod partikolari li jifforma jew jappartjeni lil trade union jew unions jew assoċjazzjonijiet oħra għall-protezzjoni tal-interessi tiegħu."*

“Dan id-dritt ma ghandu jbati ebda restrizzjoni hlief naturalment u kif specifikat fis-subartikolu (2) tal-istess artikolu meta tali restrizzjoni tkun preskritta b'ligi u mehtiega f'socjeta` demokratika fl-interess tas-sigurta' nazzjonali jew tas-sigurta' pubblika, biex jigi evitat id-dizordni jew l-ghemil ta' delitti, ghall-protezzjoni tas-sahha jew tal-morali jew ghall-protezzjoni tad-drittijiet u libertajiet ta' haddiehor jew li jimponi restrizzjonijiet fuq uffiċjali pubbliċi; u ħlief safejn dak il-provvediment jew, skont il-każ, il-ħaġa magħmula skont l-awtorita` tiegħu hija murija li ma tkunx ġustifikabbli raġonevolment f'soċjeta` demokratika.

[71] Maghmulin skont ir-Regola 29 tal-Kodici ta' l-Etika ghall-Gudikanti u approvati fit-8 ta' Gunju 2004

"Dan l-artikolu jirrifletti l-**Artikolu 11** tal-Konvenzjoni li jiddisponi hekk:-

*""(1) Everyone has the right to freedom of peaceful assembly and to freedom of association with others, including the right to form and to join trade unions for the protection of his interests.*

*"(2) No restrictions shall be placed on the exercise of these rights other than such as are prescribed by law and are necessary in a democratic society in the interests of national security or public safety, for the prevention of disorder or crime, for the protection of health or morals or for the protection of the rights and freedoms of others. This Article shall not prevent the imposition of lawful restrictions on the exercise of these rights by members of the Armed Forces, of the Police or of the administration of the State."*

"Ir-rikorrent jikkontendi li:-

"i. Ir-regoli imfissra fil-Kodici tal-Etika mhumiex preskritti bil-ligi (*prescribed by law)* u l-Ligi applikabbli ghalih hija d-dispozizzjoni tal-artikolu 16 tal-Kap.12 li mhuwiex qed iledi. *Inoltre* d-dispozizzjoni relattiva fil-Kodici tal-Etika u fil-linji gwida ma jissoddisfawx il-kriterji stabbiliti mill-Qorti Ewropea ta' prevedibbilta', u cioe`, li jridu jkunu "*forseeable as to its effects with sufficient precision to regulate his conduct."*

"ii. Ir-regolament li jimpedih milli jassocja ruhu f'assocjazzjoni sportiva mhuwiex gustifikabbli bhala "*necessary in a democratic society."*

"iii. Gudikant mhuwiex parti mill-amministrazzjoni tal-iStat u mhuwiex ufficjal pubbliku.

"iv. Il-kondizzjonijiet vigenti mal-hatra ta' gudikant ma jistghux jinbidlu bi zvantagg tieghu wara l-hatra tieghu (**Art. 107(3)** tal-Kostituzzjoni.

“Fix-xhieda tieghu[72] qal li dak iz-zmien li gie mahtur Magistrat u sussegwentement, Imhallef, ma kienx jezisti l-Kodici ta’ l-Etika ghalkemm il-Kummissjoni jista’ ikun li kienet tezisti meta sar Imhallef. "*Effettivament kien jirregola kollox l-artikolu 16; pero` nista’ biex nghid hekk insemmi li l-ewwel kodici li hareg kien il-Kodici ta’ l-Etika ghal Gudikanti f’ April 2000."*

“Dwar il-kariga li kien jokkupa mal-KOM qal li fl-1987 kien membru; 1988 *senior vice president*, 1996 *Chairman*, u minn *circa* 1999 sal-2013, April, President. Ikkonferma li l-kariga tieghu kienet volontarja - "*Jigifieri effettivament jiena qatt ma hadt sold mill-Kumitat Olimpiku Malti".*

**“<u>Applikazzjoni tal-Principji ghall-fatti tal-kaz.</u>**

“Is-setgha tal-Kummissjoni li tfassal Kodici ta' l-Etika giet ikkonsidrata mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kaz ***Depasquale v PM***[73] fejn il-Qorti rrapportat id-definizzjoni ta' 'Kodici tal-Etika' kif imfissra fl-Att XI tal-1994, liema Att zied is-setghat tal-Kummissjoni.

“Ta' rilevanza l-osservazzjoni ta' dik il-Qorti f'dak li jirrigwarda l-kuxjenza ta' gudikant minhabba l-insistenza tar-rikorrent li l-artikolu 16 tal-Kap.12 jorbot lill-gudikant u li l-ittra ta' Awwissu 2007 mibghuta mill-Kummissjoni "*attiratlu l-attenzjoni biss"* billi ma ordnatlux li jitlaq mill-kariga li kellu mal-KOM.[74]

“Il-Qorti, fil-kaz ta' ***Depasquale*** osservat hekk:

> *““Il-Kostituzzjoni ma tghidx li dawn il-principji, biex ma jkunux indhil u tnaqqis ta' l-indipendenza tal-gudikant, iridu jigu biss mill-kuxjenza tieghu u mhux ukoll minn barra. Anzi l-kostituzzjoni stess, fl-art.101 tghid li l-ebda gudikant ma ghandu jidhol ghad-dmirijiet tieghu ‘sakemm ma jkunx ha u ffirma l-gurament ta' lealta'*[75] *u dak il-gurament ghall-qadi xieraq tal-kariga tieghu*[76] *kif jista' jkun preskritt b'xi ligi li ghal dak iz-zmien tkun issehh f'Malta......Dawn il-guramenti jsemmu principji*

[72] Seduta tad-29 ta' April 2014.
[73] Sentenza tad-29 ta' Jannar 1999 pp.15 et seq.
[74] Xhieda fis-seduta tad-29.4.2014
[75] Art.124(1) Kost.
[76] Art 10 tal Kap.12 li japplika ghall-Imhallfin u art.17 ghall-Magistrati.

*li jmexxu l-imgieba tal-gudikant u huma principji gejjin minn barra l-kuxjenza, ghalkemm, naturalment, ma fihom xejn li jmur kontra l-kuxjenza."*

*"Inoltre,* s-setgha tal-Kummissjoni li "*tigbed l-attenzjoni*" ta' gudikant ghal xi nuqqas[77], kif gara fil-kaz odjern bl-ittra tas-7 ta' Awwissu 2007 ghandha tigi inkwadrata fid-dmir tal-Kummissjoni li tara kif qed jimxi gudikant u tghidlu fejn qed jonqos.

**"<u>Eccezzjoni Sollevata mill-Prim Ministru</u>**

"Illi qabel ma tezamina jekk ir-regolament 9(d) u l-linji gwida, jissoddisfawx id-dettami tal-artikoli ccitati, tajjeb li tezamina l-eccezzjoni ssollevata mid-difensur tal-Prim Ministru fis-sens li l-reg. 9 (d) ma jimponix restrizzjoni *per se* fuq il-liberta` ta' ghaqda u assocjazzjoni ghaliex timpedixxi biss li l-gudikanti jkollhom xi kariga jew pozizzjoni.

"Harsa lejn il-kliem testwali ta' dan ir-regolament juri li gudikanti lanqas "*jistghu jwettqu xi attivita', li fil-fehma tal-Kummissjoni ghall-Amministrazzjoni tal-Gustizzja tista' tikkomprometti jew tippregudika l-pozizzjoni taghhom, jew id-doveri jew il-funzjonijiet taghhom.*"

"Ghalhekk dan ir-regolament ma jolqotx biss il-kariga li jista' jokkupa gudikant imma jirrestringi t-tip ta' attivita` li jista' jisvolgi 'l hinn mill-qadi ta' dmirijietu bhala gudikant.

"Ir-rigorosita ta' dan is-subartikolu u attenwat fil-linji gwida li jibdew biex jghidu "*Bhala regola Mhallef jista' jiehu sehem....jista' jkun membru...*"

"Difatti l-Kummissjoni ma kitbitx lir-rikorrent minhabba l-kwalita' tieghu ta' membru ta' assocjazzjoni, izda minhabba l-kariga ezekuttiva li kien qed jokkupa fil-KOM.

"Illi l-ewwel ittra ta' Dicembru 2004 mibghuta lir-rikorrent mill-Kummissjoni kienet il-bazi tal-indagni tal-Kummissjoni li wasslet ghall-ittra tas-sena 2007. Skont din l-ittra, jirrizulta li l-Kummissjoni ma kenitx qed timpedixxi s-shubija tar-rikorrent f'socjeta` sportiva bhala <u>membru</u>, imma gibditlu l-attenzjoni ghall-inkompatibbilta' bejn ir-rwol tieghu ta' gudikant mal-<u>kariga</u> li kien qed jokkupa. Sintetikament il-Kummissjoni nfurmat lir-rikorrent li hija kienet se tezamina jekk, fid-dawl tal-Kodici tal-Etika ghall-Gudikanti l-kariga ta' President tal-Kumitat Olimpiku Malti (KOM) kenitx kompatibbli mal-kariga tieghu ta' Imhallef.

[77] Art.101A(11)(f) Kost. mizjud bl-Att.IX.1994.2

"Fid-dawl ta' din il-konsiderazzjoni, ir-restrizzjoni imposta mill-kummissjoni ma tistax titqies li lLediet id-dritt ta' assocjazzjoni *per se* tar-rikorrent, imma rreferiet ghall-kariga li kien qed jokkupa fil-KOM.

"Ukoll , l-artikolu 9(d) kif interpretat bil-linji gwida, imfassla mill-Prim'Imhallef skont il-Kodici stess, ma jillimitawx is-shubija f'assocjazzjoni bhala membru semplici imma jirrestringu l-okkupazzjni ta' kariga f'assocjazzjoni ta' gudikant.

"Ghaldaqstant fid-dawl tal-premess, l-punt issollevat mid-difensur tal-Prim'Ministru hu validu.Ghal din ir-raguni din il-Qorti ma tqiesx li r-regolament 9(d) ledi d-dritt ta' assocjazzjoni.

"Il-Qorti tista' tieqaf hawn izda stante l-importanza tal-principji involuti f'dan il-kaz, ser tghaddi biex tikkonsidra l-punti sollevati mir-rikorrent.

***"Preskritta bil-Ligi"***

"Fil-kaz ta' ***Malone***[78] l-Qorti Ewropea irriteniet li l-kelma "*law/loi*" tapplika kemm ghal-ligi promulgata kif ukoll ghall-*common law. Inoltre* applikat it-terminu "*prescribed by law*" ghal *Rules of Professional Conduct* ta' *Veterinary Surgeon* minkejja li dawn ir-regoli gew maghmula minn kunsill professjonali u mhux mill-Parlament: "*The competence of the Veterinary Surgeons' Council in the sphere of professional conduct derives from the independent rule-making power that the veterinary profession......traditionally enjoys, by parliamentary delegation.*"[79] Jigi precizat li dak il-kaz gie investigat taht l-artikolu 10 tal-Konvenzjoni, (liberta' ta' l-espressjoni) izda l-interpretazzjoni moghtija lir-restrizzjonijiet mill-Qorti Ewropea hija wahda konsistenti applikabbli ghall-artikoli kollha fejn tali restrizzjonijiet huma mfissra.

"Dwar is-setgha tal-Kummissjoni li tfassal Kodici ta' l-etika, il-Qorti, fil- kaz fuq citat ta' ***Depasquale,*** irriteniet li l-Kummissjoni, meta tfassal il-kodici, tkun qed tinqeda b'setgha delegata lilha mill-Kostituzzjoni. Dwar dan ma hemm l-ebda

[78] ECHR 2.8.1984
[79] ***Barthold** -25.3.1985*

dubju. L-awtorita' tal-Kummissjoni temani mill-Kostituzzjoni. Is-sahha legali tar-regoli tal-kodici johrog minn din id-delega moghtija mill-oghla ligi tal-pajjiz. Ghalhekk ir-rikorrent ma jistax jghid li l-kodici ta' l-etika m'ghandhiex il-forza ta' ligi li hija vinkolanti fuq il-gudikatura.

“Illi t-terminu '*prescribed by law*' fil-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea, tirreferi wkoll ghall-kwalita' li ghandha jkollha l-ligi - cioe` accessibbilta' u prevedibbilta`.

“Ma hemmx dubju li l-Kodici ta' l-Etika hija accessibbli ghal kull gudikant u hija wkoll dokument pubbliku, sahansitra ppubblikata fuq siti elettronici. Jibqa' ghalhekk l-ezami jekk ir-regolament jissoddisfax il-kwezit ta' prevedibbilta'.

***“Prevedibbilta`”***

“Dan hu principju inerenti fil-kwalita' tad-dritt. Kull persuna ghandha jkollha access ghal-ligi li ghandha tkun imfissra b'mod car bizzejjed li dak li jkun jista', imqar bl-ghajnuna ta' parir legali jipprevedi l-konsegwenzi tal-vjolazzjoni ta' dik il-ligi - "*the relevant national ' law'...must be formulated with sufficient precision to enable those concerned- if need be, with appropriate legal advice - to foresee to a degree that is reasonable in the circumstances, the consequences which a given action may entail."*[80] Dan ukoll jiddependi fuq "*the content of the instrument concerned, the field it is designed to cover, and the number and the status of whose to whom is it addressed."*[81]

“In sostenn tat-tezi tieghu, ir-rikorrent jiccita s-sentenzi tal-Qorti Ewropea fil-kawzi "***Maestri v Italy"***[82] u ***“N.F. and others v Italy” (2001)***[83] li jikkoncernaw passi dixxiplinari li ttiehdu kontra gudikanti minhabba s-shubija taghhom fil-*Freemasons.* Fil-kaz ta' ***“N.F. et.al. v Italy”*** sabet li " *he disciplinary sanction had had a basis in Italian law (§ 27) and that the “law” on which it was based had been accessible (§ 28). However, it considered that the condition of foreseeability had not been satisfied (§§ 29-34)."*

---

[80] ***ECHR Wingrove -*** *Reports 1966*-V. Vol. 33 para 4. dec, 25.11.1996. Ukoll ara -The Sunday Times *v. the United Kingdom (no. 1)*, - 26 April 1979, Series A no. 30, p. 31, § 49; *Larissis and Others v. Greece*, - 24 February 1998, *Reports of Judgments and Decisions* 1998-I, p. 378, § 40; *Hashman and Harrup v. the United Kingdom* [GC], no. 25594/94, § 31, ECHR 1999-VIII; u *Metropolitan Church of Bessarabia and Others v. Moldova*, no. 45701/99, ECHR 2001-XII).
[81] ***Corherr -25.8.1993* A 266-B pp 35-36**
[82] *Application no. 39748/98* - dec.17.2.2004
[83] Appl no. 37119/97, §§ 14-19 and 27, ECHR 2001-IX,

“Fil-kaz ta' ***Maestri,*** il-Qorti qalet hekk:

> *““4. As regards foreseeability, the Court must determine whether domestic legislation laid down with sufficient precision the conditions in which a judge should refrain from joining the Freemasons. In this connection, regard should also be had to the particular requirements of disciplinary regulations."*

“Minn ezami ta' dak il-kaz, il-Qorti kkonkludiet li l-kondizzjoni ta' *foreseeability* ma gietx soddisfatta.

“Illi fil-kaz odjern, ir-regolament 9(d) hu mfisser f'termini pjuttost generici ("*fil-fehma tal-Kummissjoni tista' tikkoprometti jew tippregudika....")* izda ghandu jinqara flimkien mal-linji gwida annessi mal-Kodici li wkoll huma pubblici u accessibbli. F'dawn il-linji gwida, il-Kummissjoni qed tfisser ir-regola aktar fid-dettall. B'dan ma hemm xejn kontra d-dettami tal-Konvenzjoni li tippermetti li regoli jigu mfassla b'mod generiku purke' jkunu accessibbli u jistghu jinftiehmu. *Inoltre* d-diskrezzjoni moghtija lill-Kummissjoni mhix wahda arbitrarja imma ezercitata bhala parti mill-funzjonijiet moghtija lilha skont il-Kostituzzjoni. Ir-rikorrent imkien ma jghid li l-Kummissjoni agixxiet *ultra vires* jew ma qdietx dmirijietha kif trid il-Kostituzzjoni.

“Ikkonsidrat li kull gudikant jaf li l-linji gwida jifformaw parti integrali tar-regoli ta' etika mfissra fil-kodici. Skont il-linji gwida fuq citati Mhallef "*jista’ jkun membru ta' assocjazzjoni....sportiva". .*Imbaghad ikomplu f'termini daqstant cari meta jipprojbixxu lill-gudikant milli "*ghajr ghal karigi onorarji"* u hawnhekk il-linji gwida jaghtu tifsira cara li dan ifisser karigi "mhux ezekuttivi"*, "Imhallef m'ghandux ikollu karigi f'assocjazzjoni, la f'Malta u lanqas barra minn Malta, li direttament jew indirettament tehtieg gbir ta' fondi minn terzi li ma jkunux membri ta' dik l-assocjazzjoni, jew li tehtieg li jkun hemm talbiet ta' 'sponsorship'...jew assocjazzjoni li tircievi fondi mill-Gvern...".* Certament dawn il-kliem ma jhallu ebda dubju ragonevoli li huma applikabbli ghall-kaz tal-Kumitat Olimpiku Malti u b'hekk l-element ta' prevedibbilta` huwa sodisfatt.

“Fil-fehma tal-Qorti ma hemmx ekwivocita' f'dawn il-kliem. Anzi anke jekk, ghall-grazzja tal-argument, ir-rikorrent kellu xi dubju dwar it-tifsira ta' dan il-kliem,( u din il-Qorti ma tistax temmen li kellu tali dubbju) l-ittra mibghuta mill-Kummissjoni fis-sena 2004, u l-proceduri li segwew u kkulminaw fl-ittra tas-sena 2007, zgur ma hallewhx f'ebda dubju dwar it-tifsira taghhom.

“Ikkonsidrat infatti, li r-rikorrent ma xehedx li ma kienx jaf it-tifsira tal-kliem. Pjuttost ma tax kaz li kellu jottempera ruhu mal-artikolu 9(d) u mal-linji gwida ghalhiex, skont hu, kien biss l-artikolu 16 tal-Kap.12 li kien jirregola l-imgieba tal-gudikanti.

“Ir-rikorrent esebixxa diversi ritratti li juruh akkompanjat minn rapprezentanti tal-Gvern. Xehed ukoll li membri tal-Gvern kienu jitolbuh jorganizza attivitajiet f'Malta minhabba l-kariga li kien jokkupa mal-KOM:

“Izda dan kollu isahhah it-tezi li gudikant m'ghandux jokkupa kariga ezekuttiva f'assocjazzjoni, anke fuq bazi merament volontarja ghaliex igib fid-dubju l-

integrita' u d-dinjita' tieghu ta' gudikant, kif ukoll dik l-awtonomija mill-indhil li kull cittadin ghandu dritt li jitlob u jippretendi minghandu. Cittadin li jsib ruhu f'kawza kontra s-sahha tal-iStat irid is-serhan tal-mohh li l-Imhallef fil-kawza tieghu jkun li ‘l hinn mill-influwenza, anke indiretta, ta' rapprezentanti governattivi. Kif jista' iserrah mohhu jekk il-gudikant fil-kawza tieghu ta' sikwit jhabbatha fil-hajja privata u kwazi pubblika tieghu ma' rapprezentanti tal-Gvern u sahansitra, minhabba l-kariga tieghu ezekuttiva f'assocjazzjoni, jiddependi mill-benplacitu tal-Gvern ghall-i*sponsorships?* Dan jghodd ukoll ghall-finanzjar mis-settur privat - x'impatt jista' jkollu fuq l-apparenza ta' gudizzju imparzjali u distakkat mitlub minn Mhallef, il-fatt li jkollu quddiemu entita' kummercjali jew kumpanija li tkun generuza mal-assocjazzjoni tieghu? Kif irrileva d-difensur tal-Prim Ministru, il-kariga li okkupa fil-KOM esponietu ghall-possibbilta' ta' kontroversji fil-kamp sportiv, ma entitajiet governattivi u sportivi ohrajn.

“Din il-Qorti tishaq li mhi qed tghaddi l-ebda gudizzju fuq ir-rikorrent imma semplicement tidentifika r-ragunijiet li, fil-fehma taghha, jiggustifikaw l-impozizzjoni tar-restrizzjonijiet imfissra fil-kodici u fil-linji gwida.

“Illi ma hemmx dubju li l-kodici ta' l-etika hija vinkolanti. Ir-rikorrent jghid li l-ittra tas-sena 2007 kienet biss attiratlu l-attenzjoni ghan-nuqqas tieghu. Izda minn ezami tal-korrispondenza anke antecedenti ghal din l-ittra, jirrizulta li l-Kummissjoni kienet carissima meta gharrfitu li l-ghemil tieghu kien jikkostitwixxi lezjoni tal-kodici tal-etika li kienet applikabbli ghalih.

“Hu ghazel li jinjora (konxjentement u volontarjament) din l-ittra, kif ukoll diversi ittri li ntbaghtu mill-Kummissjoni qabel ma hadet id-decizjoni *a tenur* tal-artikolu 101A (11) (f). B'hekk ma jfissirx li l-ezercizzju ta' din is-setgha kienet inqas vinkolanti ghalih, jew li ma setax jipprevedi li n-nuqqas kontinwu tieghu konsistenti fl-ghazla li jinjora ripetutament dak li qaltlu l-Kummissjoni, setghet xi darba twassal ghall-mozzjoni ghat-tnehhija.

“Illi l-fatt li r-rikorrent issottovaluta l-effett tal-ittra tal-Kummissjoni tal-2007, tal-kodici ta' l-etika, u tal-linji gwida, b'hekk ma jfissirx li l-konsegwenzi ma kienux ragonevolment prevedibbli ghall-gudikant(il-kategorija milquta). Il-fatt li l-ittra tal-Kummissjoni mhix awtomatikament segwita b’ passi dixxiplinari ma jfissirx li l-konkluzjoni milhuqa mill-Kummissjoni permezz ta' dik l-ittra fiha innifisha ma sservix bhala sejba ta' mgieba hazina fil-gudikant li tista' tiskatta mozzjoni quddiem il-Kamra tad-Deputati.

“Lanqas jreggi l-argument li l-artikolu 16 tal-Kap.12 kien applikabbli biss ghall-kaz tieghu ghaliex kien car li l-Kodici tal-Etika kienet imfassla ghall-gudikatura

kollha u diment li ma tindahalx fil-qadi tad-dmirijiet ta' gudikant, il-kodici hija vinkolanti.

**"L-Applikabbilta' tar-restrizzjonijiet ghad-dritt ta' Ghaqda u Assocjazzjoni**

"Ir-rikorrent isostni li r-restrizzjonijiet odjerni mhumiex mehtiega f'socjeta` demokratika u li, bhala gudikant, m'huwiex ufficjal pubbliku jew parti mill-amministrazzjon tal-iStat.

"Il-Qorti tibda biex tghid minnufih li ma taqbilx ma' dan l-argument. *Standards* ta' *etika* ghall-gudikanti huma mehtiega f'socjeta` demokratika u jirraprezentaw l-oghla valuri li ghalihom il-gudikant ghandu jaspira fl-imgieba u fl-istil ta' hajja tieghu. F'dan l-isfond ir-restrizzjonijiet imfissra fir-regolament 9(d) u fil-linji gwida huma perfettament kompatibbli ma' dak mehtieg f'socjeta` demokratika li trid thares il-fiducja li l-pubbliku jpoggi fil-gustizzja in generali u fil-gudikatura in partikolari fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet gja maghmula.

**"Ufficjali Pubblici (Art.42(2)(b) jew Membri tal-Amministrazzjoni tal-iStat (Art.11)**

"L-awturi Van Dijk u Van Hoof[84] jghidu hekk:-

> *""In the **Vogt case**[85], the Court observed that the notion of 'administration of the State' is to be interpreted narrowly, and in the light of the post held by the civil servant concerned (para 31). Consequently the Court is likely to independently review the necessity of the restrictions imposted. In the Vogt case the examination took the form of a proportionality test (whether the dismissal of applicant was disproportionate to the legitimate aim pursued - national security, prevention of disorder, rights and freedoms of others) .... The 'lawful restrictions' that can be imposed on members of the police, the army and the administration of the State are judged on the basis of the standards of legitimate aim, pressing social need and proportionality."*

[84] Op.cit, p 600.
[85] Dec.2.9.1996 Reports 1996-IV Vol.14

> “Ghalhekk xejn ma jiswa li gudikant jigi karatterizzat *o meno* f'wahda mill-kategoriji fuq citati ghaliex il-Qorti Ewropea dejjem irriservat li tindaga dwar il-legittimita' tar-restrizzonijiet imposti f'kull kaz.
>
> “In-necessita` tar-restrizzjonijiet gja giet trattata. Fil-fehma tal-Qorti lanqas jista’ ir-rikorrent isostni b'success li r-restrizzjoni imposta bil-kodici ta' l-etika hija arbitrarja u mhux proporzjonali. Kif mahsuba fil-linji gwida, u applikata anke ghall-kaz in ezami r-restrizzjoni tolqot mhux is-shubija bhala semplici membru, imma l-okkupazzjoni ta' kariga fil-KOM u dan ghar-ragunijiet gja spjegati.
>
> “Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti ma ssibx li kien hemm vjolazzjoni tal-artikolu 42 tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 11 tal-Konvenzjoni.
>
> “Fid-dawl tal-premess, il-Qorti m'ghandhiex ghalfejn tezamina s-sitt talba tar-rikorrent.”

**L-Appelli**

**4.** Ir-rikorrent qed jappella kemm mis-sentenza fuq riportata kif ukoll mid-digrieti moghtija fis-17 ta’ April 2014 u fit-2 ta’ Mejju 2014.

**5.** Dwar id-digrieti, ir-rikorrent qed jitlob li din il-Qorti:

> “Tirriforma d-digriet tas-17 ta’ April 2014 billi tirrevokah in kwantu cahdet it-talba ghaz-zieda tat-talbiet [vii],[viii] u [ix] u in kwantu giet michuda t-talba biex jitressaq bhala xhieda l-President Emeritu Dottor George Abela [“il-President”], l-Avukat Dottor Peter Crech, filwaqt li tikkonfermah ghal bqija.

> “Tiddikjara li bid-digriet tat-2 ta’ Mejju 2014 l-Ewwel Qorti cahdet lir-rikorrent mid-dritt li jinterponi appell interlokutorju billi rrifjutat l-ghoti tal-*leave to appeal*”

**6.** Dwar is-sentenza appellata huwa talab li din il-Qorti tirriformaha billi, filwaqt li tikkonferma dik il-parti fejn l-ewwel Qorti cahdet l-eccezzjonijiet preliminari tal-intimati, tirrevokaha inkwantu cahdet it-talbiet kollha tieghu, u konsegwentement tghaddi biex tilqa’ t-talbiet tieghu, kemm dawk fir-rikors promotur, kif ukoll dawk addizzjonali maghmula fir-rikors tal-11 ta’ April 2014; tordna l-hlas ta’ kumpens xieraq ghal-lezjoni tad-drittijiet fundamentali sofferti mir-rikorrent; bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-intimati appellati.

**7.** Min-naha taghhom l-intimati l-ohra, ghar-ragunijiet minnhom esposti fir-risposti taghhom, talbu li l-appell tar-rikorrent jigi michud; bl-ispejjez kontra r-rikorrent. L-intimati, l-Avukat Generali u l-Kummissjoni pprezentaw separatament appell incidentali li permezz tieghu talbu li, ghar-ragunijiet minnhom esposti fir-risposta taghhom, l-appelli incidentali taghhom jigu milqugha u s-sentenza appellata tigi riformata konformament.

**<u>Id-Digrieti Interlokutorji</u>**

**8.** Ghalkemm fir-rikors tieghu r-rikorrent qed jitlob ir-revoka kemm tad-digriet tas-17 ta’ April 2014, kif ukoll tad-digriet tat-2 ta’ Mejju 2014, jidher li l-

aggravji huma diretti lejn id-digriet tal-ewwel li, naturalment ir-revoka tieghu tirrendi superfluwa pronunzjament fuq id-digriet tal-ahhar. Huwa jibbaza din il-parti tal-appell tieghu fuq is-segwenti aggravji:

**9.** [1] Huwa jilmenta mill-fatt li l-ewwel Qorti cahdet it-talba tieghu sabiex iressaq bhala xhud lill-President tar-Repubblika biex dan jaghti spjegazzjoni ghaliex, filwaqt li deherlu li kellu jastjeni meta kienet ser tigi diskussa l-ewwel Mozzjoni, ma hassx li kellu jastjeni meta l-Kummissjoni hadet decizjoni dwar kif ser tittratta t-tieni Mozzjoni.

**10.** [2] Ir-rikorrent jilmenta wkoll li l-ewwel Qorti ma kellhiex tichad it-talba tieghu sabiex jigi permess iressaq bhala xhud lill-Avukat Generali Dottor Peter Grech, stante li fil-fehma tar-rikorrent dan ix-xhud "hu importanti biex jispjega ghaliex il-Kummissjoni ma baghtitx ghar-rikorrent u ma gietx segwita l-procedura taht il-Kap.369.".

**11.** Ikompli jispjega hekk l-aggravji tieghu:

> "Il-kawza odjerna giet istitwita biex tipprova n-nuqqas ta' smigh xieraq quddiem il-Kummissjoni. Wiehed mill-ilmenti huwa proprju kif il-President ta' Malta l-ewwel kien astjena u in segwitu ha sehem dwar it-tieni Mozzjoni. Ukoll l-astensjoni/rikuza ta' Dottor Grech hija proprju intiza biex jigi stabbilit x'gara fil-bidu, kif ukoll meta giet it-tieni Mozzjoni ta' l-iSpeaker, jekk il-Gvern u l-iSpeaker hadux pariri minghandu dwar xi aspett ta' dawn il-proceduri kollha. Hu importanti li jigi stabbilit li kien hemm xi komponenti tal-Kummissjoni li ma kienux prezenti specjalment waqt it-trattazzjoni orali."

**12.** Min-naha tieghu l-Avukat Generali fir-risposta tieghu jissenjala fl-ewwel lok li dak li qed jigi kontestat b'dawn l-aggravji huwa dik il-parti tad-digriet fejn l-ewwel Qorti cahdet it-talba ghall-produzzjoni tax-xhieda fuq indikati "u mhux ic-cahda tat-tlett talbiet addizzjonali." Jghid wkoll li skont il-ligi[86] "kull prova ghandha tkun relevanti ghall-kwistjoni fil-kawza bejn il-partijiet":-

> "Ghalhekk minn jipproponi t-talba ghall-produzzjoni ta' xhud partikolari jehtieglu li juri b'konvinciment illi mhux biss tezisti konnessjoni logika, izda fuq kollox din il-konnessjoni tkun b'mod li ghall-anqas mill-prova logikament tingibed inferenza rilevanti."

**13.** Huwa jispejga li l-azzjoni odjerna kif arginata mir-rikorrent fir-rikors promotur tittratta strettament punt legali, u l-provi kollha relattivi, fil-maggjor parti taghhom dokumentali, jinsabu fil-process. L-indagini li kellha taghmel il-Qorti fir-rigward tad-dritt ghal smigh xieraq huwa ristrett ghad-determinazzjoni jekk dan id-dritt tar-rikorrent kienx gie vjolat bil-mod kif il-Kummissjoni trattat it-tieni Mozzjoni, u dak li gara dwar l-ewwel mozzjoni ghadda in gudikat.

**14.** Jirrileva wkoll li l-astenzjoni tal-President dwar l-ewwel Mozzjoni kif ukoll dwar dak mitlub fil-konfront ta' Dottor Peter Grech, jirrizultaw mill-provi dokumentali. Inoltre, ix-xhieda ghandhom jittellghu biss sabiex jixhdu dwar il-fatti u mhux sabiex jixhdu dwar opinjonijiet jew interpretazzjonijiet ta' ligi.

[86] Art.558 Kap.12

Jghid li r-rikorrent ma gab l-ebda raguni konvincenti fl-aggravju tieghu li turi l-htiega li jittellghu dawn ix-xhieda, u kull ma gara fil-procediment quddiem il-Kummissjoni jirrizulta mill-verbali u mix-xhieda tal-Avukat Deborah Schembri.

**<u>Id-Digriet tas-17 ta’ April 2014</u>**

**15.** Dan fil-parti relevanti tieghu jaqra hekk:

**“TALBIET ADDIZZJONALI**

“Bir-rikors tieghu tal-11 ta' April 2014, ir-rikorrent qed jitlob li jizdiedu erba' talbiet in aggunta ghat-talbiet li saru fir-rikors promotur u cioe`:-

““(*vii)* *Tiddikjara li konformement ghall-principju ta' smigh xieraq, l-esponenti kellu d-dritt li jressaq fil-proceduri quddiem il-Kummissjoni x-xhieda minnu dettaljati in sostenn tal-linja difensjonali tieghu;*

*“(viii) Tiddikjara li s-smigh tal-kaz tieghu quddiem il-Kummissjoni huwa null ghaliex ma sarx pubblikament bil-miftuh;*

*“(ix) Tiddikjara li kull min mill-membri Parlamentari li gja esprima gudizzju fil-kaz tieghu ghandu jkun prekluz milli jghaddi gudizzju ulterjuri "ex novo."*

*“(x) Finalment tiddikjara li l-paragrafu 9 tal-Kodici ta' l-Etika jikser l-Artikolu 42 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 11 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem."*

“L-intimati huma unanimi fl-opposizzjoni taghhom ghaz-zieda tal-ewwel tlett talbiet filwaqt li l-Avukat Generali u l-Kummissjoni ma opponewx ghaz-zieda tat-talba (x).

**“Il-Qorti ser tittratta t-talbiet addizzjonali immarkati (vii)(viii) u (ix) u wara tittratta t-talba (x) .**

“Biex tasal ghal decizjoni dwar l-ammissibilta' ta' dawn iz-zidiet il-Qorti ser tippuntwalizza s-segwenti principji u osservazzjonijiet.

“L-intimati indirizzaw it-talbiet imsemmija strettament mill-*punto di vista* tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u tal-Procedura Civili. Dan hu legalment korrett (ara "***Generoso sive Jimmy Sammut v Prim Ministru*" - QK dec. fit-30 ta' April, 1994)**. Madanakollu d-dritt ta' azzjoni sancit fl-artikoli 33 sa 45 tal-Kostituzzjoni taghna ghat-tharis tal-libertajiet fondamentali tal-individwu jippermetti flessibilta' fl-applikazzjoni tar-regolamenti procedurali ordinarji.

“B'hekk l-artikolu **46(2)** tal-Kostituzzjoni ta' Malta jiddisponi li l-Prim'Awla tal-Qorti Civili, f'kawzi bhal dik odjerna "*tista’ tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tiżgura t-twettiq ta’ kull waħda mid-disposizzjonijiet tal-imsemmija artikoli 33 sa 45 (magħdudin) li għall-protezzjoni tagħhom tkun intitolata dik il-persuna."* Fl-istess spirtu, id-difetti ta' forma senjalati fl-regolament numru 3 tal-**L.N. 279 /2008** ma jgibux in-nullita' tar-rikors u jistghu jigu sanati.

“Dan il-principju gie rikonoxxut mill-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza "***Edwin Bartolo et. v Agent Registratur tal-Qrati noe et*"**(Q.K.15 ta' Frar 1991) fejn irriteniet li "*Fil-proceduri kostituzzjonali l-formalita' hija ridotta ghall-minimu necessarju u jiddependi kollox mid-diskrezzjoni tal-gudikant li ikun qed jippresjedi li ghandu jara li jigu salvagwardati l-principji kollha tal-gustizzja procedurali*" u kkonkludiet li l-licenzja procedurali sahansitra tawtorizza lill-Qorti li tmur *ultra petita.*

“Madanakollu u bl-applikazzjoni tal-principji tal-gustizzja procedurali li ghandhom jigu mharsa, l-Qorti ghandha tassigura li d-divjet mir-regolamenti

ordinarji ma johloqx ingustizzja ghall-intimati u tippregudikahom fid-difiza valida taghhom.

“It-tlett talbiet fihom infushom mhumiex imsejsa fuq fatti godda. Mhux il-kaz odjern li r-rikorrent qieghed isostni li sar jaf b'fatti godda li ma kienx a konoxxenza taghhom meta ipprezenta dawn il-proceduri. L-**artikolu 175 tal-Kap. 12** tal-Ligijiet ta' Malta jhalli tibdiliet u korrezzjonijiet fl-atti purke'

"*is-sostituzzjoni jew tibdil bħal dan ma jbiddilx fis-sustanza l-azzjoni jew l-eċċezzjoni fuq il-meritu tal-kawża*."

“Din il-Qorti mhix konvinta li t-talbiet imsemmija ser ibiddlu l-azzjoni fis-sustanza taghha u f'dan is-sens ma tikkondividix il-fehma tal-On. Prim Ministru.

“Ir-rikorrent, permezz tar-rikors promotur, qed jallega sintetikament li d-drittijiet tieghu ghas-smigh xieraq gew miksura mill-Kummissjoni ghall-Amministrazzjoni tal-Gustizzja meta infurmat lill-iSpeaker tal-Kamra tad-Deputati b'ittra tat-3 ta' Frar 2014, ikkonfermata b'ittra ohra tas-7 ta' Frar 2014[87] li kienet tal-fehma li ma ghandha xejn x'izzid mar-Rapport taghha tas-6 ta' Jannar 2014[88]. Dan ghamlitu minghajr ma innotifikatu bl-akkuza mressqa bit-Tieni Mozzjoni, u minghajr ma taghtu l-opportunita' li jaghmel ir-rapprezentazzjonijiet u jressaq ix-xhieda tieghu difensjonali fl-istess rigward. L-istess rikorrent jghid ukoll li b'dan l-agir il-Kummissjoni infrangiet mhux biss id-drittijiet fondamentali tieghu ghas-smigh xieraq, imma anke id-disposizzjonijiet kostituzzjonali u statutorji li jirregolaw il-proceduri ghat-tnehhija ta' Gudikant li kellhom jigu segwiti.

“Harsa lejn it-tlett talbiet addizzjonali juri li dawn huma wkoll pernjati fuq id-dritt ghas-smigh xieraq. L-opportunita li jressaq ix-xhieda tieghu (vii), li s-smigh tal-kaz tieghu isir bil-miftuh (viii), u anke li l-Membri Parlamentari li gja esprimew gudizzju fil-kaz taghhom ikunu prekluzi milli jghaddu gudizzju ulterjuri *ex novo* (ix), huma aspetti differenti tad-dritt sancit bl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-ECHR li l-istess rikorrent invoka fir-rikors promotur flimkien ma' lanjanzi dwar in-nuqqas ta' osservanza tal-ligi mill-istess Kummissjoni.

[87] Dok CAJ 4 u CAJ 6 rispettivament a fol. 45 u 47.
[88] Rapport esebit bhala DOK CAJ17.

“Dan hu koncess mill-Kummissjoni ghall-Amministrazzjoni tal-Gustizzja meta tghid li ma hemmx lok biex jizdiedu dawn it-talbiet (para 3 tar-risposta). L-Avukat Generali ukoll issottometta li din hija duplikazzjoni tant li jghid "*ma hemm l-ebda utilita' li jizdiedu t-talbiet"* (para 5 tar-risposta).

“L-istess rikorrent, fir-replika tieghu, ikkonceda li dawn it-tlett talbiet huma "*semplicement kjarifikatorji"* sabiex tigi evitata xi misinterpretazzjoni.

“Fid-dawl ta' din l-ispjegazzjoni, iz-zieda tat-tlett talbiet mhi ser taggungi xejn mat-talbiet originali ghaliex huma inkorporati *impliciter* fl-ezami li din il-Qorti ghandha taghmel tal-kaz fil-gudizzju finali taghha. Id-diskrezzjoni permessa bl-artikolu 175 tal-Kap. 12 u anke l-flessibilita' akkordata fil-materja ta' drittijiet fondamentali m'ghandux jiftiehem li jaghti licenzja assoluta sabiex ir-regoli procedurali jigu imwarrbin ghal kollox. Il-flessibilita' issir fejn il-Kostituzzjoni, u r-regolamenti dwar il -proceduri f'kazijiet bhal din, hekk jippermettu.

“Ghaldaqstant it-talba in kwantu li tirreferi ghall-paragrafi (vii),(viii) u (ix) qed tigi michuda in kwantu huma mhumiex misthoqqa peress li huma assorbiti gja fl-ewwel u fir-raba' talba tar-rikors promotur.

**“Talba gdida (x)**

“B'din it-talba r-rikorrent qed jinvoka il-liberta' tal-assocjazzjoni b'riferenza ghall-artikolu 9 tal-Kodici tal-Etika u jispjega li dan qed isir ukoll mill-aspett tal-ekonomija tal-gudizzju.

“Din il-Qorti gja ccitat il-fehma tal-Qorti Kostituzzjonali li l-Qorti f'din il-kompetenza, tista' anke tiddeciedi *ultra petita* u konformament ma' dan il-hsieb ser tghaddi biex takkolji dan l-aggunt salv li l-intimati ser jinghataw l-opportunita li jressqu risposta addizzjonali fuq dan il-mertu.

**“<u>It-Talba ghax-Xhieda</u>**

“Fl-udjenza tal-11 ta' April 2014, ir-rikorrent tramite id-difensur tieghu, iddikjara li bhala xhieda ghandu l-*ex* President tar-Repubbkika, l-iSpeaker, l-Imhallef Joe Azzopardi bhala membru tal-Kummissjoni, u l-Avukat Generali Dr. Peter Grech, bhala membru tal-Kummissjoni.

“Rat in-nota tal-14 ta' April 2014 fejn ir-rikorrent indika l-oggett tal-prova fir-rigward tal-President Emeritus, tal-Avukat Generali u indika ukoll lis-Segretarju tal-Kamra tad-Deputati izda ma ta l-ebda indikazzjoni ghax-xhieda mitluba tal-Onor. Imhallef Joseph Azzopardi u l-Qorti tifhem li r-rikorrent mhuwiex qed jinsisti izjed fuq dan ix-xhud. Del resto, peress li ma inghatatx spjegazzjoni tal-oggett tal prova fir-rigward tal-Imhallef Azzopardi fiz-zmien ordnat, dan ix-xhud ukoll mhuwiex iktar ammissibbli.

“Riferibbilment ghall-produzzjoni tal-iSpeaker, il-Qorti gja ezentatu milli jixhed f'din il-kawza b'Digriet taghha tal-10 ta' April 2014.

“F'materja ta' rilevanza ta' provi hu assolutament mehtieg li l-iskopijiet tal-kawza kif esposti fil-kawzali u l-motivazzjoni kontenuta fl-att promotorju tal-gudizzju u l-kontestazzjoni konsegwenzjali jinzammu kontinwament *in vista* biex il-kawza titmexxa fuq binarju gust kif hu rikjest mill-Kodici tal-Organizzazzjoni u tal-Procedura Civili.

“Il-Qorti tifhem li l-qofol tal-kwistjonijiet imqajma mir-rikorrent huwa jekk id-dritt tieghu ghas-smigh xieraq giex lez mill-intimati fil-konsiderazzjoni taghhom wara li giet intavolata it-Tieni Mozzjoni u li l-Kummissjoni infrangiet mhux biss id-drittijiet fondamentali tieghu ghas-smigh xieraq, imma anke id-disposizzjonijiet kostituzzjonali u statutorji li jirregolaw il-proceduri ghat-tnehhija ta' Gudikant li kellhom jigu segwiti .

“Ikkonsidrat li l-unici provi li jistghu isiru huma provi li jkunu rilevanti ghall kwistjoni (**art. 558** u **560** tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta) u hu espressament impost fuq il-Qorti li tichad li jingiebu provi irrilevanti. Dawn id-disposizzjonijet huma ta' ordni pubbliku u dan il-kontroll mill-Qorti huwa essenzjali ghall-ordinament tal-kawza.

“Il-Qorti issa ser tezamina l-kwistjoni dwar l-ammissibilta` tal-President Emeritus, tal-Avukat Generali u tal-iSkrivan tal-Kamra.

“**Talba biex jixhed il-President Emeritus.**

“Ir-rikorrent iddikjara li l-iskop ghal din ix-xhieda hu "*biex jikkonferma li hu ma astjenix dwar il-mozzjoni tat-28 ta' Jannar 2014, jispjega r-raguni ghaliex huwa astjena f'Dicembru 2012 u ma astjeniex f'2014 jekk hu l-kaz, jinforma jekk hu attendiex ghal-laqghat tal-Kummissjoni tal-Amministrazzjoni tal-Gustizzja wara s-6 ta' Jannar 2014 dwar ir-rikorrent u x'direttivi ta dwar ittri li kellhom jintbaghtu mill-Kummissjoni ghall-Amministrazzjoni tal-Gustizza lill-iSpeaker.*"

“Il-Qorti mhiex konvinta li din il-prova hija mehtiega. Il-qofol tal-kwistjoni quddiemha hija n-nuqqas ta' opportunita` moghti lir-rikorrent li jressaq ix-xhieda u jiddefendi l-posizzjoni tieghu quddiem il-Kummissjoni dwar it-tieni mozzjoni. Il-fatti rilevanti huma gja in atti kif inhuma l-fatti li r-rikorrent jixtieq jipprova permezz ta' dan ix-xhud.

“Mhux ikkontestat li l-President Emeritus ma astjeniex fir-rigward tal-kaz tar-rikorrent wara r-rapport tas-6 ta' Jannar 2014. Dan jirrizulta manifestament mill-fatt li ntbaghtet ittra fuq inkarigu tieghu fis-7 ta' Frar 2014. Jirrisulta ukoll min-nota intavolata mill-Kummissjoni fis-7 ta' April 2014 fejn hemm dikjarat li "*ghal-laqghat tal-Kummissjoni li nzammu biex jigu kkunsidrati l-ittri tal-Onor. Speaker tad-29 ta' Jannar 2014 u tal-4 ta' Frar 2014 kienu prezenti l-membri kollha tal-Kummissjoni <u>inkluz il-President Emeritus Dr. George Abela</u>*" (sottolinear tal-Qorti).

> “- L-ittra mibghuta fuq l-inkarigu tal-President Emeritus fis-7 ta' Frar 2014 (fol 47) hija wkoll cara u univoka. L-ittra ntbaghtet mis-Segretarja tal-Kummissjoni fuq inkarigu tal-President "*f'isem il-Kummissjoni ghall-Amministrazzjoni tal-Gustizzja".* L-ittra hija miktuba ghan-nom tal-Kummissjoni u tghid li fil-fehma tal-istess "*r-rapport tal-Kummissjoni.... datat is-6 ta' Jannar 2014, skont kif previst fis-subartikolu (4) tal-Artikolu 9 tal-Kapitolu 369, ghadu jghodd u applikabbli ghall-mozzjoni gdida.*" Ghalhekk ma hemm l-ebda dubbju li l-Kummissjoni, li kienet tinkludi l-President Emeritus, strahet fuq ir-rapport tas-6 ta' Jannar 2014. Anke f'dan ir-rigward mhux mehtieg ix-xhieda tal-President Emeritus.

"- Id-direttivi li ta johorgu mill-kontenut ta' din l-ittra tas-7 ta' Frar 2014 li hija mibghuta f'ismu ghan-nom tal-Kummissjoni.

"- Mhux ikkontestat li r-rikorrent ma kienx mitlub li jaghti l-verzjoni tieghu fil-laqghet imsemmija.

"- Fir-rapport tas-6 ta' Jannar 2014 hemm spjegazzjoni tar-raguni li l-President Emeritus kien ta meta astjena mill-proceduri fuq l-ewwel mozzjoni. Jirrizulta manifest mil-fatti surriferiti li l-President Emeritus ma rax li kienu jezistu l-istess cirkostanzi meta ghazel li ma jastjenix fuq it-tieni mozzjoni u li jigi prodott biex jaghti spjegazzjoni dwar din id-decizjoni hija xejn hlief investigazzjoni fil-motivazzjoni soggettiva tieghu li mhiex sindakabbli minn din il-Qorti.

"Il-Qorti ikkonsidrat li r-riferenza ghall-involviment tal-President Emeritus huwa biss accennat fir-rikors promotur b'enfasi fuq il-fatt li r-rapport li fuqu qed tistrieh il-Kummissjoni permezz anke tal-ittra tas-7 ta' Frar 2014, kien rapport li ma kienx partecipi fih. Ir-raguni tal-astensjoni tieghu hija spjegata fir-rapport tas-6 ta' Jannar 2014 u l-Qorti hija soddisfatta li ma regax astjena minhabba li ma avverrawx l-istess konsiderazzjonijiet li taw lok ghall-astensjoni - *res ipsa loquitur*. Certament fl-ebda parti tar-rikors promotur, jew tar-rikors odjern u tar-replika ma jirrizulta li r-rikorrent qed jallega xi *bias* fil-konfront tieghu da parti tal-President Emeritus li, *del resto*, kien id-difensur tieghu stess quddiem l-istess Kummissjoni fil-proceduri inkorsi fis-sena 2007.

"Ghalhekk it-talba fil-konfront tal-President Emeritus qed tigi michuda.

"- **Xhieda ta' Dr. Peter Grech**

"Ir-rikorrent talab li Dr Grech, li huwa l-Avukat Generali, jixhed i) dwar seduti li saru wara s-6 ta' Jannar 2014 mill-Kummissjoni riferibbilment ghar-rikorrent, ii) jikkonferma d-decizjoni tal-Kummissjoni u ghaliex ma sarx dak li titlob il-Kostituzzjoni u l-Kap 369, u iii) biex jixhed dwar kwalsiasi komunikazzjoni li kellu mal-iSpeaker dwar dan il-kaz.

“Il-Qorti tinnota li dak mitlub fil-paragrafu i) gja jirrizulta min-nota tal-Kummissjoni tas-7 ta' Frar 2014.

“Inoltre ma hemmx lok ghall-konferma minn membru tal-Kummissjoni tad-decizjoni tal-istess. Ma hemmx dubbju li d-decizjoni ittiehdet tant li l-iSpeaker tal-Kamra tad-Deputati ha nota taghha u din id-decizjoni hija ukoll mehuda bhala findali mill-istess rikorrent f'din il-kawza.

“Riferibbilment ghall-prova konsistenti fi spjegazzjoni mitluba dwar il-fatt li l-Kummissjoni ma segwitx il-procedura skont il-Kostituzzjoni u l-Kap 369, din ir-raguni hija spjegata fl-ittra tat-3 ta' Frar 2014 fejn il-Kummissjoni tghid li d-decizjoni haditha wara li ezaminat id-dokumenti mehmuza mal-ittra tal-iSpeaker tad-29 ta' Jannar 2014. Mhuwiex il-kaz li l-Qorti tidhol fid-deliberazzjonijiet li sehhew bejn il-membri tal-Kummissjoni ghaliex id-decizjoni tal-Kummissjoni hija wahda kollettiva.

“Il-Qorti tikkonsidra li din il-kwistjoni mhix daqstant punt ta' fatt imma punt ta' ligi peress li jirrizulta car li l-partijiet ser joffru interpretazzjoni differenti tad-disposizzjonijiet rilevanti tal-Kostituzzjoni u tal-Kap 369. Din ghandha tigi trattata mill-partijiet fis-sottomissjonijiet finali taghhom. Ghalhekk it-talba ghall-produzzjoni ta' Dr. Peter Grech qed tigi michuda.

“Fl-ahhar ix-xhud qed jintalab biex jixhed dwar kwalsiasi komunikazzjoni li kellu mal-iSpeaker dwar dan il-kaz. Dwar dan jirrizulta minn fol. 124 li kien hemm korrispondenza registrata bejn l-iSpeaker u Dr Peter Grech.

“Dwar dan il punt ukoll, il-Qorti ser tammetti x-xhieda ta' Raymond Scicluna sabiex jesebixxi l-ittri murija fir-registru tieghu a fol. 124 datati l-24 ta' Jannar 2014 u d-29 ta' Jannar 2014.”

*Konsiderazzjonijiet ta’ din il-Qorti*

**16.** L-ewwel nett jirrizulta car mill-aggravji mressqa mir-rikorrent dwar dan l-appell li dawn huma ristretti ghac-cahda tal-ewwel Qorti li tippermetti l-produzzjoni bhala xhieda f'din il-kawza taz-zewg persuni fuq indikati, u, ghalkemm fit-talbiet konkluzivi tieghu r-rikorrent jirreferi wkoll ghat-talbiet [vii], [viii] u [ix] maghmula fir-rikors tieghu tal-11 ta' April 2014, din il-Qorti ser tikkunsidra dan l-appell fil-limiti tal-aggravji tieghu u kif arginati minnu fir-rikors tal-appell.

**17.** Permezz ta' nota prezentata mir-rikorrent fl-14 ta' April 2014[89] huwa spjega hekk "l-iskop tax-xhieda mitluba":

> "Ix-xhieda tal-President Emeritus Dottor George Abela hija mehtiega biex jikkonferma li hu ma astjeniex dwar il-Mozzjoni tat-28 ta' Jannar 2014, jispjega r-raguni ghaliex huwa astjena f'Dicembru 2013 u ma astjeniex fl-2014 jekk hu l-kaz; jinforma jekk hu attendiex ghal-laqghat tal-Kummissjjoni ghall-Amministrazzjoni tal-Gustizzja wara s-6 ta' Jannar 2014 dwar ir-rikorrent u x'direttivi ta dwar ittri li kellhom jintbaghtu mill-Kummissjoni..lill-iSpeaker.
>
> "Dottor Peter Grech biex jixhed dwar seduti li saru wara s-6 ta' Jannar 2014 mill-Kummissjoni…riferibbilment ghar-rikorrent, jikkonferma d-decizjoni tal-Kummissjoni … u ghalhiex ma sarx dak li titlob il-Kostituzzjoni u l-Kap.369 u biex jixhed dwar kwalsiasi komunikazzjoni li kellu mal-iSpeaker dwar dan il-kaz."

**18.** Din il-Qorti taqbel mal-osservazzjonijiet maghmula mill-ewwel Qorti fir-rigward.

[89] Fol.231

**19.** Dwar l-oggett tal-prova tax-xhieda rikjesta tal-President, u r-raguni ghall-astenzjoni tieghu meta bdew il-proceduri fuq l-ewwel Mozzjoni, il-Qorti tosserva li fir-rapport tas-6 ta' Jannar 2014 hemm spjegazzjoni ghall-astenzjoni tieghu, u cioe` li fi stadju precedenti hu kien ippatrocina bhala avukat lir-rikorrent quddiem il-Kummissjoni. Wara li harget it-tieni Mozzjoni u ntbaghtet lill-Kummissjoni, ic-cirkostanzi, kif sewwa rrilevat l-ewwel Qorti, kienu differenti, u dan tenut kont tal-fatt li din il-Mozzjoni kienet bazata fuq il-kontenut tal-ewwel Mozzjoni li dwarha kien diga` sar rapport; u ghalhekk il-Kummissjoni dehrilha li ma kienx hemm lok li terga' titratta l-istess kaz.

**20.** Barra minnhekk hija flokha l-osservazzjoni maghmula mill-ewwel Qorti li r-rikorrent ma weriex, lanqas allega, li n-nuqqas tal-President li jastjeni meta l-Kummissjoni rceviet it-tieni Mozzjoni ghad-diskussjoni kien ta' pregudizzju ghalih. Di fatti dan ix-xhud qed jintalab mhux biex ir-rikorrent jipprova xi forma ta' pregudizzju fil-konfront tieghu, izda biss sabiex ix-xhud jaghti spjegazzjoni ghala ma astjeniex.

**21.** Dwar it-tieni raguni mressqa mir-rikorrent ghall-produzzjoni ta' dan ix-xhud, u cioe` biex "jinforma jekk hu attendiex ghal-laqghat" tal-Kummissjoni wara s-6 ta' Jannar 2014 dwar il-proceduri fil-konfront tar-rikorrent, il-Qorti tosserva li, apparti li dan il-fatt mhux kontestat, jirrizulta mid-dokumenti esebiti li l-President ma astjeniex meta l-Kummissjoni ttrattat it-tieni Mozzjoni.

**22.** In fine, dwar id-direttiva li l-President seta' ta dwar it-tieni Mozzjoni, dawn johorgu mill-kontenut tal-ittra fuq indikata tas-7 ta' Frar 2014, u ghalhekk tezisti prova dokumentali mhux kontestata fir-rigward.

**23.** Dwar l-oggett tal-prova tax-xhieda rikjesta ta' Dottor Peter Grech, jigi osservat li anki f'dan ir-rigward il-Qorti taqbel mal-konsiderazzjonijiet maghmula mill-ewwel Qorti. L-informazzjoni dwar is-seduti li saru mill-Kummissjoni wara s-6 ta' Jannar 2014 tirrizulta mill-provi dokumentali u senjatament l-ittra fuq indikata tas-7 ta' Frar 2014. Dwar it-tieni skop ghal dan ix-xhud indikat mir-rikorrent, il-Qorti tosserva li r-raguni moghtija ghandha titqies bhala wahda fiergha, ghax it-tehid tat-tieni decizjoni mill-Kummissjoni tirrizulta mid-dokumenti esebiti u hu wkoll fatt inkontestat. Dwar il-procedura segwita mill-Kummissjoni fuq it-tieni Mozzjoni, din il-Qorti taqbel mal-osservazzjoni tal-ewwel Qorti li "Mhuwiex il-kaz li l-Qorti tidhol fid-deliberazzjonijiet li sehhew bejn il-membri tal-Kummissjoni ghaliex id-decizjoni tal-Kummissjoni hija wahda kollettiva." Izda, xorta wahda jigi senjalat li fl-ittra datata 3 ta' Frar 2014[90] hemm spjegat li l-Kummissjoni hadet id-decizjoni taghha wara lil ezaminat id-dokumenti annessi mal-ittra tal-iSpeaker tad-29 ta' Jannar 2014[91].

---
[90] Fol.202
[91] Fol.201

**24.** Rigward x'komunikazzjoni kien hemm bejn l-iSpeaker u Dottor Peter Grech, il-Qorti tosserva li l-ewwel Qorti ammettiet bhala xhud fir-rigward lil Raymond Scicluna biex jipprezenta l-ittri tal-24 ta' Jannar 2014 u tad-29 ta' Jannar 2014.

**25.** In fine b'referenza ghall-osservazzjoni maghmula mir-rikorrent f'dan l-aggravju li "Hu importanti li jigi stabbilit li kien hemm xi komponenti tal-Kummissjoni li ma kinux prezenti specjalment waqt it-trattazzjoni orali", din il-Qorti tosserva li, fl-atti processwali giet ezebita kopja tal-verbali dwar il-procedura kollha segwita quddiem il-Kummissjoni, kif ukoll xehdet is-Segretarja tal-Kummissjoni Dottor Deborah Farrugia fir-rigward, u ghalhekk zgur li tali prova ma kinitx tinnecessita` l-produzzjoni ta' xi wiehed mix-xhud ulterjuri indikati mir-rikorrent fl-aggravju tieghu.

**26.** Rigward l-appell referibbli ghad-digriet moghti mill-ewwel Qorti fit-2 ta' Mejju 2014 li permezz tieghu dik il-Qorti cahdet it-talba tar-rikorrent sabiex jappella f'dan l-istadju, din il-Qorti, filwaqt li taghmel referenza ghall-konsiderazzjonijiet premessi, hi tal-fehma li d-digriet jaqa' fil-parametri tad-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti dwar il-mod kif titmexxa l-kawza [fosthom il-htiega ta' speditezza ta' kawza dwar ilment ta' ksur ta' jedd fondamentali] u li dik id-diskrezzjoni hija mahsuba mil-ligi procedura nnifisha.

**27.** Ghaldaqstant dawn l-aggravji mhumiex gustifikati u qed jigu michuda.

**L-Appell Principali**

**28.** Dan hu bbazat fuq zewg aggravji principali: [1] dak relattiv ghad-dritt ghal smigh xieraq, a tenur tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni, u [2] dak relattiv ghad-dritt tal-liberta` ta' assocjazzjoni, skont l-Artikolu 42 tal-Kostituzzjoni, u l-Artikolu 11 tal-Konvenzjoni.

*L-ewwel aggravju*

**29.** Dan l-aggravju huwa bazat fuq zewg aspetti principali. Fl-ewwel lok, ir-rikorrent ma nghatax smigh xieraq mill-Kummissjoni meta din rceviet mill-iSpeaker it-tieni Mozzjoni; u fit-tieni lok, isostni li hu ma kienx inghata smigh xieraq mill-Kummissjoni fil-proceduri quddiemha dwar l-ewwel Mozzjoni.

*L-ewwel parti tal-aggravju*

**30.** Din il-parti tal-aggravju tikkoncerna dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-ewwel Qorti kkunsidrat li, ghalkemm huwa minnu li l-ewwel Mozzjoni kienet "mejta", dan ma jfissirx li dak kollu li sar dwarha kien null. Iz-zewg

Mozzjonijiet kienu identici u allura ma kienx il-kaz li t-tieni Mozzjoni terga' tinstema'.

**31.** Ir-rikorrent jispjega li l-Kummissjoni fl-ottika tal-Artikolu 97[92] tal-Kostituzzjoni ma tistax topera fl-ambitu ta' dan l-artikolu jekk mhux fuq avviz ghall-indirizz mahrug mill-Kamra tad-Deputati. Dan ifisser li hija din tal-ahhar li taghti bidu ghall-operat tal-Kummissjoni fil-qaghdiet previsti mill-artikolu precitat, u mhux vice versa; u hija wkoll il-Kamra tad-Deputati "li tistabbilixxi l-binarji b'mod li din kienet obbligata timxi mad-direttivi tal-iSpeaker sabiex issir l-investigazzjoni necessarja".

**32.** Fil-kaz odjern, peress li l-ewwel Mozzjoni giet meqjusa mill-iSpeaker bhala "mejta"[93] u peress li hemm Mozzjoni gdida "distakkata u separata mill-Mozzjoni precedenti"[94] din is-sitwazzjoni "tirrikjedi li l-procedura kontemplata mil-ligi terga' tigi mill-gdid segwita."[95] Ir-rikorrent jilmenta li smigh fuq it-tieni Mozzjoni qatt ma kien hemm, notifika lilu qatt ma kienet saret u qatt ma nghatatlu l-opportunita` jipproduci l-provi tieghu quddiem tribunal imparzjali u indipendenti. Jishaq li l-Kap.369 Artikolu [9], ghalkemm jifforma parti mil-ligi ordinarja, jithaddem fil-qafas tal-Artikolu 97 tal-Kostituzzjoni, u ghalhekk kien

[92] Tizmim ta' kariga ta' Mhallfin
[93] Ittra 29 ta' Jannar 2014 – Fol.201
[94] Ittra 4 ta' Frar 2014 – Fol.203
[95] Ibid

"jimponi ruhu fuq il-Kummissjoni fl-investigazzjoni u prova dwar l-inkapacita` jew imgieba hazina ta' Imhallef mill-Qrati Superjuri".[96]

**33.** Ir-rikorrent jissottometti li ma jezisti ebda provvediment *ad hoc* li seta' jsalva Mozzjoni bhala dik ta' tnehhija mill-kariga mad-dissoluzzjoni tal-Parlament, dik il-Mozzjoni kienet taqa' mill-ewwel. Meta mbaghad l-iSpeaker iddikjara li l-Mozzjoni kienet mietet, ma kienx ghall-Qorti li tikkwerela dik id-dikjarazzjoni. Jghid li l-Kummissjoni ma agixxietx *rite et recte* meta baqghet ghaddejja bl-investigazzjoni, nonostante x-xoljiment tal-Parlament, u l-istess Kummissjoni spiccat f'qaghda anti-Kostituzzjonali ghall-ahhar.

**34.** La darba l-ewwel Mozzjoni kienet meqjusa bhala "mejta" jfisser li kienet inezistenti b'mod assolut, u allura dak kollu li sar taht dik il-Mozzjoni meta l-Parlament kien xjolt huwa null. Jispjega:

> "Kieku [l-ewwel Mozzjoni] ma kienitx hekk 'mejta' ma kien ikun hemm ebda raguni plawsibbli ghalfejn tigi mfassla Mozzjoni gdida mill-Prim' Ministru korrenti. Mozzjoni din li skond l-iSpeaker kellha titqies 'distakkata u separata mill-Mozzjoni precedenti' u li tirrikjedi li l-procedura kontemplata mil-ligi tista' tigi mill-gdid segwita."

**35.** Ikompli jghid li minkejja li l-Kap.369 ma jikkontjeni ebda provvediment li l-Kummissjoni setghet tkompli tikkonduci l-investigazzjoni taghha max-

[96] Ara Kost.art.97 [2]] u [3]

xoljiment tal-Parlament, il-Kummissjoni xorta wahda baqghet ghaddejja bil-proceduri, u dan minkejja li l-istess rikorrent kien f'mhux anqas minn erba' okkazzjonijiet gibdilha l-attezzjoni ghall-assenza ta' *vires* da parti taghha li tissokta bil-proceduri.

**36.** Ir-rikorrent jishaq fuq l-ilment tieghu li l-ewwel Qorti zbaljat meta osservat li peress li l-Mozzjonijiet kienu "sostanzjalment" identici ma kienx hemm il-htiega li l-Kummissjoni tigi rikomposta biex tistharreg il-Mozzjoni tal-Prim Ministru, u ghall-ewwel Qorti dan kien kaz ta' *res ipsa loquitur*. Jilmenta wkoll mill-fatt li dik il-Qorti injorat l-ittra tal-4 Frar 2014 mibghuta mill-iskrivan tal-Kamra, ghan-nom tal-iSpeaker, li t-tieni Mozzjoni kienet "Mozzjoni gdida ghal indirizz iehor u allura distakkata u separata mill-Mozzjoni precedenti"[97], bir-rizultat li injorat kompletament id-dritt tieghu li jikkumbatti l-Mozzjoni l-gdida anke jekk *'gratia argomenti'* kienet tikkontjeni akkuzi identici ghal ta' qabilha li filwaqt tar-redazzjoni tal-Mozzjoni l-gdida kienu attakkabbli.

**37.** Hawnhekk ir-rikorrent jirreferi ghall-fatt li meta harget it-tieni Mozzjoni kien ilu zmien li ma baqax jokkupa l-kariga ta' President tal-Kumitat Olimpiku Malti. Ukoll b'dikjarazzjoni datata 16 ta' Jannar 2013, l-International Olympic Committee kkonferma li r-rikorrent ma kien gie bl-ebda mod censurat jew mcanfar u wkoll ma kienu gew imposti ebda sanzjonijiet fuqu. Tkompli tghid

[97] Fol.46

id-dikjarazzjoni li *"In particular the IOC did not accuse or find guilty Mr.Lino Farrugia Sacco of corruption or any other offence or misconduct."* Ghalhekk ir-rikorrent isostni li l-Kummissjoni kellha tiddeciedi dwar it-tieni Mozzjoni skont il-ligi u fid-dawl ta' din l-evidenza l-gdida.

**38.** Jghid li l-Kummissjoni, fil-konsiderazzjoni taghha tat-tieni Mozzjoni, ma setghet qatt tikkwalifika bhala indipendenti u imparzjali, stante li kienet diga` ggudikat, u ghalhekk kif komposta qatt ma setghet tkompli bil-proceduri minghajr ma tikser il-principju *nemo judex in causa propria*. Ukoll, ladarba l-President astjena milli jiddeciedi dwar l-ewwel Mozzjoni, "kif seta' qatt jaghmel tieghu r-rapport tal-Kummissjoni li fih hu ma ppartecipax?"

**39.** Ikompli jghid li l-Kummissjoni ma kellha ebda dritt li timxi kuntrarjament ghal dak impost b'ligi b'mod li ghamlet ksur ta' dispozizzjoni esplicita ta' ligi miktuba. Ma kellha ebda dritt tmur kontra dak dettat mill-iSpeaker u l-mandat li ta ghax il-mandatarju ma ghandu ebda dritt jimxi differenti mill-mod dettat lilu mill-mandant:

> "L-iSpeaker tal-kamra tar-rapprezentanti ta ruling li kien jaghmilha haga impellenti fuq il-Kummissjoni li tikkunsidra mill-gidid il-Mozzjoni l-gdida. Tipprova kemm tipprova tekwivali t-tieni Mozzjoni mal-ewwel Mozzjoni, jibqa' fatt inkontrovertibbli illi d-decizjoni jew vot tal-Kummissjoni… fuq l-ewwel Mozzjoni ma setax jelimina l-htiega li ttittiehed decizjoni ohra jew vot mill-gdid mill-Kummissjoni fuq it-tieni Mozzjoni. Issa, il-htiega ta' decizjoni jew vot kienet

iggib maghha l-htiega ta' smiegh xieraq [due process] kif ukoll il-htiega ta' deliberazzjoni qabel mal-kummissjoni tiddeciedi mill-gdid."

**40.** Dwar din il-parti tal-aggravju **l-Avukat Generali** jibda biex jishaq li jinsab assodat fil-gurisprudenza patria u dik ewropeja li fid-determinazzjoni jekk tezistix jew le lezjoni tad-dritt ghal smigh xieraq ghandu jittiehed kont tal-proceduri fit-totalita` taghhom. Huwa jispjega li dak li ghandu jsir huwa:

"...analizi tal-procedura fit-totalita' taghha kollha u dan tenut kont tal-fattispecie partikolari tal-kaz li jkollha quddiem [il-Qorti] u mhux fl-astratt kif qed jippretendi li jsir l-appellant. It-tir tal-appellant huwa li l-Qorti tidhol f'analizi ta' incident partikolari barra mill-kuntest tat-totalita' tal-procedura, sabiex fil-limitazzjoni tal-incident partikolari tinsab vjolazzjoni."

**41.** Jiccita estratt[98] mill-ktieb tal-awtur Andrew Grotrian, li *"The question whether a person has had a 'fair hearing' is thus approached by looking at the whole proceedings, although a particular incident may have a decisive effect."*

**42.** Fit-tieni lok, jghid li l-Mozzjonijiet kienu identici:

"Tant huma identici li l-appellant ma weriex fl-argumentazzjoni tieghu f'dan l-aggravju li hemm xi differenza bejn iz-zewg Mozzjonijiet. Lanqas ma gab xi provi quddiem l-Ewwel qorti li turi li hemm xi differenza bejn il-Mozzjonijiet. Illi minn qari tal-Mozzjonijiet ma hemm l-ebda dubbju li l-kliem uzat huwa tista'

[98] Mill-ktieb "Article 6 of the European Convention on Human Rights – The Right to a Fair Trial" - Citat fil-kawza Q.Kos. Practical Trading Company Limited vs Kontrollur tad-Dwana et, deciza 1 ta' Lulju 2013

tghid mehud verbatim wahda mill-ohra: illi dak li nsibu fiz-zewg Mozzjonijiet huma l-istess haga xejn aktar u xejn inqas……"

**43.** Ikompli jghid li:

"… ghalkemm il-Mozzjoni giet ikkunsidrata mejta mill-iSpeaker madankollu ma jfissirx li l-process li kien sar quddiem il-Kummissjoni kien per konsegwenza null … u ladarba iz-zewg Mozzjonijiet fis-sustanza taghhom kienu identici u mpernjati fuq l-istess bazi, kien agir totalment legittimu da parti tal-Kummissjoni li tadotta r-rapport taghha stess. L-appellant lanqas jista' jargumenta li l-parti l-ohra fil-proceduri (u cioe` l-Prim Ministru li mexxa l-Mozzjoni) gie trattat b'mod vantaggjuz, u dan peress li l-Kummissjoni ma talbet li tisma' l-ebda prova jew sottomissjoni tieghu. Illi dak li rrizulta huwa li z-zewg partijiet gew trattati bl-istess mod…."

**44.** Jikkonkludi bis-sottomissjoni li:

"…l-appellant jghaddi sabiex jinterpreta r-ruling tal-iSpeaker bhala li l-Kummissjoni kienet obbligata li tikkunsidra mill-gdid il-Mozzjoni l-gdida. L-esponent jirrileva li huwa manifest li l-Kummissjoni kkunsidrat it-tieni Mozzjoni u dak li rrizultalha kien li, gjaladarba l-Mozzjonijiet kienu identici, addottat ir-rapport li kienet hejjiet relattiv ghall-ewwel Mozzjoni. Illi rrizulta ghalhekk li l-Kummissjoni mxiet ma' dak li kien mitlub minnha mill-iSpeaker. Madankollu l-agir tal-Kummissjoni bl-ebda mod ma jista' jigi interpretat li b'xi mod wassal ghall-ksur tad-dritt ghal smigh xieraq tal-appellant."

**45.** Fir-risposta taghha **l-Kummissjoni** tibda biex tishaq fuq il-principju li lanjanza ta' vjolazzjoni tad-dritt ghal smigh xieraq ghandha tigi ezaminata fid-dawl tal-process fit-totalita` tieghu u mhux f'nofs is-smigh meta l-proceduri jkunu ghadhom pendenti, altrimenti jkun qed jigi permess li parti tista' tintralcja

proceduri gudizzjarji b'impunita` u "bl-ghajta ta' ksur tad-dritt ta' smigh xieraq ikun u stess" qed jikser id-dritt ta' smigh xieraq tal-parti l-ohra.

**46.** Inoltre, l-ghan ta' tali ezercizzju mhuwiex dak li jistabbilixxi jekk kienx hemm xi nuqqas jew nuqqasijiet fl-osservanza tad-dritt, anke jekk dak procedurali ordinarju, imma li jigi stabbilit jekk il-process mehud fl-intier tieghu kienx sostanzjalment gust. Ukoll xorta wahda tista' ma tikkunfigurax lezjoni tad-dritt ghal smigh xieraq minkejja li ma gietx osservata ligi ordinarja, daqs kemm tista' tikkonfigura tali lezjoni minkejja li l-ligi ordinarja tkun giet osservata. Ghalhekk in-nuqqas tal-Kummissjoni, allegat mir-rikorrent, li tosserva dak li tghid il-Kostituzzjoni u l-Kap.369 dwar it-tieni Mozzjoni, mhux necessarjament iwassal ghall-vjolazzjoni tad-dritt ta' smigh xieraq tar-rikorrent.

**47.** Ghalhekk il-punt krucjali li ghandu jigi determinat huwa jekk "meta l-Kummissjoni qieset li, fid-dawl tal-identicita` taz-zewg Mozzjonijiet, ma kien hemm xejn gdid x'jigi investigat u, konsegwentement rappurtat, giex lez id-dritt tar-rikorrent ghal smigh xieraq."

**48.** Il-Kummissjoni telenka s-segwenti fatturi li jimmilitaw kontra t-tezi tar-rikorrent li bl-agir taghha sofra ksur tad-dritt tieghu ghal smigh xieraq:

**49.** [1] Dak li bih gie akkuzat fl-ewwel Mozzjoni, illum skaduta, hu identiku ghal dak li bih ir-rikorrent gie akkuzat bit-tieni Mozzjoni;

**50.** [2] Il-kaz tar-rikorrent hu mibni kollu kemm hu fuq nuqqas ta' osservanza tal-aspett formali u litterali tal-ligijiet inkwistjoni. Hu mhux qed jallega li kien hemm xi fatt gdid li jiggustifika investigazzjoni gdida;

**51.** [3] Ma ngiebet ebda prova ta' xi "nuqqas serju" fil-proceduri li wasslu ghar-rapport li jrendu dawn il-proceduri ngusti fil-konfront tieghu;

**52.** [4] Finalment, kwalunkwe nuqqas li seta' kien hemm fil-proceduri quddiem il-Kummissjoni jista' dejjem jigi sanat meta jinstema' l-kaz quddiem il-Kamra tar-Rapprezentanti, fejn is-smigh isir bil-miftuh, u b'hekk ma jkun hemm ebda pregudizzju.

**53.** Qabel ma ghaddiet biex trattat jekk il-proceduri li wasslu ghad-decizjoni fuq l-ewwel Mozzjoni kienux vjolattivi tad-dritt fundamentali de quo, il-Kummissjoni rrilevat li, tenut kont tal-premessi indikati fir-rikors promotur u tat-talbiet, jirrizulta car li l-pern tal-kawza, u cioe` r-raguni li fuqha r-rikorrent bbaza t-talbiet tieghu, hija n-nuqqas da parti tal-Kummissjoni li timxi skont il-ligi meta rceviet struzzjonijiet mill-Kamra tad-Deputat sabiex terga' tinvestiga l-

kaz tieghu. Dawn huma l-binarji li fuqhom ir-rikorrent strada l-azzjoni mressqa minnu, u ghalhekk ma kellux jigi permess li "lejn l-ahhar tas-smigh hu jibdel id-direzzjoni" u jattakka anke l-process li wassal ghal-ewwel rapport tal-Kummissjoni.

**54.** Rigward in-nuqqasijiet allegat mir-rikorrent fl-ewwel process quddiem il-Kummissjoni, din taghmel is-segwenti osservazzjonijiet:

**55.** [a] Il-lanjanza tar-rikorrent li bil-fatt li hu ma thallhiex iressaq xhieda indikati minnu, il-Kummissjoni cahditu milli jaghmel prova relevanti ghall-kaz, hija insostenibbli stante li l-Kummissjoni accettat il-verzjoni fattwali mressqa mir-rikorrent, u ghalhekk ma sofra ebda pregudizzju bil-fatt li ma nstemghux ix-xhieda esteri rigward l-incident tal-biljetti. Barra minnhekk mill-verbali jirrizulta li l-Kummissjoni rrifjutat provi li qisithom irrelevanti.

**56.** Ukoll, ir-rikorrent dejjem kien baqaghlu d-dritt li jressaq ix-xhieda fi stadju ulterjuri fil-proceduri quddiem il-Kamra tad-Deputati.

**57.** [b] Dwar l-astenzjoni tal-Prim Imhallef u ta' Dottor Peter Grech, il-Kummissjoni taghmel l-istess osservazzjoni maghmula mill-Avukat Generali, u cioe` li r-rikorrent kellu kull opportunita` li jitlob ir-rikuza ta' dawn il-membri,

izda naqas li jaghmel dan fl-istadju opportun, u issa hu tard wisq ghal ripensament.

**58.** [c] Dwar it-termini tghid li ma tressqet ebda prova li l-hin moghti lir-rikorrent ghad-difiza tieghu kien tant limitat li b'hekk gie lez id-dritt ta' smigh xieraq.

**59.** [d] Dwar il-fatt li l-proceduri quddiem il-Kummissjoni saru bil-maghluq, il-Kummissjoni ssenjalat dak osservat mill-ewwel Qorti, u cioe` li d-dritt ta' smigh pubbliku mhux wiehed assolut u kemm l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni kif ukoll l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni jammettu eccezzjoni ghalih. Inoltre, ir-rikorrent fl-ebda stadju ma talab li s-smigh isir bil-miftuh. Barra minnhekk il-proceduri quddiem il-Kamra tad-Deputati jsiru bil-miftuh.

**60.** Il-Kummissjoni tikkondividi dak osservat mill-ewwel Qorti li, b'referenza ghall-kaz **Olujic v. Croatia** [Appl.22330/05], mhux mehtieg li l-process intier irid ikun pubbliku u hemm lok li l-ligi ssib bilanc bejn id-dritt tal-gudikant li jkun prezenti waqt il-proceduri u l-interessi tal-iStat li jhares id-dinjita` tal-gudikant partikolari u tal-gudikatura.

**61.** [e] Dwar l-assenza okkazjonali ta' uhud mill-membri tal-Kummissjoni ghal-laqghat waqt il-proceduri, il-Kummissjoni tghid li dan ma jwassalx ghall-vjolazzjoni tad-dritt ghal smigh xieraq, peress li hemm dejjem l-accessibilita` ghat-traskrizzjonijiet u ghad-dokumenti prodotti. Il-Qorti Ewropeja stess hafna drabi tiddeciedi minghajr ebda smigh fis-sens tradizzjonali.

**62.** [f] Dwar ic-cahda tat-talba tar-rikorrent ghas-sospenzjoni tal-proceduri sakemm tigi deciza l-kwistjoni tar-rikuza mill-qrati kostituzzjonali jew sakemm l-iSpeaker jaghti direzzjoni dwar il-validita` tal-ewwel Mozzjoni, il-Kummissjoni tghid li bil-fatt li ordnat li l-proceduri quddiemha jitkomplew b'daqshekk ma jistax validament jinghad li gie miksur id-dritt ta' smigh xieraq. F'kull kaz dawn iz-zewg aspetti illum huma sorvolati, kemm bid-decizjoni defenittiva moghtija minn din il-Qorti dwar ir-rikuza, kif ukoll bid-dikjarazzjoni li l-ewwel Mozzjoni hija mejta, u l-istess akkuzi tressqu mill-gdid mill-Prim Ministru attwali.

*It-tieni parti*

**63.** F'din il-parti tal-aggravju r-rikorrent jilmenta li l-process ta' investigazzjoni kondott mill-Kummissjoni dwar l-ewwel Mozzjoni li wassal ghall-ewwel rapport tas-6 ta' Jannar 2014 huwa monk minhabba nuqqasijiet li jwasslu ghall-vjolazzjoni tad-dritt tieghu ghas-smigh xieraq. Fir-rigward isemmi s-segwenti fatturi.

**64.** [a] Illi kif jirrizulta mill-verbali tal-Kummissjoni din irrifjutat talbiet tieghu biex hu jressaq xhieda in difesa matul il-process investigattiv, u dan, minghajr ma tat "motivazzjoni sobrija ghar-rifjut taghha". Dan il-fatt jivvjola l-principju tal-*equality of arms* li hu aspett tad-dritt ta' smigh xieraq li ma jistax jigi sanat kif osservat mill-ewwel Qorti bil-konsiderazzjoni li r-rikorrent xorta wahda jibqalu l-jedd li jressaq lil dawn il-persuni bhala xhieda fi stadju ulterjuri quddiem il-Kamra tad-Deputati.

**65.** Ma' dan izid li dwar it-tieni Mozzjoni huwa lanqas nghata l-fakulta` li jezamina l-movent il-gdid taghha.

**66.** [b] Illi, ghalkemm quddiem il-Kummissjoni hu ma talabx ir-rikuza tal-Onor. Prim Imhallef u tal-Avukat Generali, isostni li dawn kellhom d-dmir li jastjenu *ex officio* u mhux joqghodu jistennew li jigu rikuzati. Semma' kif l-Prim Imhallef fis-seduta tat-3 ta' Jannar 2013[99] ammetta li hu kien ippartecipa bhala Avukat Generali fid-deliberazzjonijiet u d-decizjoni li kienet tat il-Kummissjoni fl-2007.

**67.** Rigward l-Avukat Generali jghid li, apparti li hu fatt notorju li dan huwa wkoll konsulent legali tal-Gvern tal-gurnata, meta fis-seduta tat-3 ta' Jannar

---
[99] Fol.59

2013 saritlu talba jekk jikkonfermax li l-Prim Ministru jew l-Ezekuttiv ikkonsultax mieghu jew mad-dipartiment tieghu, b'mod dirett jew indirett, fuq il-materja tal-oggett tal-Mozzjoni, l-Avukat Generali ddikjara biss li ma kien hemm ebda raguni skont il-ligi li taghti lok ghal astenzjoni.

**68.** Inoltre, dwar il-kompozizzjoni tal-Kummissjoni meta ezaminat it-tieni Mozzjoni u fis-7 ta' Frar 2014 iddecidiet li r-rapport ippreparat minnha fis-6 ta' Jannar 2014 kien "ghadu jghodd u applikabbli ghall-Mozzjoni gdida", il-Kummissjoni bil-fors kellha tiehu konjizzjoni tal-ittra, tezamina d-dispost tal-Artikolu 9[4] tal-Kap. 369 u tevalwa r-rapport kif rikjest mill-iSpeaker. Izda dan ma setghet qatt taghmlu ghax bilfors li kellha tastjeni l-mument li indunat li hi kienet gja` hadet konjizzjoni tieghu u tat decizjoni fuqu.

**69.** [c] Illi l-proceduri quddiem il-Kummissjoni saru bil-maghluq. Dan imur kontra dak li jghid l-Artikolu 6[1] tal-Konvenzjoni li kulhadd huwa ntitolat ghal smigh gust u fil-pubbliku. Jghid li fic-cirkostanzi kien altament opportun li s-smigh tal-kaz isir fil-pubbliku, ghax hu proprju tali smigh li jippremeggja l-interessi tal-gustizzja, u dan "biex il-pubbliku jkun f'qaghda li jkun jaf b'liema mod l-esponent kien qed jigi trattat quddiem il-Kummissjoni."

**70.** [d] Ir-rikorrent jilmenta mill-fatt li, wara d-decizjoni tal-Kummissjoni dwar it-talba ta' rikuza ta' xi komponenti tal-Kummissjoni, din cahdet it-talba tieghu ghas-soprassessjoni sabiex il-materja tigi trattata fil-fora kostituzzjonali.

**71.** [e] Kwantu ghall-assenza ta' xi membri fil-kors tal-laqghat quddiem il-Kummissjoni, senjalati minnu fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu, jghid li din l-irregolarita` ma tistax tigi kontro-bilancjata bil-fatt li dak li sar quddiem il-Kummissjoni kien gie traskritt u li dawn il-membri kellhom access ghat-traskrizzjonijiet u d-dokumenti esebiti. Fir-rigward jaghmel paragun mal-kompozizzjoni tal-Qorti tal-Appell li fil-funzjoni taghha jridu dejjem ikunu prezenti l-membri komponenti taghha.

**72.** Ir-rikorrent jilmenta wkoll li ma kienx inghata smigh gust, lanqas quddiem l-ewwel Qorti. Jghid li quddiem dik il-Qorti:

**73.** [1] ma thallhiex itella' xhieda relevanti, u cioe` lill-President u lill-Dottor Peter Grech, u wkoll ma nghatax permess sabiex jappella mid-digriet relattiv;

**74.** [2] ma nghatax l-awtorizzazzjoni li jzid it-tliet talbiet indikati fil-rikors tal-11 ta' April 2014, bin-numri [vii], [viii] u [ix]; u wkoll inghata terminu qasir wisq sabiex jindirizza dak mitlub minnu fir-rikors precitat;

**75.** [3] Id-digriet tas-17 ta’ April 2014 ma jaghmel ebda referenza ghar-replika tar-rikorrent b’nota studjata;

**76.** [4] Li l-kawza kollha “tmexxiet b’ritmu sfrenat u b’mod eccessivament mghaggel, fejn ir-rikorrent b’ebda mod ma kellu z-zmien necessarju tenut kont tan-natura ferm serja tal-kawza, biex jipprepara ruhu”, u dan b’differenza ta’ kif jigu trattati kawzi kostituzzjonali.

**77.** Min-naha tieghu l-**Avukat Generali** jghid f’dan l-istadju ta’ appell, l-appellant qed jipprova jisposta l-argument fis-sens li dak kollu maghmul relattiv ghall-ewwel Mozzjoni huwa null u li ghalhekk il-process kollu kellu jerga’ jinbeda mill-gdid. Jishaq fuq il-fatt li ghalkemm il-Mozzjoni giet ikkunsidrata mejta mill-iSpeaker madankollu ma jfissirx li l-process li kien sar quddiem il-Kummissjoni kien ghalhekk null, u ladarba l-Mozzjonijiet fis-sustanza taghhom kienu identici u mpernjati fuq l-istess bazi, kien agir totalment legittimu da parti tal-Kummissjoni li tadotta r-rapport taghha stess. Ukoll, f’dan ir-rigward iz-zewg partijiet gew trattati bl-istess mod u l-ebda parti ma giet vantaggjata bil-mod kif giet trattata t-tieni Mozzjoni.

**78.** Dwar ir-rikuzi u l-astenzjonijiet l-Avukat Generali jghid li, fl-ewwel lok ir-rikorrent qatt ma talab fil-proceduri quddiem il-Kummissjoni r-rikuza la tal-Prim Imhallef u lanqas ta' Dottor Peter Grech, u dan b'kuntrast ma' dak li talba dwar zewg membri ohra tal-Kummissjoni li fir-rigward taghhom il-proceduri gew definittivament konkluzi b'decizjoni ta' din il-Qorti tas-27 ta' Jannar 2014.

**79.** Dwar il-fatt li l-proceduri quddiem il-Kummissjoni saru bil-maghluq, l-Avukat Generali jghid li dan johrog mil-ligi[100] espressament, u jispjega li din in-norma legali hi intiza sabiex tipprotegi lill-gudikant stess minn kull pubblicita`. Huwa opportun fir-rigward li jinghad li konformament mal-istess artikolu tal-ligi, jirrizulta mill-verbali tal-Kummissjoni li r-rikorrent dejjem kien assistit mill-avukat tal-fiducja tieghu, kien prezenti tul il-laqghat kollha u pproduca x-xhieda li huwa qies bhala relevanti ghad-difisa tieghu. Dan kollu ghandu jigi kkunsidrat fid-dawl tal-fatt li l-funzjoni tal-Kummissjoni u d-decizjoni taghha huma parti minn process shih li, f'kazijiet bhal dak in dizamina fejn il-Kummissjoni ssib li kien jezisti kaz *prima facie*, ikompli quddiem il-Kamra tad-Deputati li ghandha l-fakolta` li tisma' xhieda godda u "huwa ghalhekk li l-lanjanza bazata fuq nuqqas ta' smigh xieraq ghandha tiffoka fuq l-iter processwali kollu.

[100] Art.9[7] tal-Kap.369

**80.** Dwar ic-cahda tal-Kummissjoni tat-talba tar-rikorrent ghas-sospenzjoni tal-proceduri, dan l-intimat jghid li s-sospenzjoni tal-proceduri mhuwiex dritt protett bil-Kostituzzjoni jew bil-Konvenzjoni. L-Avukat Generali jissenjala li quddiem il-Kummissjoni t-talba ghas-sospenzjoni saret fi tlett okkazzjonijiet, u dan dejjem tat ragunijiet ghac-cahda tat-talba. Hekk, fil-laqgha tat-18 ta' Marzu 2013 il-Kummissjoni vverbalizzat li *"sakemm l-iSpeaker ma jirrevokax il-mandat moghti lilu, il-Kummissjoni hija obbligata tibqa' ghaddejja bil-proceduri. Spetta ghall-partijiet li jaghmlu l-abbokkamenti li jidhrilhom u fin-nuqqas ta' komunikazzjoni fi zmien ragjonevoli, il-Kummissjoni tiehu l-mizuri li jidhrilha xierqa.",* Fil-laqgha tad-9 ta' Mejju 2013 li fiha r-rikorrent kien talab li l-Kummissjoni tirreferi l-Mozzjoni lill-iSpeaker sabiex jinghata *ruling* dwar il-validita` tal-Mozzjoni, il-Kummissjoni cahdet it-talba wara li osservat li *"…dak mitlub ma jaqax fil-funzjonijiet tal-Kummissjoni in konnessjoni mal-proceduri tal-lum".* Fil-laqgha tas-17 ta' Gunju 2013 il-Kummissjoni cahdet talba ohra ghas-sospenzjoni sakemm l-iSpeaker jaghti *ruling*, billi rreferiet ghal-motivazzjoni taghha tad-digriet moghti fil-laqgha tat-18 ta' Marzu 2013.

**81.** Dwar l-assenza okkazjonali ta' xi membru tal-Kummissjoni ghal-laqghat, dan l-intimat isostni dak osservat mill-ewwel Qorti li din l-irregolarita` ma kinitx ta' gravita` tali li tinpingi fuq il-*fairness* tal-proceduri, tenut kont li l-membri kollha kellhom access kemm ghat-traskrizzjonijiet kif ukoll ghad-dokumenti.

**82.** Dwar ix-xhieda esteri jissolleva li, ghalkemm dawn ix-xhieda mitluba mir-rikorrent ma tressqux biex jiddeponu quddiem il-Kummissjoni, dan ma kien ta ebda pregudizzju ghar-rikorrent peress li l-Kummissjoni accettat bhala veritiera l-verzjoni tieghu u ghalhekk in-nuqqas ta' dawn ix-xhieda ma kienx ta' pregudizzju ghar-rikorrent.

**83.** Dwar l-allegazzjoni tar-rikorrent li l-proceduri kostituzzjonali quddiem l-ewwel Qorti kienu vizzjati minn vjolazzjoni ta' smigh xieraq, l-Avukat Generali jissottometti li dan mhux minnu, ghax l-ewwel Qorti mxiet skont il-ligi, u l-partijiet kollha inghataw l-opportunita` kollha u indaqs li jressqu l-kaz taghhom.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

**84.** Fis-succint, il-fatti relevanti huma dawn. Fil-15 ta' Dicembru 2012 giet intavolata Mozzjoni[101] fil-Kamra tad-Deputati ["il-Kamra"] minn Dottor Lawrence Gonzi, allura Prim Ministru ta' Malta, ghall-indirizz lill-President ta' Malta biex l-Imhallef Farrugia Sacco jitnehha mill-kariga tieghu ta' imhallef abbazi ta' zewg ragunijiet: [1] peress li r-rikorrent baqa' jokkupa l-kariga tal-President tal-Kumitat Olimpiku Malti kontra d-direzzjoni tal-Kummissjoni ghall-Amministrazzjoni ["il-Kummissjoni"] [7 ta' Awissu 2007] u dan bi ksur tal-Kodici tal-Etika tal-Gudikanti; u wkoll [2] peress li recentement b'decizjoni tas-26 ta'

[101] Fol.40

Novembru 2012 il-Kummissjoni tal-Etika tal-Kumitat Olimpiku Internazzjonali ccensurat l-agir tal-istess Imhallef.

**85.** L-iSpeaker tal-Kamra tad-Deputati [“l-iSpeaker”] rrefera din il-Mozzjoni lill-Kummissjoni sabiex din taghmel l-investigazzjoni taghha skont kif jipprovdi l-Artikolu 9 tal-Kap.369. Ghal dan il-ghan il-Kummissjoni zammet diversi seduti, li ghalihom kienu prezenti wkoll ir-rikorrent assistit mid-difensuri tieghu. Fl-ahhar laqgha mizmuma mill-Kummissjoni fit-2 ta’ Dicembru 2013 saret trattazzjoni orali u fis-6 ta’ Jannar 2014 baghatet ir-rapport taghha lill-iSpeaker.

**86.** Fil-frattemp f’Marzu 2013, saret elezzjoni generali. Wara dik l-elezzjoni u fid-dawl tar-rizultat miksub, il-proponent tal-Mozzjoni rrezenja minn Deputat fil-kamra tar-Rapprezentanti u ghalhekk irrizulta stat ta’ fatt li ma baqax aktar membru tal-Kamra. Irrizulta wkoll li l-Mozzjoni tal-15 ta’ Dicembru 2012 [“l-ewwel Mozzjoni”] qatt ma kienet diskussa fil-Kamra u lanqas kienet imnizzla fil-lista tal-Mozzjonijiet fl-agenda tal-Kamra.

**87.** Ghal dawn ir-ragunijiet fis-seduta tat-28 ta’ Jannar 2014 l-Ispeaker ta *ruling*[102] fejn iddikjara li l-ewwel Mozzjoni kienet “mejta”.

---

[102] Fol.11

**88.** Fl-istess seduta parlamentari, il-Prim Ministru attwali ressaq Mozzjoni ohra[103] ['it-tieni Mozzjoni"] li fiha jghid li peress li skont ir-*ruling* tal-iSpeaker l-ewwel Mozzjoni ddekadiet meta xolja l-Parlament mat-tmiem tal-Legislatura li ghaddiet, u tenut kont li l-Gvern jemmen li l-process li nbeda bl-ewwel Mozzjoni m'ghandux jintemm, huwa irrefera ghall-istess Mozzjoni [l-ewwel Mozzjoni] u talab li l-process ghat-tnehhija tar-rikorrent mill-kariga ta' imhallef "jitkompla". Fid-dikjarazzjoni annessa mal-Mozzjoni hemm dikjarat li l-Prim Ministru qed jipproponi "mill-gdid it-test tal-istess Mozzjoni". Din it-tieni Mozzjoni hi bazata fuq l-istess ragunijiet li fuqha kienet bazata l-ewwel Mozzjoni, u cioe` peress li r-rikorrent "baqa' jokkupa l-kariga ta' President tal-Kumitat Olimpiku Malti kontra d-direzzjoni tal-Kummissjoni ghall-Amministrazzjoni tal-Gustizzja [7 ta' Awwissu 2007] u dan bi vjolazzjoni tal-Kodici tal-Etika tal-Gudikanti. Recentement, b'decizjoni tas-26 ta' Novembru 2012 il-Kummissjoni tal-Etika tal-Kumitat Olimpiku Internazzjonali ccensurat agir tal-istess Imhallef."

**89.** Sussegwentement b'ittra datata 29 ta' Jannar 2014 l-iSpeaker rrefera din it-tieni Mozzjoni lill-Kummissjoni sabiex "issir l-investigazzjoni necessarja u sabiex il-Kummissjoni taghmel ir-rapport taghha skont kif previst fis-sub-artikolu 4 tal-Artikolu 9 tal-imsemmi Kap."[104]

[103] Fol.43
[104] Fol.44

**90.** B'ittra[105] datata 3 ta' Frar 2014 il-Kummissjoni informat lill-iSpeaker li wara li ezaminat id-dokumenti annessi mal-ittra tieghu "hija tal-fehma li a tenur tal-Artikolu 9[5] tal-Kap.369, ma ghandha xejn x'izzid mar-rapport taghha tas-6 ta' Jannar 2014. B'reazzjoni ghal din l-ittra l-iSkrivan tal-Kamra fuq inkarigu tal-iSpeaker baghat ittra[106] lill-Kummissjoni, datata 4 ta' Frar 2014 fejn dan ikklarifika li t-tieni Mozzjoni "hija Mozzjoni gdida ghal indirizz iehor u allura hija distakkata u sseparata mill-Mozzjoni precedenti. Ghalhekk jinhtieg li l-Kummissjoni thejji rapport gdid fuq din il-Mozzjoni."

**91.** B'reazzjoni ghal din l-ahhar ittra, il-Kummissjoni b'ittra[107] datata 7 ta' Frar 2014 informat lill-iSpeaker li, wara li nnotat il-kontenut tal-ittra tieghu, hi tal-fehma li r-rapport taghha tas-6 ta' Jannar 2014 "ghadu jghodd u applikabbli ghall-Mozzjoni gdida. Din hija d-decizjoni defenittiva tal-Kummissjoni ghall-Amministrazzjoni tal-Gustizzja."

**92.** Fir-rikors promotur tieghu r-rikorrent qed isostni li l-fatt li hu ma kienx giex notifikat bit-tieni Mozzjoni u ma nghatax l-opportunita` li jinstema' dwar it-tieni Mozzjoni, huwa vjolattiv kemm tal-ligi statutorja[108] kif ukoll tad-dritt tieghu ghal smigh xieraq.

---

[105] Fol.45
[106] Fol.46
[107] Fol.47
[108] Art.9[3] Kap.369

**93.** Dwar l-allegat ksur tad-dritt tar-rikorrent ghal smigh xieraq, din il-Qorti taghmel is-segwenti osservazzjonijiet.

**94.** Illi t-tieni Mozzjoni hija identika ghall-ewwel Mozzjoni. Jigifieri l-akkuzi mressqa fil-konfront tar-rikorrent kemm fl-ewwel Mozzjoni kif ukoll fit-tieni Mozzjoni huma l-istess. Inoltre, fuq dawn l-akkuzi l-Kummissjoni kienet bdiet u kkonkludiet il-process investigattiv taghha kif jirrikjedi s-subinciz 4 tal-artikolu precitat u hejjiet ir-rapport taghha tas-6 ta' Jannar 2014 li kien intbaghat lill-Kamra. Ghalhekk meta rceviet it-tieni mandat mill-iSpeaker, tenut kont li l-Kummissjoni kienet diga` kkonkludiet ir-rapport taghha fuq l-istess akkuzi li fuqha giet bazata t-tieni Mozzjoni, hija deherilha li ma kienx il-kaz li terga' tinvestiga l-istess akkuzi li kienet diga` investigat u li dwarhom ghamlet ir-rapport taghha. Wiehed jista' ma jaqbilx mal-pozizzjoni li hadet il-Kummissjoni, izda b'daqshekk ma jfissirx li r-rikorrent sofra xi pregudizzju, jew li gie lez id-dritt ghal smigh xieraq tenut kont tal-fatt li l-<u>process fuq dawk l-istess akkuzi kien diga` sar u kien gie ffinalizzat</u>. Ghalhekk din il-Qorti tikkondividi l-konkluzjoni maghmula mill-ewwel Qorti li dak li qed jippretendi r-rikorrent huwa li ssir duplikazzjoni ta' process li diga` sar b'kompozizzjoni differenti, u xejn aktar.

**95.** Konformament mal-premess, il-fatt li l-Kummissjoni deherilha li ma kellhiex tinvestiga akkuzi li diga` gew investigati minnha jfisser li ma kienx

hemm smigh dwar it-tieni Mozzjoni, u ghalhekk ma kienx il-kaz li xi parti giet vantaggjata a skapitu ta' parti ohra. Hemm biss li l-Kummissjoni trattat it-tieni Mozzjoni billi rreferiet ghar-rapport gia` maghmul minnha tnax-il jum qabel it-tieni Mozzjoni.

**96.** Huwa opportun li jigi senjalat il-fatt li filwaqt li r-rapport tal-Kummissjoni hareg fis-6 ta' Jannar, it-tieni Mozzjoni giet intavolata fil-Kamra fit-28 ta' Jannar, u cioe` tnejn u ghoxrin jum biss wara r-rapport. Dan ifisser li sabiex tigi sostnuta t-tezi tar-rikorrent li kellu jinghata smigh fuq it-tieni Mozzjoni huwa kellu l-oneru li jipprova li ghandu provi relevanti godda x'iressaq dwar din il-Mozzjoni. Izda dan ma rrizultax provat. Fir-rikors tal-appell tieghu jghid biss li hu kien ilu zmien li ma baqax jokkupa l-kariga ta' President tal-Kumitat Olimpiku Malti. Inoltre jaghmel referenza ghad-dikjarazzjoni tal-Kumitat Olimpiku Malti, datata 6 ta' Jannar 2013, li permezz taghha gie dikjarat li r-rikorrent ma kienx gie akkuzat jew misjub hati ta' korruzzjoni jew *"any other offence or misconduct."* Din il-Qorti tosserva li dawn il-fatti kienu diga` ngabu ghall-gharfien tal-Kummissjoni fl-investigazzjoni taghha dwar il-kontenut tal-ewwel Mozzjoni. Bizzejjed jinghad li l-ahhar laqgha qabel ma sar ir-rapport kienet saret fit-2 ta' Dicembru 2013, u ghalhekk kwazi sena wara d-dikjarazzjoni fuq indikata. Barra minnhekk il-Kummissjoni fir-rapport taghha accettat il-verzjoni tal-fatti moghtija mir-rikorrent dwar l-akkuza relatata mal-bejgh tal-biljetti u fil-parti konkluziva tar-rapport qalet hekk:

> "Ma jirrizultax li l-Imhallef Farrugia Sacco kien effettivament involut fin-negozju illecitu tal-biljetti. Bill l-allegazzjonijiet u l-proceduri konnessi fuq imsemmijin u l-pubblicita` li giet moghtija lilhom kienu rizultat dirett tal-inottemperanza tieghu mad-direttiva moghtija minn din il-Kummissjoni bl-ittra tas-7 ta' Awissu 2007. Dan kollu jnaqqas mill-gieh u mir-rispett li l-Gudikatura ghandha tispira u jimmina l-fiducja tal-pubbliku fl-operat taghha, u jmur kontra l-Kodici tal-Etika ghall-Gudikant."

**97.** Mill-premess jirrizulta car li l-konkluzjoni tal-Kummissjoni hija bazata fuq [1] il-fatt li r-rikorrent ma ottemperax ruhhu mad-direttiva tal-Kummissjoni tas-7 ta' Awwissu 2007, u [2] konsegwenza ta' dan il-fatt, ir-rikorrent spicca involut fin-negozju tal-biljetti bir-rizultat li spicca fil-mira ta' pubblicita` negattiva, liema fatt tappan il-gieh u r-reputazzjoni tal-gudikatura f'Malta.

**98.** Rigward l-ilment tar-rikorrent li, meta ntemmet il-Legislatura li matulha kienet tressqet l-ewwel Mozzjoni, il-Kummissjoni xorta wahda baqghet ghaddejja bil-process investigattiv taghha skont il-mandat tal-iSpeaker, din il-Qorti tosserva li fir-rigward ma tara ebda nuqqas da parti tal-Kummissjoni, tenut kont tal-fatt li hi ma kellhiex struzzjonijiet mill-iSpeaker tal-Kamra sabiex twaqqaf il-proceduri li kienu bdew fuq l-istruzzjonijiet tieghu. Ghalhekk gialadarba ma kienx hemm struzzjonijiet kuntrarji, il-Kummissjoni baqghet ghaddejja bil-mandat moghti lilha sakemm ikkonkludiet ir-rapport fis-6 ta' Jannar 2014. Kien biss fit-28 ta' Jannar tal-istess sena li l-iSpeaker b'*ruling*

iddikjara l-ewwel Mozzjoni mejta, u ghalhekk wara li l-Kummissjoni kienet diga` kkonkludiet l-inkarigu moghti lilha.

**99.** Din il-Qorti ma tistax taqbel mar-rikorrent fl-asserzjoni tieghu li, ladarba l-Mozzjoni giet dikjarata mejta fit-28 ta’ Jannar 2014 allura dak kollu li sar that dik il-Mozzjoni meta l-Parlament kien xjolt huwa null, u li l-Kummissjoni kienet spiccat f’qaghda anti-Kostituzzjonali ghall-ahhar. Apparti mill-kwistjoni ta’ kemm *‘ruling’* tal-President tal-Kamra tad-Deputati jorbot lill-istess Kummissjoni [taht l-Artikolu 101A[7] tal-Kostituzzjoni] jew lil xi qorti fil-ligi, huwa xieraq li jinghad ukoll li dak li sar mill-Kummissjoni sar bis-sahha tal-mandat moghti lilha mill-iSpeaker tal-Kamra, skont l-Artikolu 9 tal-Kap.369, u fin-nuqqas ta’ direzzjoni kuntrarja l-Kummissjoni kellha l-obbligu legali li tezegwixxi l-mandat moghti lilha mill-iSpeaker, u cioe` li tinvestiga l-akkuzi mressqa fil-Mozzjoni u taghmel rapport dwarhom. Dan sar bis-sahha tal-ligi, u ghalhekk, fin-nuqqas tal-prova li l-procediment quddiem il-Kummissjoni kien null, ma jistax jinghad li r-rapport maghmula minnha huwa null.

**100.** It-tieni parti tal-aggravju jirreferi ghall-proceduri quddiem l-Kummissjoni fir-rigward tal-ewwel Mozzjoni. Ghalkemm l-azzjoni odjerna, kif jirrizulta mir-rikors promotur, timpernja fuq dak li sehh rigward it-tieni Mozzjoni, ir-rikorrent estenda l-ilment tieghu ghal proceduri quddiem l-ewwel Mozzjoni u jsostni li anke f’dawk il-proceduri taht il-Kummissjoni huwa sofra lezjoni tad-dritt tieghu

ghal smigh xieraq. Fir-rigward il-Qorti tikkunsidra opportuni s-segwenti osservazzjonijiet.

**101.** Illi l-fatt li l-Kummissjoni cahdet talba tar-rikorrent sabiex dan iressaq xhieda indikati minnu minhabba li fil-fehma taghha ma kienux relevanti ghall-kaz ma kienx vjolattiv ghad-dritt tieghu ghal smigh xieraq, b'mod partikolari l-principju tal-*equality of arms*. Il-Kummissjoni kellha d-dmir, anzi l-obbligu, li tassikura li l-process jigi terminat fi zmien ragjonevolment qasir, tenut kont tan-natura tal-vertenza u tal-kariga tal-persuna investigata, u wkoll kellha l-obbligu li ma taccettax xhieda li hi jidhrilha li ma kienux relevanti ghall-inkarigu taghha. Mill-atti ma jirrizultax li r-rikorrent kien gie impedut milli jressaq xhieda relevanti ghall-kaz tieghu.

**102.** Rigward it-talba maghmula lill-Kummissjoni ghas-soprassessjoni, ma jirrizultax li din b'xi mod illediet id-dritt fundamentali tar-rikorrent ghal smigh xieraq. Bil-fatt li l-Kummissjoni baqghet ghaddejja bil-proceduri skont il-mandat taghha, minkejja li l-vertenza dwar ir-rikuza kienet qed tigi kontestata fil-qrati kostituzzjonali, ma giex lez id-dritt tar-rikorrent. Fil-fatt il-proceduri kostituzzjonali kienu gew konkluzi b'ezitu sfavorevoli ghar-rikorrent.

**103.** Rigward l-ilment li r-rikorrent ma nghatax il-fakolta` li jezamina il-movent gdid tat-tieni Mozzjoni, din il-Qorti tosserva li fit-tieni Mozzjoni ma kien hemm xejn gdid mill-movent tal-ewwel Mozzjoni, u, ghalhekk anke jekk jigi koncess li l-Kummissjoni naqset milli tosserva l-ligi meta ma nnotifikatx lill-rikorrent bit-tieni Mozzjoni, dan xorta wahda ma jwassalx ghal vjolazzjoni tad-dritt tieghu ghal smigh xieraq. B’enfazi jinghad li ma jirrizultax li r-rikorrent sofra xi pregudizzju li jwassal ghall-lezjoni ta’ dan id-dritt fundamentali.

**104.** Rigward l-ilment tar-rikorrent li kemm l-Onorevoli Prim Imhallef li kien ippresjeda l-Kummissjoni fid-deliberazzjoni taghha dwar l-ewwel Mozzjoni, kif ukoll l-Avukat Generali, naqsu milli jastjenu milli joqghodu fuq il-Kummissjoni, din il-Qorti tosserva li, filwaqt li dawn dehrilhom li ma kienx hemm lok ghal tali astenzjoni, jiqba’ l-fatt li dawn ma gewx rikuzati mir-rikorrent f’ebda waqt sakemm il-Kummissjoni temmet xogholha, b’differenza minn zewg membri ohra li r-rikorrent kien talab ir-rikuza taghhom espressament u fetah proceduri quddiem il-qrati ta’ kompetenza kostituzzjonali dwar dak l-ilment. Ghalhekk l-ilment tieghu fir-rigward huwa manifestament fieragh.

**105.** Dwar l-ilment tieghu li meta t-tieni Mozzjoni giet riferuta lill-Kummissjoni, hija kellha tbiddel il-kompozizzjoni taghha sabiex it-tieni Mozzjoni tigi evalwata mill-Kummissjoni b’kompozizzjoni differenti, din il-Qorti tosserva li l-effett tal-mozzjoni mressqa mill-Kamra tad-Deputati f’Jannar 2014, kien biss dak li

terga’ tirrendi effikaci r-rapport li l-Kummissjoni intimata kienet baghtet lill-imsemmija Kamra aktar qabel dak ix-xahar. B’mod partikolari, minhabba li dak li ntalab fil-mozzjoni ta’ Jannar 2014 kien ikopri dak li dwaru l-Kummissjoni kienet stharrget fl-imsemmi rapport taghha, din il-Qorti taccetta l-fehema tal-ewwel Qorti li, ghalhekk, ma kien hemm xejn aktar x’isir min-naha tal-Kummissjoni intimata hlief il-konferma [jew ic-cahda] tal-konkluzjonijiet milhuqa minnha f’dak ir-rapport. Ghalhekk, ma kienx il-kaz li dan igib mieghu l-htiega ta’ ri-kompozizzjoni tal-Kummissjoni dwar it-tieni Mozzjoni.

**106.** Dwar il-fatt li l-proceduri quddiem il-Kummissjoni saru bil-maghluq, din il-Qorti tikkondividi dak osservat mill-ewwel Qorti, u cioe` li l-ligi fis-sub-inciz 7 tal-Artikolu 9 tal-Kap.369 tissalvagwardja kemm l-interessi tal-gudikant koncernat, kif ukoll dawk tal-gudikatura in generali billi ma tinghatax pubblicita` inutili fejn jirrizulta li l-akkuzi kontra l-gudikant ikunu infondati anke fuq bazi *prima facie*. Di fatti l-istess sub-inciz jaghmilha cara li kemm il-proponent tal-Mozzjoni kif ukoll il-gudikant investigat ghandu d-dritt li jkun prezenti tul il-procediment kollu, ghandu l-jedd li jipproduci xhieda kemm favur kif ukoll kontra l-kontenut tal-Mozzjoni, u wkoll ikun legalment assistit. Fil-kaz *de quo*, dawn id-drittijiet kollha kienu nghataw lir-rikorrent. Inoltre, ma jirrizultax li f’xi waqt tal-proceduri kien hemm xi ilment dwar li l-proceduri saru *in camera.* L-ilment tar-rikorrent dwar il-fatt li l-proceduri quddiem il-Kummissjoni saru bil-maghluq ikompli jiddghajjef fid-dawl tal-konsiderazzjoni li l-proceduri konsegwenzjali quddiem il-Kamra tad-Deputati jsiru bil-miftuh. Dan juri bic-car

li f'dan l-istadju l-ligi riedet li ma tinghatax pubblicita` lill-procedura sakemm ma jkunx gie konkluz li l-akkuzi kontenuti fil-Mozzjoni kienu *prima facie* gustifikati.

**107.** Fl-ahhar nett ir-rikorrent jilmenta mill-fatt li f'xi okkazzjonijiet kien hemm membri tal-Kummissjoni neqsin ghal-laqghat li nzammu minnha. Il-Qorti tosserva li, ghalkemm huwa minnu li kif jirrizulta mill-kopji tal-verbali tal-laqghat mizmuma mill-Kummissjoni, kien hemm xi membri neqsin ghal erba' laqghat, dan ma jfissirx li b'daqshekk gie lez id-dritt tas-smigh xieraq, ghax kif sewwa osservat l-ewwel Qorti dawn il-membri kellhom access kemm ghall-verbali u ghat-traskrizzjonijiet tax-xhieda kollha kif ukoll tad-dokumenti prezentati. Inoltre, mill-verbal tal-ahhar laqgha li nzammet fit-2 ta' Dicembru 2013[109] u li fiha saret trattazzjoni orali mid-difensuri tar-rikorrent, jirrizulta li kien hemm prezenti l-membri kollha.

**108.** Ir-rikorrent jilmenta wkoll li kien hemm nuqqas fil-proceduri mizmuma quddiem l-ewwel Qorti.

**109.** Rigward l-ilment tieghu inkwantu l-ewwel Qorti cahdet it-talba tieghu sabiex izid mar-rikors promotur tliet talbiet ohra indikati bhala [vii], [viii] u [ix],

[109] Fol.93

din il-Qorti tosserva li fid-digriet taghha tas-17 ta' April 2014 l-ewwel Qorti cahdet it-talba "inkwantu ma kinitx misthoqqa peress li huma assorbiti gja` fl-ewwel u fir-raba' talba tar-rikors promotur." Fil-fatt l-ewwel Qorti fis-sentenza taghha investiet il-vertenzi dwar dan l-aspett, u cioe` dwar allegazzjoni tieghu li l-process quddiem il-Kummissjoni kien null. Inoltre, din il-Qorti tosserva li t-talba numru [ix][110] ma kellhiex issir quddiem din il-Qorti imma quddiem il-Kamra meta din tibda tiddiskuti l-kaz.

**110.** Rigward l-ilment tieghu li ma thalliex iressaq bhala xhud lill-President u lill-Avukat Generali, din il-Qorti taghmel referenza ghall-konsiderazzjonijiet taghha dwar l-appell mid-digriet tas-17 ta' April 2014, u tirribadixxi li tenut kont tal-provi li tressqu, sewwa ghamlet dik il-Qorti li cahdet it-talba tieghu ghax ma kinitx necessarja fic-cirkostanzi.

**111.** Dwar l-imsemmi digriet ir-rikorrent jghid ukoll li ma saret ebda referenza ghar-replika maghmula mir-rikorrent b'nota studjata. Fir-rigward din il-Qorti tosserva li, mhuwiex mistenni li l-qorti gudikanti tinkludi fis-sentenza, jew fid-digriet moghti minnha l-argumenti kollha mressqa mill-partijiet. Dan ma jfissirx pero` li hi ma tkunx hadet konjizzjoni taghhom u ezaminathom. Ifisser biss li meta fis-sentenza fasslet il-motivazzjonijiet wara d-decizjoni taghha ma dehrilhiex li kellha ssemmi whud mis-sottomissjonijiet maghmula mill-partijiet.

[110] Din it-talba taqra hekk: "tiddikjara li kull min mill-membri Parlamentari li gja esprima gudizzju fil-kaz tieghu ghandu jkun prekluz milli jghaddi gudizzju ulterjuri *ex novo*."

**112.** Ir-rikorrent jilmenta wkoll dwar l-ispeditezza li biha l-ewwel Qorti mexxiet il-proceduri odjerni, u jsostni li “r-ritmu sfrenat” u l-mod “eccessivament mghaggel” kien tali li ma kellux z-zmien necessarju biex jipprepara ruhu. Din il-Qorti tosserva li tenut kont li kien l-istess rikorrent li pogga l-binarji lil fuqhom ressaq l-azzjoni tieghu, huwa kien f’pozizzjoni aktar vantaggjuza minn dik tal-intimati peress li qabel ma pprezenta r-rikors tieghu kellu z-zmien kollu sabiex jaghmel ix-xoghol preparattiv ghall-kaz tieghu. Barra minnhekk ma giex muri kif l-ispeditezza li biha tmexxew il-proceduri ssarfu fi pregudizzju ghalih. *Se mai* kien ir-rikorrent il-parti interessata sabiex il-proceduri ma jitnikkrux u ma jiddelungawx aktar milli kien bzonnjuz.

*It-tieni aggravju*

**113.** Dan jirrigwardja d-dritt tal-liberta` ta’ assocjazzjoni pacifika sancit fl-Artikolu 42[1] tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 11 tal-Konvenzjoni, citati fis-sentenza. Ir-rikorrent isostni li r-regola 9[d] tal-Kodici tal-Etika ghall-Gudikanti [il-Kodici] jilledi dawn l-artikoli. Jghid li, kemm dik ir-regola kif ukoll il-Linji Gwida anness mal-istess Kodici mhumiex ligi, u ghalhekk hu bhala gudikant mhux marbut bihom, izda huwa marbut biss b’dak li jghid l-Artikolu 16 tal-Kap.12.

**114.** L-ewwel Qorti ma laqghetx it-tezi tar-rikorrent, u osservat li l-kontenut tal-imsemmija regola u tal-Linji Gwida ma jirrestringux l-attivita` tal-gudikanti b'mod leziv tal-artikoli kostituzzjonali u konvenzjonali fuq citati, ghax dak li dawn jipprekludu jew jirrestringu mhuwiex id-dritt tal-liberta` ta' assocjazzjoni pacifika tal-gudikant, izda li dan jokkupa kariga ezekuttiva u li jippartecipa f'attivitajiet li jistghu jikkompromettu l-pozizjoni tieghu ta' gudikant. Fil-fatt il-Linji Gwida fis-sezzjoni dwar "Attivitajiet socjali, Kulturali u ohrajn, jibda billi jafferma d-dritt tal-gudikanti li jiehdu sehem f'attivitajiet kulturali, sportivi jew socjali u rikreattivi, kif ukoll il-fakulta` li jzommu karigi onorarji, izda mhux ezekuttivi, kemm f'Malta kif ukoll barra minn Malta, basta li din ma tinvolvix gbir ta' fondi minn terzi mhux membri tal-assocjazzjoni jew li tkun tehtieg talbiet ta' sponsorship jew talbiet ghal fondi mill-Gvern. Fuq livell generali ir-regola 9 tal-Kodici fis-sub-inciz [d] jistipula li l-gudikanti ma jistax ikollhom ebda kariga jew pozizzjoni jew iwettqu xi attivita` li fil-fehma tal-Kummissjoni *"tista' tikkomprometti jew tippregudika l-pozizzjoni taghhom, jew id-doveri jew il-funzjonijiet taghhom."*

**115.** Fir-rikors tal-appell tieghu r-rikorrent, filwaqt li jsostni li l-Kodici fil-regola 9[b] u l-Linji Gwidi jilledu d-dritt fundamentali tieghu skont l-artikoli precitati, jghid li l-interferenza imposta mill-iStat, tramite l-Kummissjoni, mhijiex legittima. Fir-rigward jibda biex jilmenta li l-kwistjoni li l-mizura trid tkun

*'prescribed by law'*[111] giet sollevata mill-intimati l-ewwel darba fin-nota tal-osservazzjonijiet taghhom u ghalhekk hu *"gie pprivat milli jressaq provi fuq dan il-punt fl-istadju opportun."* Ghalhekk qed jitlob li din "l-eccezzjoni" saret tardivament u ghandha tigi sfilzata.

**116.** Fit-tieni lok, ir-rikorrent jghid li l-Kodici mhuwiex ligi ghax "ma harigx la mill-Parlament u lanqas minn xi Ministru b'forza ta' xi ligi, la hu Avviz Legali u anqas ligi sussidjarja, [u] certament ma giex *"formulated with sufficient precision to enable the individual to regulate his conduct."* In sostenn ta' din it-tezi huwa jiccita kazistika lokali. Jargumenta li:

> "Id-diversi stqarrijiet tal-istess Kummissjoni [li ma sarux provi dwarhom minhabba li din l-eccezzjoni ma gietx sollevata qabel il-prezentata tan-noti tal-osservazzjonijiet] dejjem sostnew li l-Kummissjoni, m'ghandhiex snien, u min m'ghandux snien jista' jaghmel il-ligijiet! U kieku kellha l-poter taghmel ligi ma kinitx taghmilha mill-2007!"

**117.** Inoltre, l-Kodici mfassal fis-sena 2000, li ghalih kien iffirma r-rikorrent ukoll u li ma kienx jikkontjeni l-paragrafu 9[d], kien sostanzjalment mibdul fis-sena 2004 u ghal dan ma kien iffirma ebda gudikant. Imbaghad, b'referenza ghall-kundizzjonijiet tal-kariga tieghu, jiccita l-Artikolu 107[3] tal-Kostituzzjoni u jissenjala l-fatt li l-imsemmi paragrafu kien iddahhal fil-Kodici wara li hu kien

[111] Art.11 [2] - Konvenzjoni

diga` jokkupa l-kariga ta' lmhallef, u ghalhekk l-emendi li saru fil-Kodici wara l-hatra tieghu mhumiex applikabbli ghalih.

**118.** B'referenza ghall-osservazzjoni tal-ewwel Qorti li l-liberta` ta' assocjazzjoni mhijiex mittiefsa stante li l-Kodici jimpedixxi biss li gudikanti jkollhom kariga jew pozizzjoni f'assocjazzjoni, jissottometti li r-regola 9[d] fil-fatt jghid izjed minn hekk, jghid li gudikanti ma *"jistghux jwettqu xi attivita` li fil-fehma tal-Kummissjoni ghall-Amministrazzjoni tal-Gustizzja tista' tikkomprometti jew tippregudidka l-pozizzjoni taghhom, jew id-doveri jew il-funzjonijiet taghhom."* Ghalhekk din ir-regola ma tolqotx biss il-kariga jew il-pozizzjoni fl-assocjazzjoni ta' gudikant, izda tirrestringi t-tip ta' attivita` li jista' jizvolgi fl-istess assocjazzjoni.

**119.** Ir-rikorrent jiccita decizjoni[112] tal-Qorti Ewropeja dwar ir-rekwiziti li ghandha jkollha interferenza mill-iStat sabiex tkun kompatibbli mal-Artikolu 11 tal-Konvenzjoni:

> *"27. In order to be compatible with Article 11, such interference must satisfy three conditions: it must be 'prescribed by law', pursue one or more legitimate aims under paragraph 2, and be 'necessary in a democratic society' for the achievement of the aim or aims."*

[112] Maestri vs Italy

**120.** Jghid li d-decizjoni tal-Kummissjoni li tinserixxi r-regola fuq indikata "ma saritx bl-iskop li jigi segwit xi ghan legittimu" indikat fil-paragrafu 2 tal-Artikolu 11.

**121.** Jiccita sentenzi tal-Qorti Ewropeja fis-sens li l-iStati ghandhom *margin of appreciation* limitat *"in determining whether a necessity within the meaning of Article 11[2] exists"*[113]*.* Jiccita wkoll sentenza dwar it-tifsira tat-terminu *"necessary"* fis-sens li din *"implies the existence of a pressing social need."*[114] Dwar x'jikkostitwixxi *"pressing social need"* wara li jiccita bran minn sentenza[115] tal-Qorti Ewropeja, jghid li *"Zgur li l-imposizzjoni tal-Kummissjoni fuq ir-rikorrent ma tistax titqies bhala intiza ghal biex tinzamm l-ordni fil-pajjiz."*

**122.** Dwar l-element tal-prevedibbilita`, ir-rikorrent jghid li anke l-ewwel Qorti osservat li t-termini tal-paragrafu 9[d] huma generici, izda jikkritika dik il-parti tas-sentenza appellata fejn hemm referenza ghal-Linji Gwida annessi mal-Kodici, u jghid li dawn il-Linji Gwidi ma jistghux jitqiesu bhala ligi, u li l-materja kienet regolata biss bl-Artikolu 16 tal-Kap.12. Jghid li tant ma kinitx prevedibbli li l-kariga li kellu fil-KOM setghet twassal ghall-ksur tal-ligi u ghat-tnehhija tieghu mill-kariga ta' imhallef, li ghal seba' snin shah l-Kummissjoni ma setghet taghmel xejn ghax ma kien hemm ebda ligi. Jistaqsi: "U jekk kien

[113] Batasuna v Spain
[114] Willie v Liechtenstein
[115] Grande Oriente D'Italia de Palazzo Giustiniani v italy

hemm ligi ghaliex il-Kummissjoni li baghtet tant ittri lir-rikorrent fuq tant aspetti, ghaliex qatt ma kitbitlu li qed jikser il-ligi u din sejra twassal ghat-tnehhija tieghu minn gudikant?"

**123.** Isostni li bl-istess osservazzjoni maghmula mill-ewwel Qorti dwar il-fatt ta' ritratti tar-rikorrent akkompanjat ma' rapprezentanti tal-Gvern bhala li f'ghajnejn ic-cittadin dan jista' johloq xi dubju fi proceduri legali kontra l-Gvern, allura bl-istess argument il-gudikanti ma jistghux jattendu aktar stediniet formali tal-Gvern u tal-Parlament, u lanqas ma jattendu ghal konferenzi internazzjonali ghax ikunu mibghuta mill-Gvern.

**124.** Ir-rikorrent jghaddi mbaghad sabiex jitratta l-aspett tal-proporzjonalita` tal-inteferenza fid-dritt tieghu in dizamina, u jsostni li l-fatt li l-iStat dam seba' snin shah sakemm applika din il-mizura kontra tieghu, jimmilita kontra t-tezi tan-necessita` taghha, tal-proporzjonalita` taghha, kif ukoll tal-ghan legittimu.

**125.** Fil-parti konkluzjonali tar-rikors tieghu jghid li gudikant mhuwiex bhal impjegat civili li l-lejalta` tieghu hija lejn il-*policy* tal-Gvern tal-gurnata. Il-lejalta` tal-gudikant hija lejn il-ligi tal-iStat tant li jista' jaqta' kawzi kontra l-Gvern. Huwa *"a public office holder"* izda mhuwiex responsabbli ghall-

amministrazzjoni tal-iStat, anzi ghandu wkoll il-funzjoni li jipprotegi lic-cittadin bhal fil-kaz tal-istharrig gudizzjarju ta' azzjoni amministrattiva.

**126.** Din il-Qorti ezaminat ukoll ir-risposti tal-intimati u, stante li tikkondividi whud mill-argumenti sottomessi minnhom, ser tissenjalahom fil-konsiderazzjonijiet taghha.

*Konsiderazzjonijet ta' din il-Qorti*

**127.** Fl-ewwel lok, b'referenza ghat-talba tar-rikorrent sabiex din il-Qorti tiskarta s-sottomissjoni tal-intimati dwar il-legittimita` tal-mizura din il-Qorti tosserva li kemm ir-risposta tal-Prim Ministru kif ukoll tal-Kummissjoni huma mfassla b'mod generiku, u cioe` li l-allegazzjoni li l-paragrafu 9[d] huwa vjolattiv tal-Artikoli 42 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 11 tal-Konvenzjoni hija infondata. Din l-eccezzjoni wiesa' b'mod, li taghti spazju lill-intimati sabiex matul il-process jissollevaw il-punti kollha in sostenn tal-eccezzjoni taghhom. Inoltre, it-talba tar-rikorrent biex il-Qorti tezamina l-ilment tieghu anke fil-kuntest tal-artikoli fuq imsemmija, necessarjament tinvolvi lill-Qorti f'ezami tal-elementi kollha formanti parti minn dawk l-artikoli, inkluz allura l-legittimita` tal-

mizura li minnu qed jilmenta. Apparti minnhekk dan ma kien ta' ebda pregudizzju ghar-rikorrent li fir-rikors tal-appell ittratta dan il-punt b'mod ezawrjenti.

**128.** L-ewwel Qorti osservat li mill-atti jirrizulta li l-oggezzjoni tal-Kummissjoni fil-konfront tar-rikorrent ma kinitx gejja mill-fatt li hu kien membru ta' socjeta` sportiva, izda mill-kariga ezekuttiva li hu kien qed jokkupa f'dik is-socjeta` u minhabba li skont il-Kummissjoni din ma kienitx kompatibbli mal-kariga tieghu ta' Imhallef tant li kienet idderigiet lir-rikorrent sabiex jitlaq mill-kariga ta' President tal-KOM.[116] Fi kliem iehor, dak li jmur kontra r-regola 9 tal-Kodici u l-Linji Gwidi, ma kienx il-fatt li r-rikorrent, kien membru tal-KOM, izda il-fatt li dan kellu kariga ezekuttiva f'din l-assocjazzjoni li, fil-fehma tal-Kummissjoni, kienet inkompatibbli mar-rwol tieghu ta' gudikant peress li din setghet timmina l-fiducja fost ic-cittadini, li l-kariga ta' gudikant necessarjament iggib maghha.[117]

**129.** Din il-Qorti tikkondividi l-hsieb tal-ewwel Qorti li r-regola 9[f] kif spjegat bil-Linji Gwida anness mieghu ma jimmilitax kontra d-dritt ta' assocjazzjoni ta' gudikant, izda biss tillimitah fil-karigi jew pozizzjonijiet li dan jista' jokkupa f'assocjazzjoni, u fl-attivitajiet li jista' jwettaq meta dawn jistghu jikkompromettu l-pozizzjoni u l-funzjoni tieghu bhala gudikant.

[116] Ara decizjoni tal-Kummissjoni, tas-6 ta' Jannar 2014 – fol.96
[117] Fol.97

**130.** Ir-rikorrent jilmenta li r-restrizzjoni dwar l-“attivitajiet” hija leziva ta’ dan id-dritt tieghu, u jsostni li din l-interferenza m’ghandhiex bazi legittima, ghax mhijiex preskritta b’ligi, mhijiex necessarja f’socjeta` demokratika ghall-ghanijiet kontemplati fil-paragrafu 2 tal-Artikolu 11. Inoltre, tippekka kontra l-principju tal-prevedibbilita` ghax ir-regola 9[d] hija mfassla f’termini generici, u tippekka wkoll kontra l-principju tal-proporzjonalita`.

**131.** Rigward il-legittimita`, din il-Qorti tikkondividi l-konsiderazzjoni tal-ewwel Qorti li, minkejja li din ir-regola mhijiex inkorporata f’ligi, izda mill-banda l-ohra ghandha l-bazi, mhux biss fil-ligi domestika ordinarja izda fl-oghla ligi tal-pajjiz. Di fatti l-Artikolu 101A[11] tal-Kostituzzjoni jaghti lill-Kummissjoni l-funzjoni li tifformula kodicijiet ta’ etika li jirregolaw l-imgieba tal-membri tal-gudikatura. Ghalhekk l-argument li l-Kodici, bil-Linji Gwidi annessi mieghu, m’ghandux bazi legali hija manifestament insostenibbli.

**132.** Fir-rigward ta’ tfassil ta’ ligijiet huwa relevanti hafna dak li osservat il-Qorti Ewropeja fil-kaz **Gorzelik and Others v. Poland** [appl.44158/04 deciz fis-17 ta’ Frar 2004], citat mill-Kummissjoni:

> *“64. The Court reiterates that the expression “prescribed by law” requires firstly that the impugned measure should have a basis in domestic law. It also*

*refers to the quality of the law in question, requiring that it be accessible to the persons concerned and formulated with sufficient precision to enable them – if need be, with appropriate advice – to foresee, to a degree that is reasonable in the circumstances, the consequences which a given action may entail and to regulate their conduct. However, it is a logical consequence of the principle that laws must be of general application that the wording of statutes is not always precise. The need to avoid excessive rigidity and to keep pace with changing circumstances means that many laws are inevitably couched in terms which, to a greater or lesser extent, are vague. The interpretation and application of such enactments depend on practice (see Rekvényi v. Hungary [GC], no. 25390/94, ECHR 1999-III, § 34 and, as a recent authority, Refah Partisi (The Welfare Party) v. Turkey [GC], nos. 41340/98, 41342/98,41343/98 and 41344/98, to be published in ECHR 2003-..., § 57, with further references).*

*"65. The scope of the notion of foreseeability depends to a considerable degree on the content of the instrument in question, the field it is designed to cover and the number and status of those to whom it is addressed. It must also be borne in mind that, however clearly drafted a legal provision may be, its application involves an inevitable element of judicial interpretation since there will always be a need for clarification of doubtful points and for adaptation to particular circumstances. A margin of doubt in relation to borderline facts does not by itself make a legal provision unforeseeable in its application. Nor does the mere fact that such a provision is capable of more than one construction mean that it fails to meet the requirement of "foreseeability" for the purposes of the Convention. The role of adjudication vested in the courts is precisely to dissipate such interpretational doubts as remain, taking into account the changes in everyday practice (cf. Refah Partisi (The Welfare Party) v. Turkey and Rekvényi v. Hungary cited above)."*

**133.** Rigward ir-rekwizit tal-prevedibilita`, din il-Qorti tosserva li kif qalet il-Qorti Ewropeja fil-kaz **Batasuna v. Spain** [appl.25803/04 u 25817/04 deciz 30 ta' Gunju 2009:

*"The law should be adequately accessible and foreseeable, that is, formulated with sufficient precision to enable the individual – if need be with appropriate advice – toregulate his conduct."*

**134.** Fil-kaz odjern kemm il-Kodici kif ukoll il-Linji Gwida kienu u huma accessibbli ghal gudikanti kollha, u, ghalkemm il-paragrafu 9[d] jitkellem dwar “attivitajiet”, il-Linji Gwida jispjegaw b’mod car dawk l-attivitajiet li gudikant jista’ jiehu sehem fihom, u l-karigi li jista’ jokkupa u dawk li ma jistax jokkupa. Fuq kollox, tajjeb li wiehed izomm quddiem ghajnejh li l-Kodici tal-Etika ma jimponi l-ebda regola jew norma gdida, izda kulma jaghmel huwa biss dak li jigbor fih sensiela ta’ principji ta’ mgieba xierqa dettata mill-buon sens, li kull gudikant ghandu jaghraf ihares, ukoll fin-nuqqas ta’ kompendju formali miktub.

**135.** Rigward il-prevedibilita` tal-mizura li ttiehdet kontra tieghu, l-Artikolu 97 tal-Kostituzzjoni jitkellem b’mod car dwar x’mizura tista’ tittiehed kontra gudikant f’kaz ta’ imgieba hazina, u ghalhekk gudikant jista’ jiddeduci b’mod ragjonevoli li jekk ma jimxix mar-rekwiziti tal-Kodici b’mod li jippregudika l-kariga tieghu ta’ imhallef hemm konsegwenzji serji li jistghu jwasslu ghat-tnehhija tieghu mill-kariga li jokkupa. Inoltre kif jirrizulta mid-decizjoni tal-Kummissjoni tas-6 ta’ Jannar 2014[118], sa mis-sena 2007 il-Kummissjoni kienet avzatu li l-pozizzjoni tieghu ta’ kariga ezekuttiva fil-KOM ma kinitx kompatibbli mar-regola 9[d] tal-Kodici u l-Linji Gwida u, billi ma rcevietx risposta, b’ittra tas-7 ta’ Awwissu 2007 il-Kummissjoni nfurmatu li *“Qieghda formalment tigbidlek l-attezzjoni skont l-Artikolu 101A[11][f] tal-Kostituzzjoni li l-agir tieghek jolqot il-*

[118] Supra

*fiducja li ghandek minhabba l-kariga tieghek u li inti qed tonqos li timxi skont il-Kodici tal-Etika ghall-Gudikanti".* Minkejja dan l-avviz mill-Kummissjoni, ir-rikorrent baqa' jippersisti fl-imgieba tieghu ghal snin shah sakemm fl-ahhar giet prezentata fil-Parlament mozzjoni ghat-tnehhija tieghu wara li nqala' l-incident rigwardanti l-bejgh tal-biljetti.

**136.** Fil-fehma ta' din il-Qorti dawn il-konsiderazzjonijiet igibu fix-xejn l-argument li l-mozzjoni ghat-tnehhija tieghu minhabba l-ksur tal-Kodici da parti tieghu ma kinitx mizura prevedibbli.

**137.** Rigward l-element tal-proporzjonalita` l-Qorti taqbel mas-sottomissjoni maghmula mill-Kummissjoni li r-regola 9[d] kif imfissra aktar fil-Linji Gwida hi mahsuba mhux biex tillimita gudikant milli jassocja ruhu, imma biex twaqqfu milli jokkupa karigi, kif ukoll jippartecipa f'attiivitajiet li ma jkunux denji tal-kariga tieghu ta' gudikant. Hemm htiega oggettiva li gudikant jibqa' distakkat. Ghandu jkun pacifiku li gudikant m'ghandux jokkupa karigi ohra li jistghu jqeghduh f'sitwazzjonijiet difficli. Din il-projibizzjoni mhux biss mhijiex arbitrarja izda hija mehtiega ghall-amministrazzjoni tal-gustizzja kif jixraq. Il-kariga ta' gudikant hija wahda mill-oghla karigi fil-pajjiz u ghandu jigi zgurat li gudikant jibqa' indipendenti, lejali lejn il-kariga tieghu u ma ghandu jaghmel xejn li jista' jitfa' xi dubju, fil-fatt jew bid-deher, dwar l-indipendenza, l-integrita` u l-lejalta` tieghu lejn il-kariga tieghu. Ghalhekk ghandu jkun car li gudikant ma ghandux

jokkupa kariga ohra fis-socjeta` li tista' b'xi mod tolqot il-fiducja li jista' jkollha s-socjeta` fil-gudikatura.

**138.** Fid-dawl tal-premess ghandu jkun car li r-restrizzjoni kontemplata fir-regola 9[d] tal-Kodici li gudikant ma jiehux sehem f'attivitajiet li jistghu jikkompromettu jew jippregudikaw il-pozizzjoni jew doveri tieghu ma tistax titqies bhala mizura sproporzjonata ghall-ghan legittimu taghha li tassigura li l-fiducja tas-socjeta` fil-gudikant ma tigix pregudikata.

**139.** L-incident tal-biljetti li fih safa involut ir-rikorrent hija prova cara tan-necessita` ta' tali mizura. Fir-rigward huwa relevanti dak li osservat il-Kummissjoni fid-decizjoni taghha:

> "Ma jirrizultax li l-Imhallef Farrugia Sacco kien effettivament involut fin-negozju illecitu ta' biljetti. Biss l-allegazzjonijiet u l-proceduri konnessi fuq imsemmijin, u l-pubblicita' li giet moghtija lilhom kienu rizultat dirett tal-inottemperanza tieghu mad-direttiva moghtija minn din il-Kummissjoni bl-ittra tas-7 ta' Awissu 2007. Dan kollu jnaqqas mill-gieh u r-rispett li l-Gudikatura ghandha tispira, u jimmina l-fiducja tal-pubbliku fl-operat taghha….."[119]

**140.** Finalment, rigward ir-referenza maghmula mir-rikorrent ghar-rapport tas-sottokummissjoni prezentat lill-Kummissjoni fil-25 ta' Frar 2004, din il-Qorti

[119] Fol.98

tosserva li dan kien qabel l-emendi li saru fit-18 ta' Mejju 2004 ghall-Kodici li permezz taghhom giet mibdula r-regola 9 kif taqra llum.

Ghaldaqastant dan l-aggravju huwa infondat u qed jigi michud.

**L-Appelli Incidentali**

**141.** Dawn l-appelli jikkoncernaw ic-cahda da parti tal-ewwel Qorti tat-tielet eccezzjoni preliminari tal-Avukat Generali, u l-ewwel u t-tielet eccezzjoni preliminari tal-Kummissjoni, liema eccezzjonijiet jirrigwardjaw il-gurisdizzjoni o meno tal-qrati kostituzzjonali li jissindikaw l-operat tal-Kummissjoni, u l-applikabbilita` o meno tal-Artikolu 39[2] u [3] tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 6 [1] tal-Konvenzjoni ghall-proceduri quddiem il-Kummissjoni.

**142.** Il-Kummissjoni intimata ssostni li l-operat taghha huwa ezenti mill-iskrutinju tal-qrati, u dan billi skont l-Artikolu 101[14] tal-Kostituzzjoni "il-kwistjoni jekk il-Kummissjoni tkunx qdiet validament xi funzjoni moghtija lilha bi jew skont il-Kostituzzjoni ma ghandhiex tigi ezaminata minn ebda qorti."

**143.** Fir-rigward il-Qorti taghmel referenza ghal dak osservat mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili u konfermat espressament minn din il-Qorti, diversament presjeduta, li:

> "Fi stat ta' dritt, hadd ma hu fuq il-ligi, u l-kummissjoni imwaqqfa that il-ligi biex hi wkoll thares il-ligi, tkun hielsa minn skrutinju mill-qrati fil-kaz biss li s-setghat taghha tinqeda bihom skond il-ligi; jekk tmur lil hemm minn dawn is-setghat, u tfassal principji anti-Kostituzzjonali, tkun kisret il-ligi, u l-qrati – l-organu fdat bid-dmir li jara l-ligi tithares – ihassru dak li tkun ghamlet hazin."[120]

**144.** Ghaldaqstant din il-Qorti tikkunsidra dan l-aggravju infondat.

**145.** Rigward it-tieni aggravju tal-Kummissjoni u l-aggravju tal-Avukat Generali, li jirrigwadjaw l-applikabbilita` o meno tal-principju tad-dritt ghal smigh xieraq protett fl-artikolu fuq citati, din il-Qorti tirreferi ghall-konsiderazzjonijiet relevanti maghmula minnha fil-kaz **L-Imhallef Dottor Carmelo sive Lino Farrugia Sacco v. L-Onor.Prim Ministru**, deciz fis-27 ta' Jannar 2014 u taddottahom fl-intier taghhom.

**146.** Tikkunsidra pero` opportun li tissottolinea li, ghalkemm fil-kaz ta' sejbien *prima facie* ta' imgieba hazina da parti ta' imhallef, il-proceduri quddiem il-Kummissjoni jitqiesu bhala parti minn process shih, u cioe` l-ewwel parti qabel

---

[120] PA[SK] Onor.Imhallef Anton Depasquale vs l-Onor.Prim Ministru, deciza 29 ta' Jannar 1999, u konfemrata minn din il-Qorti fl-4 ta' Settembru 2000 [Vol.LXXXIV.I.351]

ma l-kaz jibda jinstema’ *ex novo* mill-Kamra tad-Deputati, fil-kaz li ma jkunx hemm sejbien ta’ imgieba hazina, il-process fuq il-mozzjoni partikolari jieqaf hemm u ma jistax ikompli jigi segwit bi proceduri quddiem il-Kamra[121]. Ghalhekk johrog car li f’dan l-ahhar kaz id-decizjoni tal-Kummissjoni fuq dik il-mozzjoni partikolari tkun iddeterminat il-kwistjoni. Ghal din ir-raguni din il-Qorti ma tistax taqbel ma’ dak sostnut mill-intimati, b’mod partikolari mill-Avukat Generali, li r-rwol tal-Kummissjoni huwa purament wiehed investigattiv u xejn aktar.

**147.** B’zieda ma’ dan, il-Qorti tirreferi wkoll ghad-dispozizzjonijiet tas-sub-incizi [3] u [7] tal-Artikolu 9 tal-Kap.369 li juru bic-car li l-hsieb hu li jiddahhlu fi procedimenti bhal dawn quddiem il-Kummissjoni dawk is-salvagwardi procedurali bazilari li jiggarantixxu lill-gudikant li jkun smigh li jhaddem safejn jista’ jkun il-htigijiet ta’ smigh xieraq.[122]

**148.** Rigward l-fattur tal-i*special bond of trust and loyalty* imsemmi fil-kazijiet *Pelligrin*[123] u *Eskelinen*[124], u li fuqu jidher li dawn l-intimati qed iqisu bhala raguni oggettiva li tiggustifika l-inapplikabilita` tal-Artikolu 6 fil-konfront tar-rikorrent fi proceduri quddiem il-Kummissjoni, din il-Qorti tosserva li imhallef

[121] Art.9[4] Kap.369
[122] Kawza 3/13 L-Imhallef Dottor Carmelo Farrugia Sacco vs L-Onor.Prim Ministru et [supra]
[123] Supra
[124] Supra

ma jaqax f'dik il-kategorija. Dan gie rikonoxxut fil-kaz *Olujic* [125] fejn il-Qorti Ewropeja espressament osservat:

> *"78.The Court considers that as regards disciplinary proceedings against a judge, equality of arms implies that the judge whose office is at stake must be afforded a reasonable opportunity to present his or her case – including his or her evidence – under conditions that do not place him or her at a substantial disadvantage vis-à-vis the authorities bringing those proceedings agaisnt a judge, namely, in the present case, the Government. It is left to the national authorities to ensure in each individual case that the requirements of a fair hearing are met."*

**149.** Ghaldaqstant dawn iz-zewg aggravji huma infondati u qed jigu michuda.

**Decide**

Ghar-ragunijiet premessi tichad l-appell principali kif ukoll l-appelli incidentali.

L-ispejjez tal-appell principali ghandhom jigu sopportati mir-rikorrent, filwaqt li dawk tal-appell incidentali mressaq mill-intimat Avukat Generali ghandhom ikunu a karigu tal-istess intimat u dawk tal-appell incidentali tal-Kummissjoni ghall-Amministrazzjoni tal-Gustizzja ghandhom ikunu a karigu tal-istess Kummissjoni.

[125] Supra

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------